IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 5.7.2016
COM(2016) 444 final

ANNEX 8 – PART 3/3

ANNESS

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv bejn il-Kanada, minn naħa, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra

Skeda tal-Parti tal-UE
Riżervi applikabbli fl-Unjoni Ewropea
(applikabbli fl-Istati Membri kollha tal-UE sakemm mhux indikat mod ieħor)

Settur:	Setturi kollha
Sottossettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Livell tal-UE - Nazzjonali
Miżuri:	Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Deskrizzjoni:	**Investiment** Il-kumpaniji jew intrapriżi fformati f'konformità mal-liġi ta' Stat Membru tal-UE u li għandhom l-uffiċċju reġistrat, amministrazzjoni ċentrali jew post prinċipali tan-negozju tagħhom fl-UE, inkluż dawk stabbiliti fl-Istati Membri tal-UE minn investituri Kanadiżi, huma intitolati li jirċievu t-trattament mogħti permezz tal-Artikolu 54 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. It-tali trattament ma jingħatax lil fergħat jew aġenziji ta' kumpaniji jew intrapriżi stabbiliti barra mill-UE.

	It-trattament mogħti lil kumpaniji jew intrapriżi fformati minn investituri Kanadiżi f'konformità mal-liġi ta' Stat Membru tal-UE, u li għandhom l-uffiċċju reġistrat, amministrazzjoni ċentrali jew post prinċipali tan-negozju tagħhom fl-UE, huwa mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe kundizzjoni jew obbligu, f'konformità mal-Kapitolu Tmienja (Investiment), li seta' ġie impost fuq it-tali kumpaniji jew intrapriżi meta ġew stabbiliti fl-UE u li jibqgħu japplikaw.
Settur:	Servizzi ta' riċerka u żvilupp
Sottosettur:	Servizzi ta' riċerka u żvilupp sperimentali dwar ix-xjenzi naturali u inġinerija, ir-riċerka interdixxiplinari u servizzi ta' żvilupp sperimentali
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 851, CPC 853
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Livell tal-UE - Nazzjonali - Reġjonali
Miżuri:	Il-programmi qafas kurrenti jew futuri kollha dwar ir-riċerka tal-UE jew l-innovazzjoni, li jinkludu Regoli tal-FP7 għall-Parteċipazzjoni u regolamenti li jappartjenu għall-Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti (Joint Technology Initiatives, JTI), id-Deċiżjonijiet dwar l-Artikolu 185, il-Programm għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (Competitiveness and Innovation Programme, CIP) u l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (European Institute for Innovation and Technology, EIT), kif ukoll programmi nazzjonali, reġjonali jew lokali eżistenti u futuri.
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Għal servizzi ta' riċerka u żvilupp iffinanzjati pubblikament (RuŻ) li jibbenefikaw minn finanzjament ipprovdut mill-UE fil-livell tal-UE, id-drittijiet jew awtorizzazzjonijiet esklużivi jistgħu jingħataw biss lil ċittadini tal-Istati Membri tal-UE u lill-persuna ġuridiċi tal-UE li għandhom l-uffiċċju reġistrat, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negozju tagħhom fl-UE.

	Għal servizzi ta' RuŻ iffinanzjati pubblikament li jibbenefikaw minn finanzjament ipprovdut minn Stat Membru, id-drittijiet jew awtorizzazzjonijiet esklużivi jistgħu jingħataw biss lil ċittadini tal-Istat Membru tal-UE kkonċernat u lill-persuni ġuridiċi tal-Istat Membru kkonċernat li għandhom il-kwartieri tagħhom f'dak l-Istat Membru. Din ir-riżerva hija mingħajr preġudizzju għall-esklużjoni ta' akkwist pubbliku minn Parti, sussidji jew sostenn tal-gvern għal negozju f'servizzi fl-Artikoli 8.15(5)(a) u (b), u 9.2(2)(f) u (g) rispettivament.
Settur:	Servizzi tas-saħħa, servizzi soċjali u edukattivi
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 92, CPC 93
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Livell tal-UE - Nazzjonali - Reġjonali
Miżuri:	Kif stipulat fit-taqsima tad-**Deskrizzjoni**

Deskrizzjoni:

Investiment

Kull Stat Membru tal-UE, meta jbigħ jew jiddisponi mill-interessi ta' ekwità tiegħu, jew l-assijiet ta' intrapriża tal-istat eżistenti jew entità tal-Istat eżistenti li tipprovdi servizzi tas-saħħa, soċjali jew edukattivi, jista' jipprojbixxi jew jimponi limitazzjonijiet fuq is-sjieda ta' interessi jew assijiet tali, u fuq l-abbiltà tal-proprjetarji ta' interessi jew assijiet tali biex jikkontrollaw kull impriża li tirriżulta, minn investituri tal-Kanada jew ta' pajjiż terz jew l-investimenti tagħhom. Fir-rigward tat-tali bejgħ jew dispożizzjoni oħra, kull Stat Membru tal-UE jista' jadotta jew iżomm kull miżura dwar in-nazzjonalità ta' maniġment superjuri jew membri tal-bordijiet tad-diretturi, kif ukoll kull miżura li tillimita n-numru ta' forniturі.

Għall-għanijiet ta' din ir-riżerva:

(a) kull miżura miżmuma jew adottata wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim li, fil-ħin tal-bejgħ jew dispożizzjoni oħra, tipprojbixxi jew timponi limitazzjonijiet fuq is-sjieda tal-interessi ta' ekwità jew assijiet jew timponi rekwiżiti ta' nazzjonalità jew timponi limitazzjonijiet fuq in-numri ta' forniturі deskritti f'din ir-riżerva titqies bħala miżura eżistenti; u

(b) "intrapriża tal-Istat" tfisser kull intrapriża kkontrollata permezz ta' interessi proprjetarji minn kull Stat Membru tal-UE u tinkludi kull intrapriża stabbilita wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim unikament għall-għanijiet ta' bejgħ jew dispożizzjoni ta' interessi ta' ekwità, jew l-assijiet ta' intrapriża tal-Istat jew entità tal-gvern eżistenti.

Settur: Agrikoltura

Sottosettur:

Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Rekwiżiti ta' prestazzjoni
Livell ta' Gvern:	Livell tal-UE
Miżuri:	Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1234/2007/KE tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS)
Deskrizzjoni:	**Investiment** L-aġenziji ta' intervent maħtura mill-Istati Membri tal-UE jixtru ċereali li jkunu ġew maħsuda fl-UE. Ebda rifużjoni għall-esportazzjoni ma tingħata fuq ross importat u esportat mill-ġdid lejn il-Kanada jew kwalunkwe pajjiż terz. Biss il-produtturi tar-ross tal-UE jistgħu jitolbu pagamentii kompensatorji.
Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi ta' kontabilità u awditjar
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 8621
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Livell tal-UE - Nazzjonali - Reġjonali
Miżuri:	Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE

Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** L-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tal-UE tista' tirrikonoxxi l-ekwivalent tal-kwalifiki ta' awditur li huwa ċittadin tal-Kanada jew ta' kwalunkwe pajjiż terz sabiex tapprovahom sabiex jaġixxu bħala awditur statutorju fl-UE suġġett għal reċiproċità.
Settur:	Servizzi tal-komunikazzjoni
Sottosettur:	Servizzi postali
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Parti minn CPC 71235, parti minn CPC 73210, parti minn 751,
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Livell tal-UE - Nazzjonali - Reġjonali
Miżuri:	Id-Direttiva 97/67/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 1997 dwar regoli komuni għall-iżvilupp tas-suq intern tas-servizzi postali tal-Komunità u t-titjib fil-kwalità tas-servizz, kif emendat bid-Direttiva 2002/39/KE u d-Direttiva 2008/06/KE
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Fl-UE, l-organizzazzjoni tat-tqegħid tal-kaxxi tal-ittri fuq l-awtostrada pubblika, il-ħruġ ta' bolli postali u s-servizz ta' posta reġistrata użat matul proċeduri ġudizzjali jew amministrattivi tista' tiġi ristretta f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali. Is-sistemi ta' liċenzji jistgħu jiġu stabbiliti għal dawk is-servizzi li għalihom hemm Obbligu ta' Servizz Universali. Dawn il-liċenzji jistgħu jkunu suġġetti għal obbligi partikolari ta' servizz universali jew kontribuzzjoni finanzjarja għal fond ta' kumpens.

Settur:	Trasport
Sottosettur:	Servizzi ta' sostenn għal trasport bl-ajru
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Kiri ta' inġenji tal-ajru
Tip ta' Riżerva:	CPC 7461, CPC 7469, CPC 83104 Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq It-trattament l-aktar favorit tal-pajjiż
Livell tal-Gvern:	Livell tal-UE - Nazzjonali - Reġjonali
Miżuri:	Ir-Regolament Nru 1008/2008/KE tal-24 ta' Settembru 2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità Id-Direttiva 96/67/KE tal-15 ta' Ottubru 1996 dwar l-aċċess għas-suq tal-groundhandling fl-ajruporti tal-Komunità Ir-Regolament 2009/80/KE tal-14 ta' Jannar 2009 dwar Kodiċi ta' Mġiba għal sistemi ta' reżervazzjoni kompjuterizzati.
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** L-inġenji tal-ajru wżati mill-kumpaniji tal-ajru tal-UE jridu jkunu reġistrati fl-Istat Membru tal-UE li jagħti l-liċenzja lill-operatur jew, jekk l-Istat Membru tal-UE li jagħti l-liċenzja jippermetti dan, x'imkien ieħor fl-UE. Sabiex ikun irreġistrat, l-inġenji tal-ajru jistgħu jkunu rikjesti li jkunu l-proprjetà ta' persuni fiżiċi li jissodisfaw ċerti kriterji speċifiċi ta' nazzjonalità jew ta' intrapriżi li jissodisfaw kriterji speċifiċi dwar sjieda ta' kapital u kontroll.

Bħala eċċezzjoni, l-inġenji tal-ajru reġistrati fil-Kanada jistgħu jiġu mikrija minn kumpanija tal-ajru Kanadiża lil kumpanija tal-ajru tal-UE taħt ċerti kundizzjonijiet - għall-kumpanija tal-ajru tal-ħtiġijiet eċċezzjonali tal-UE, il-ħtiġijiet ta' kapaċità skont l-istaġun, jew il-ħtiġijiet biex jiġu megħluba diffikultajiet operazzjonali, li ma jistgħux raġonevolment jiġu sodisfatti permezz ta' kera ta' inġenji tal-ajru rreġistrati fl-UE, u suġġett għall-kisba tal-approvazzjoni għal perjodu ta' żmien limitat mill-Istat Membru tal-UE.

Għas-servizzi ta' groundhandling, jista' jiġi meħtieġ l-istabbiliment fit-territorju tal-UE. Il-livell ta' aċċess miftuħ għas-servizzi ta' groundhandling jiddependi fuq id-daqs tal-ajruport. In-numru ta' fornituri f'kull ajruport jista' ikun limitat. Għal "ajruporti kbar", dan il-limitu ma jistax ikun inqas minn żewġ fornituri. Għal aktar ċertezza, dan ma jaffettwax id-drittijiet u l-obbligi tal-UE skont il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Kanada u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha.

Għal operazzjonijiet ta' ajruport, huwa meħtieġ stabbiliment fl-UE. Is-servizzi ta' operazzjoni ta' ajruport jistgħu jkunu suġġetti għal konċessjoni jew liċenzja individwali mill-awtoritajiet pubbliċi. Jista' ikun hemm bżonn ta' approvazzjoni speċjali mill-awtorità kompetenti għad-detentur tal-liċenzja jew tal-konċessjoni għat-trasferiment sħiħ jew parzjali tal-liċenzja ta' operazzjoni jew konċessjoni lil parti terza.

	Fir-rigward ta' servizzi ta' sistema ta' riservazzjoni kompjuterizzata (CRS), fejn il-kumpaniji tal-ajru tal-UE ma jingħatawx, minn fornituri ta' servizzi tas-CRS li joperaw barra mill-UE, trattament ekwivalenti (li jfisser mhux diskriminatorju) għal dak ipprovdut fl-UE, jew fejn il-fornituri ta' servizzi tas-CRS tal-UE ma jingħatawx, minn kumpaniji tal-ajru li mhumiex tal-UE, trattament ekwivalenti għal dak ipprovdut fl-UE, jistgħu jittieħdu miżuri sabiex jingħata trattament ekwivalenti, rispettivament, għall-kumpaniji tal-ajru li mhumiex tal-UE mill-fornituri ta' servizzi tas-CRS li joperaw fl-UE, jew lill-fornituri ta' servizzi tas-CRS li mhumiex tal-UE minn kumpaniji tal-ajru tal-UE.
Settur:	Trasport
Sottosettur:	Trasport bl-ilma intern Servizzi ta' sostenn għal trasport bl-ilma intern
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 722, parti minn CPC 745
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq Obbligi
Livell tal-Gvern:	Livell tal-UE
Miżuri:	Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3291/91 tas-16 ta' Diċembru 1991 li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet li taħthom dawk it-trasportaturi li mhumiex residenti jistgħu jittrasportaw merkanzija jew passiġġieri permezz ta' passaġġi fuq l-ilma interni ġewwa Stat Membru Ir-Regolament Nru 1356/96/KE tat-8 ta' Lulju 1996 dwar regoli komuni li japplikaw għat-trasport ta' merkanzija jew passiġġieri permezz tal-passaġġi fuq l-ilma interni bejn l-Istati Membri bil-għan li tiġi stabbilita l-libertà li jiġu pprovduti tali servizzi tat-trasport

	Ir-Regolament Nru 2919/85/KEE tas-17 ta' Ottubru 1985 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet ta' l-aċċess għall-arranġamenti skont il-Konvenzjoni Riveduta dwar in-navigazzjoni fuq ix-xmara Rhine fir-rigward ta' bastimenti li huma tan-Navigazzjoni tar-Rhine
Deskrizzjoni:	**Investiment, Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi u Servizzi tat-Trasport Marittimu Internazzjonali** L-operazzjonijiet ta' trasport ta' prodotti jew passiġġieri bl-ilma navigabbli intern jistgħu biss jiġu pprovduti minn operatur li jissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin: (a) huwa jkun stabbilit fi Stat Membru tal-UE, (b) huwa jkun intitolat li jwettaq it-trasport (internazzjonali) ta' prodotti jew passiġġieri bl-ilma navigabbli intern, u (c) juża bastimenti rreġistrati fi Stat Membru tal-UE jew ikun f'pussess ta' ċertifikat ta' sħubija fi flotta ta' Stat Membru tal-UE. Barra minn hekk, il-bastimenti jridu jkunu jappartjenu lil persuni fiżiċi domiċiljati fi Stat Membru tal-UE u li jkunu ċittadini ta' Stat Membru tal-UE, jew ikunu l-proprjetà ta' persuni ġuridiċi rreġistrati fi Stat Membru tal-UE u li l-maġġoranza tagħhom ikunu ċittadini ta' Stat Membru tal-UE. Id-derogi mir-rekwiżit ta' kontroll maġoritarju jistgħu eċċezzjonalment ikunu pprovduti. Fi Spanja, l-Iżvezja u l-Finlandja mhemm ebda distinzjoni bejn ilmijiet navigabbli marittimi u interni. Ir-regolament ta' trasport marittimu japplika wkoll għall-ilmijiet navigabbli interni.
Settur:	Trasport
Sottosettur:	Trasport bil-ferrovija

Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 711
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Livell tal-UE - Nazzjonali - Reġjonali
Miżuri:	Id-Direttiva 95/18/KE tad-19 ta' Ġunju 1995 dwar il-liċenzjar ta' impriżi ferrovjarji Id-Direttiva 2004/49/KE tad-29 ta' April 2004 fuq is-sigurtà tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 95/18/KE fuq l-għoti tal-liċenzi ta' l-impriżi tal-linji tal-ferrovija u d-Direttiva 2001/14/KE fuq l-allokazzjoni tal-kapaċità tal-infrastruttura tal-linji tal-ferrovija u l-intaxxar tal-piżijiet għall-użu ta' l-infrastruttura tal-linji tal-ferrovija u ċ-ċertifikazzjoni tas-sigurtà (Id-Direttiva tas-Sigurtà Tal-Linji tal-Ferrovija) Id-Direttiva 2006/103/KE tal-20 ta’ Novembru 2006 li tadatta ċerti Direttivi fil-qasam tal-politika dwar it-trasport, minħabba l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija Id-Direttiva 2007/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Ottubru 2007 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/440/KEE dwar l-iżvilupp tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità u d-Direttiva 2001/14/KE dwar l-allokazzjoni ta’ kapaċità ta’ infrastruttura tal-ferroviji u t-tqegħid ta’ piżijiet għall-użu ta’ infrastruttura tal-ferroviji
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Il-provvista ta' servizzi ta' trasport bil-ferrovija jirrikjedi liċenzja, li tista' biss tingħata lil intrapriżi stabbiliti fi Stat Membru tal-UE.

Settur:	Trasport
Sottosettur:	Servizzi oħra ta' trasport (provvista ta' servizzi ta' trasport ikkombinat)
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 711,CPC 712, CPC 7212, CPC 7222, CPC 741, CPC 742, CPC 743, CPC 744, CPC 745, CPC 748, CPC 749
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Livell tal-UE - Nazzjonali - Reġjonali
Miżuri:	Id-Direttiva 1992/106/KEE tas-7 ta' Diċembru 1992 dwar l-istabbiliment ta' regoli komuni għal ċerti tipi ta' trasport ikkombinat ta' prodotti bejn Stati Membri
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Bl-eċċezzjoni tal-Finlandja, l-operaturi ta' trasport biss stabbiliti fi Stat Membru tal-UE li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' aċċess għall-okkupazzjoni u l-aċċess għas-suq għat-trasport ta' prodotti bejn l-Istati Membri tal-UE jistgħu, fil-kuntest ta' operazzjoni ta' trasport ikkombinat bejn l-Istati Membri tal-UE, iwettqu partijiet inizjali jew finali tas-servizz tal-ġarr, li jifformaw parti integrali tal-operazzjoni tat-trasport ikkombinat u li jistgħu jew ma jistgħux jinkludu l-qsim ta' fruntiera. Il-limitazzjonijiet li jaffettwaw kull mod partikolari ta' transport huma applikabbli. Jistgħu jittieħdu miżuri neċessarji sabiex jiġi żgurat li t-taxxi fuq il-vetturi bil-mutur applikabbli għal vetturi tat-triq routed fi trasport ikkombinat jiġu mnaqqsa jew rimborżati.

Settur:	Servizzi ta' sostenn għall-modi kollha tat-trasport
Sottosettur:	Servizzi ta' żdoganar tal-merkanzija
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	parti minn CPC 748
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Livell tal-UE - Nazzjonali - Reġjonali
Miżuri:	Ir-Regolament (KKE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità, u emendi sussegwenti
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Is-servizzi ta' żdoganar tal-merkanzija jistgħu jiġu pprovduti biss minn residenti tal-UE.

Riżervi applikabbli fl-Awstrija

Settur:	Setturi kollha
Sottosettur:	Akkwiżizzjoni, xiri, kera jew lokazzjoni ta' proprjetà immobbli
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Reġjonali (sottonazzjonali)
Miżuri:	Burgenländisches Grundverkehrsgesetz, LGBL. Nr. 25/2007 Kärntner Grundverkehrsgesetz, LGBL. Nr. 9/2004 NÖ- Grundverkehrsgesetz, LGBL. 6800 OÖ- Grundverkehrsgesetz, LGBL. Nr. 88/1994 Salzburger Grundverkehrsgesetz, LGBL. Nr. 9/2002 Steiermärkisches Grundverkehrsgesetz, LGBL. Nr. 134/1993 Tiroler Grundverkehrsgesetz, LGBL. Nr. 61/1996 Voralberger Grundverkehrsgesetz, LGBL. Nr. 42/2004 Wiener Ausländergrundverkehrsgesetz, LGBL. Nr. 11/1998
Deskrizzjoni:	**Investiment** L-akkwiżizzjoni, ix-xiri u l-kera jew il-lokazzjoni ta' proprjetà immobbli minn persuni fiżiċi u intrapriżi li mhumiex tal-UE tirrikjedi awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet reġjonali kompetenti (Länder). L-awtorizzazzjoni tingħata biss jekk l-akkwiżizzjoni titqies li tkun fl-interess pubbliku (b'mod partikolari, ekonomiku, soċjali u kulturali).
Settur:	Setturi kollha
Sottosettur:	

Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Aktiengesetz, BGBL. Nr. 98/1965, § 254 (2) GmbH-Gesetz, RGBL. Nr. 58/1906, § 107 (2) Gewerbeordnung, BGBL. Nr. 194/1994, § 39 (2a)
Deskrizzjoni:	**Investiment** Għall-operazzjoni ta' fergħa, il-korporazzjonijiet li mhumiex taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) iridu jaħtru tal-inqas persuna waħda responsabbli għar-rappreżentanza tagħha li tkun residenti fl-Awstrija. Id-diriġenti (diretturi maniġerjali, persuni fiżiċi) responsabbli mill-osservanza tal-Att dwar in-Negozju Awstraljan (Gewerbeordnung) iridu jkunu domiċiljati fl-Awstrija.
Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi legali
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Parti minn CPC 861
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Rechtsanwaltsordnung (l-Att dwar l-Avukati) - RAO, RGBl. Nru 96/1868, art. 1 u 21c

Deskrizzjoni:

Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi

Hija meħtieġa ammissjoni sħiħa għall-avukatura għall-prattika ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi tal-UE u l-liġi ta' Stat Membru tal-UE, inkluż rappreżentanza quddiem il-qrati. Hija meħtieġa r-residenza (preżenza kummerċjali) sabiex tinkiseb ammissjoni sħiħa għall-avukatura.

Għall-provvista ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi tal-UE u l-liġi ta' Stat Membru tal-UE, tista' tkun meħtieġa preżenza kummerċjali li għandha tieħu waħda mill-forom legali li huma permessi bil-liġi nazzjonali fuq bażi mhux diskriminatorja. Xi tipi ta' forma legali jistgħu jiġu riżervati esklużivament għal avukati li jkunu ammessi għall-avukatura, ukoll fuq bażi mhux diskriminatorja.

Skont l-Att dwar l-Avukati, biss l-avukati taż-ŻEE jew l-avukati tal-Konfederazzjoni Żvizzera huma permessi jipprovdu servizzi legali permezz ta' preżenza kummerċjali. Il-provvista transfruntiera ta' servizzi legali minn avukati Kanadiżi (li jridu jkunu kkwalifikati bis-sħiħ fil-Kanada) hija awtorizzata biss fir-rigward tal-liġi internazzjonali pubblika u l-liġi Kanadiża.

Għall-ammissjoni għall-avukatura, meħtieġa għall-prattika tal-liġi tal-UE u l-liġi ta' Stat Membru tal-UE, inkluża rappreżentanza quddiem il-qrati, in-nazzjonalità ta' Stat Membru taż-ŻEE jew il-Konfederazzjoni Żvizzera hija meħtieġa.

Il-parteċipazzjoni tal-ekwità u l-ishma fir-riżultat operattiv ta' kull intrapriża legali ta' avukati Kanadiżi (li jridu jkunu kkwalifikat bis-sħiħ fil-Kanada) hija permessa sa 25 fil-mija; il-kumplament irid ikun miżmum minn avukati integrati kompletament fiż-ŻEE jew avukati fil-Konfederazzjoni Żvizzera) u dawn tal-aħħar biss jistgħu jeżerċitaw influwenza deċiżiva fit-teħid ta' deċiżjonijiet tal-intrapriża legali li fl-Awstrija - skont l-Artikolu 1a tal-Att dwar l-Avukati - hija ġeneralment limitata għal ċerti forom ta' assoċjazzjoni.

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi ta' kontabilità u żamma tal-kotba Servizzi tal-awditjar Servizzi ta' pariri dwar it-tassazzjoni
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 862, CPC 863
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Wirtschaftstreuhandberufsgesetz (l-Att dwar Kontabilist Pubbliku u Awditjar Professjonali, BGBl. I Nr. 58/1999), § 12, § 65, § 67, § 68 (1) 4 Bilanzbuchhaltungsgesetz (BibuG, BGBl. I Nr. 11/2008, § 7, § 11, § 56 u § 59 (1) 4.
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** L-interessi kapitali u d-drittijiet tal-vot ta' kontabilisti, bookkeeper, awdituri, u konsulenti tat-taxxa barranin, ikkwalifikati skont il-liġi tal-pajjiż ta' oriġini tagħhom, f'intrapriża Awstrijakka ma jistgħux jeċċedu 25 fil-mija. Il-fornitur ta' servizz irid ikollu uffiċċju jew sit professjonali fiż-ŻEE sabiex jipprovdi servizzi ta' żamma tal-kotba, u sabiex ikun intitolat jipprattika bħala awditur jew konsulent tat-taxxa skont il-liġi Awstrijaka. Fejn l-impjegatur ta' awditur barrani mhuwiex ċittadin ta’ Stat Membru tal-UE, huwa jrid ikun membru tal-korp professjonali rilevanti fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu, fejn jeżisti t-tali korp.

Settur:	Servizzi tas-saħħa
Sottosettur:	Servizzi veterinarji
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 932
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Tierärztegesetz (l-Att Veterinarju), BGBl. Nr. 16/, §3 (3) 1
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Biss iċ-ċittadini ta' Stat Membru taż-ŻEE jistgħu jipprovdu servizz veterinarji. Ir-rekwiżit ta' nazzjonalità hija mneħħija għal ċittadini ta' Stat li mhuwiex membru taż-ŻEE fejn hemm ftehim ma' dak l-Istat li mhuwiex membru taż-ŻEE li jipprovdi għal trattament nazzjonali fir-rigward tal-investiment u negozju transfruntier ta' servizzi veterinarji.

Settur:	Servizzi tas-saħħa
Sottosettur:	Servizzi mediċi
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	parti minn CPC 9312
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	L-Att Mediku, BGBl. I Nr. 169/1998, §4 (2) u §5 (b), §§ 8(5), 32, 33 u 35 L-Att Federali li Jirregola Professjonisti Alleati f'Livell Għoli fil-Kura Medika, BGBl. Nr. 460/1992 L-Att Federali li jirregola l-livell inferjuri u superjuri ta' Massaġġaturi Mediċi, BGBl. Nr. 169/2002

Deskrizzjoni:	**Investiment** In-nazzjonalità ta’ Stat Membru taż-ŻEE jew tal-Konfederazzjoni Żvizzera hija meħtieġa għall-provvista ta' servizzi mediċi. Rigward is-servizzi mediċi, il-persuni li ma jkunux ċittadini ta' Stat Membru taż-ŻEE jistgħu japplikaw għall-awtorizzazzjonijiet li ġejjin: taħriġ postgradwatorju, prattika medika bħala prattikant mediku ġenerali jew speċjalist fi sptarijiet u istituzzjonijiet penali, prattika medika bħala prattikant ġenerali f'kapaċità ta' ħaddiem għal rasu, u attivitajiet mediċi għal skopijiet edukattivi. Din ir-riżerva ma tapplikax għal servizzi dentali jew servizzi pprovduti minn psikologi u fiżjoterapisti.
Settur:	Distribuzzjoni
Sottosettur:	Bejgħ bl-imnut tat-tabakk
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 63108
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	L-Att tal-1996 dwar il-Monopolju tat-Tabakk, § 5 u § 27
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Jistgħu japplikaw biss persuni fiżiċi għal awtorizzazzjoni biex joperaw bħala bejjiegħa tat-tabakk. Tingħata prijorità lil ċittadini ta’ Stat Membru taż-ŻEE.
Settur:	Servizzi ta' distribuzzjoni u tas-saħħa
Sottosettur:	Bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi, mediċinali u ortopediċi. Servizzi oħra pprovduti minn spiżjara

Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 63211
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Apothekengesetz (il-Liġi dwar l-Ispiżeriji), RGBl.No. 5/1907, §3 Arzneimittelgesetz (l-Att dwar il-Medikazzjoni) BGBL. Nr. 185/1983, §57-63
Deskrizzjoni:	**Investiment** Il-bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi u prodotti mediċi speċifiċi għall-pubbliku jista' jitwettaq biss permezz ta' spiżerija. In-nazzjonalità ta' Stat Membru taż-ŻEE jew il-Konfederazzjoni Żvizzera hija meħtieġa għall-operazzjoni ta' spiżerija. In-nazzjonalità ta' Stat Membru taż-ŻEE jew il-Konfederazzjoni Żvizzera hija meħtieġa għad-detentur tal-kirja u persuni li huma responsabbli mill-maniġment ta' spiżerija.
Settur:	Servizzi edukattivi
Sottosettur:	Servizzi ta' edukazzjoni għolja
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 923
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	L-Att Universitarju dwar l-Istudji ta' Xjenzi Applikati, BGBl I Nr. 340/1993, § 2 L-Att dwar l-Akkreditament mill-Università, BGBL. I Nr. 168/1999, § 2

Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Il-provvista ta' servizzi edukattivi ta' livell universitarju ffinanzjati privatament fil-qasam tax-xjenzi applikati tirrikjedi awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti, il-Kunsill għall-Edukazzjoni Għolja (Fachhochschulrat). Investitur li jipprova jipprovdi programm ta' studju dwar xjenza applikata jrid ikollu n-negozju primarju tiegħu li jkun il-forniment ta' programmi tali, u jrid jissottometti valutazzjoni tal-ħtiġijiet u stħarriġ għas-suq għall-aċċettazzjoni tal-programm ta' studju propost. Il-Ministeru kompetenti jista' jiċħad awtorizzazzjoni fejn il-programm huwa stabbilit bħala li huwa inkompatibbli mal-interessi ta' edukazzjoni nazzjonali. L-applikant għal università privata jirrikjedi awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti (il-Kunsill Awstraljan ta' Akkreditazzjoni). Il-Ministeru kompetenti jista' jiċħad l-approvazzjoni jekk id-deċiżjoni tal-awtorità ta' akkreditament ma tikkonformax mal-interessi ta' edukazzjoni nazzjonali.
Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	L-Att ta' Sorveljanza tal-Assigurazzjoni Awstraljana, §5 (1) 3 (VAG)

Deskrizzjoni:	**Servizzi finanzjarji** Sabiex jiksbu liċenzja biex jifthu uffiċċju tal-fergħa, l-assiguraturi barranin irid ikollhom forma ġuridika li tikkorispondi jew tkun komparabbli għal kumpannija b'ishma konġunti jew assoċjazzjoni mutwa tal-assigurazzjoni fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom. Il-maniġment ta' uffiċċju tal-fergħa jrid jikkonsisti f'għallinqas żewġ persuni fiżiċi residenti fl-Awstrija.
Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Assigurazzjoni
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq Provvista transfruntiera ta' servizzi finanzjarji
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	L-Att ta' Sorveljanza tal-Assigurazzjoni (VAG), BGBI. Nru 569/1978, §1 (2)
Deskrizzjoni:	**Servizzi finanzjarji** attività u intermedjazzjoni promozzjonali f'isem kumpanija sussidjarja li mhijiex stabbilita fl-UE jew fergħa li mhijiex stabbilita fl-Awstrija (barra minn riassigurazzjoni u retroċessjoni) huma pprojbiti.
Settur:	Servizzi rikreazzjonali, kulturali u sportivi
Sottosettur:	Servizzi ta' skejjel tal-iski Servizzi ta' gwida tal-muntanji
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Parti minn CPC 96419

Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Livell tal-Gvern:	Reġjonali (Sottonazzjonali)
Miżuri:	Kärntner Schischulgesetz, LGBL. Nr. 53/97 Kärntner Berg- und Schiführergesetz, LGBL. Nr. 25/98 NÖ- Sportgesetz, LGBL. Nr. 5710 OÖ- Sportgesetz, LGBl. Nr. 93/1997 Salzburger Schischul- und Snowboardschulgesetz, LGBL. Nr. 83/89 Salzburger Bergführergesetz, LGBL. Nr. 76/81 Steiermärkisches Schischulgesetz, LGBL. Nr.58/97 Steiermärkisches Berg- und Schiführergesetz, LGBL. Nr. 53/76 Tiroler Schischulgesetz. LGBL. Nr. 15/95 Tiroler Bergsportführergesetz, LGBL. Nr. 7/98 Vorarlberger Schischulgesetz, LGBL. Nr. 55/02 §4 (2)a Vorarlberger Bergführergesetz, LGBL. Nr. 54/02 Wien: Gesetz über die Unterweisung in Wintersportarten, LGBL. Nr. 37/02
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** It-ħaddim tal-iskejjel tal-iski u tas-servizzi ta' gwida tal-muntanji huwa rregolat mil-liġijiet tal-"Bundesländer". Il-provvista ta' dawn is-servizzi tista' tirrikjedi nazzjonalità ta' Stat Membru taż-ŻEE. L-intrapriżi jistgħu jkunu rikjesti li jaħtru Direttur Maniġerjali li jkun ċittadin ta’ Stat Membru taż-ŻEE.

Settur:	Trasport
Sottosettur:	Trasport bl-ilma Servizzi ta' sostenn għal trasport bl-ilma
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 7221, CPC 7222, CPC 7223, CPC 7224, parti minn CPC 745
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi Aċċess għas-suq Obbligi
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Schifffahrtsgesetz, BGBl. I Nr. 62/1997, §75f
Deskrizzjoni:	**Investiment, Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi u Servizzi tat-Trasport Marittimu Internazzjonali** Għat-trasport bl-ilma intern, in-nazzjonalità ta' Stat Membru taż-ŻEE hija meħtieġa għal persuni fiżiċi sabiex tiġi stabbilita kumpanija tal-konsenja. Il-maġġoranza tal-bord ta' tmexxija ta' kull intrapriża trid ikollha n-nazzjonalità taż-ŻEE. Kumpanija reġistrata jew stabbiliment permanenti fl-Awstrija huwa meħtieġ. Aktar minn 50 fil-mija tal-ishma tan-negozju u l-kapital operatorju jrid ikun miżmum minn ċittadini ta’ Stat Membru taż-ŻEE.

Settur:	Trasport
Sottosettur:	Trasport bit-triq: trasport tal-passiġġieri, trasport tal-merkanzija, servizzi ta' trasport internazzjonali bil-bogie
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 712
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali

Miżuri:	Güterbeförderungsgesetz (l-Att dwar it-Trasport ta' Prodotti), BGBl. Nr. 593/1995; § 5 Gelegenheitsverkehrsgesetz (l-Att dwar it-Traffiku Okkażjonali), BGBl. Nr. 112/1996; § 6
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Għat-trasport ta' passiġġieri u ta' merkanzija, jistgħu jingħataw drittijiet jew awtorizzazzjonijiet esklużivi lil ċittadini tal-Istat Membru tal-UE u lil persuni ġuridiċi tal-UE li għandhom l-kwartieri ġenerali taghhom fl-UE.
Settur:	Trasport
Sottosettur:	Trasport bil-pajp
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 713
Tip ta' Riżerva:	Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi Aċċess għas-suq
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Rohrleitungsgesetz (il-Liġi dwar it-Trasport bil-Pajp), BGBl. Nr. 411/1975, § 5(1) u (2), §§ 5 (1) u (3), 15, 16 Gaswirtschaftsgesetz (l-Att dwar il-Gass), BGBl. I Nr. 121/2000, § 14, 15 u 16
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Fir-rigward ta' persuni fiżiċi, l-awtorizzazzjoni tingħata biss lil ċittadini ta' Stat Membru taż-ŻEE domiċiljati fiż-ŻEE. L-intrapriżi u s-soċjetajiet irid ikollhom is-sede tagħhom fiż-ŻEE. L-operatur tan-netwerk irid jaħtar Direttur Maniġerjali u Direttur Tekniku li huwa responsabbli għall-kontroll tekniku tat-tħaddim tan-netwerk, u t-tnejn li huma jridu jkunu ċittadini ta' Stat Membru taż-ŻEE.

	L-awtorità kompetenti tista' tirrinunzja għar-rekwiżiti ta' nazzjonalità u residenza fejn it-tħaddim tan-netwerk huwa meqjus li huwa fl-interess pubbliku. Għat-trasport ta' prodotti barra mill-gass u l-ilma japplika s-segwenti: 1. Fir-rigward ta' persuni fiżiċi, l-awtorizzazzjoni tingħata biss lil ċittadini taż-ŻEE li jrid ikollhom sede fl-Awstrija; u 2. L-intrapriżi u s-soċjetajiet irid ikollhom is-sede tagħhom fl-Awstrija. Jiġi applikat Test għall-Ħtiġijiet Ekonomiċi jew Test tal-Interessi. Il-pajpijiet transfruntieri ma jridux jippreġudikaw l-interessi ta' sigurtà tal-Awstrija u l-istatus tagħha bħala pajjiż newtrali. L-intrapriżi u s-soċjetajiet għandhom jaħtru direttur maniġerjali li jkun ċittadin ta' Stat Membru taż-ŻEE. L-awtorità kompetenti tista' tirrinunzja għar-rekwiżiti ta' nazzjonalità u ta' sede jekk it-tħaddim tal-pajp huwa meqjus li huwa fl-interess ekonomiku nazzjonali.
Settur:	Enerġija
Sottosettur:	It-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 40, CPC 887
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Livell tal-Gvern:	Reġjonali
Miżuri:	Steiermärkisches Elektrizitätswirtschafts- und Organisationsgesetz(ELWOG), LGBl. Nr. 70/2005; Kärntner Elektrizitätswirtschafts-und Organisationsgesetz(ELWOG), LGBl. Nr. 24/2006

Deskrizzjoni:

Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi

Fir-rigward ta' persuni fiżiċi, l-awtorizzazzjoni tingħata biss lil ċittadini ta’ Stat Membru taż-ŻEE domiċiljati fiż-ŻEE. Jekk l-operatur jaħtar direttur maniġerjali jew detentur tal-kirja, ir-rekwiżit ta' domiċilju jitneħħa.

Il-persuni ġuridiċi (intrapriżi) u s-soċjetajiet irid ikollhom is-sede tagħhom fiż-ŻEE. Dawn iridu jaħtru direttur maniġerjali jew detentur tal-kirja, u t-tnejn li huma jridu jkunu ċittadini ta' Stat Membru taż-ŻEE u domiċiljati fiż-ŻEE.

L-awtorità kompetenti tista' tirrinunzja għar-rekwiżiti ta' domiċilju u nazzjonalità fejn it-tħaddim tan-netwerk huwa meqjus li huwa fl-interess pubbliku.

Riżervi applikabbli fil-Belġju

Għall-għanijiet tar-riżervi tal-Belġju, il-livell nazzjonali ta' gvern ikopri l-gvern federali u l-gvernijiet tar-Reġjuni u l-Komunitajiet billi kull wieħed minnhom għandu setgħat leġiżlattivi ekwipollenti.

Settur:	Estrazzjoni u xogħol fil-barrieri
Sottosettur:	Estrazzjoni u xogħol fil-barrieri ieħor
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 14
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali (Stat Federali)
Miżuri:	Arrêt Royal du 1er septembre 2004 relatif aux conditions, à la délimitation géographique et à la procédure d'octroi des concessions d'exploration et d'exploitation des ressources minérales et autres ressources non vivantes de la mer territoriale et du plateau continental
Deskrizzjoni:	**Investiment** L-esplorazzjoni u l-użu ta' riżorsi minerali u riżorsi oħra mhux ħajjin fl-ibħra territorjali u l-blata kontinentali huma suġġetti għal konċessjoni. Il-konċessjonarju jrid ikun domiċiljat fil-Belġju.
Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi legali
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Parti minn CPC 861

Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali (Stat Federali)
Miżuri:	Kodiċi Ġudizzjarju Belġjan (l-Artikoli 428-508); id-Digriet Amministrattiv tal-24 ta' Awwissu 1970
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Hija meħtieġa ammissjoni sħiħa għall-avukatura għall-prattika ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi Belġjana, inkluża rappreżentanza quddiem il-qrati. Hija meħtieġa r-residenza (preżenza kummerċjali) sabiex tinkiseb ammissjoni sħiħa għall-avukatura. Ir-rekwiżit ta' residenza għal avukat barrani sabiex jikseb ammissjoni sħiħa għall-avukatura huwa tal-inqas sitt snin mid-data ta' applikazzjoni għar-reġistrazzjoni, tliet snin taħt ċerti kundizzjonijiet. Hemm bżonn ta' ċertifikat maħruġ mill-Ministru Belġjan tal-Affarijiet Barranin li abbaži tiegħu l-liġi nazzjonali jew il-konvenzjoni internazzjonali tippermetti r-reċiproċità (kundizzjoni ta' reċiproċità). Ir-rappreżentanza quddiem il-"*Cour de Cassation"* hija suġġetta għall-kwota.
Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi tal-awditjar
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 86211, CPC 86212 barra minn servizzi tal-kontabilità
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq

Livell tal-Gvern:	Nazzjonali (Stat Federali)
Miżuri:	Il-Liġi tat-22 ta' Lulju, 1953 li toħloq Istitut għall-Awdituri ta' Intrapriżi u li torganizza s-sorveljanza pubblika tal-okkupazzjoni ta' awditur ta' intrapriżi, ikkordinata fit-30 ta' April, 2007
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Sabiex wieħed ikun ikkwalifikat li jaġixxi fil-kapaċità uffiċjali ta' "awditur ta' intrapriża", huwa meħtieġ li wieħed iżomm stabbiliment fil-Belġju fejn ser isseħħ l-attività professjonali u fejn l-atti, id-dokumenti u l-korrispondenza relatata magħha ser tinżamm, u sabiex ikun hemm għallinqas amministratur jew maniġer wieħed tal-kumpanija li jkun l-awditur tal-intrapriża u li jkun responsabbli għall-maniġment ta' stabbiliment fil-Belġju.
Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi arkitetturali Servizzi tal-ippjanar urban u tal-pajsaġġ arkitetturali
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 8671, CPC 8674
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali (Stat Federali)
Miżuri:	Il-liġi tal-20 ta' Frar 1939 dwar il-protezzjoni tat-titolu tal-professjoni ta' perit Il-liġi tas-26 ta' Ġunju 1963 li toħloq l-Ordni tal-Periti Ir-Regolamenti tas-16 ta' DIċembru 1983 dwar l-etika stabbilita mill-Kunsill nazzjonali fl-Ordni tal-Periti (Approvati permezz tal-ewwel l-Artikolu ta' A.R. tat-18 ta' April, 1985, M.B., it-8 ta' Mejju 1985).

Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Il-provvista ta' servizzi arkitetturali fil-Belġju tirrikjedi kontroll fuq l-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet. Il-periti barranin li huma awtorizzati fil-pajjiżi ospitanti u li jixtiequ jipprattikaw il-professjoni tagħhom fuq bażi okkażjonali fil-Belġju huma rikjesti li jiksbu awtorizzazzjoni minn qabel mill-Kunsill tal-Ordni fiż-żona ġeografika fejn huma beħsiebhom jipprattikaw l-attività tagħhom.
Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi ta' kollokament tal-persunal
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 87202
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali (Reġjuni)
Miżuri:	Ir-Reġjun Fjamming: Besluit van de Vlaamse Regering van 10 december 2010 tot uitvoering van het decreet betreffende de private arbeidsbemiddeling Ir-Reġjun Walloon: Décret du 3 avril 2009 relatif à l'enregistrement ou à l'agrément des agences de placement (id-Digriet tat-3 ta' April 2009 dwar ir-reġistrazzjoni ta' aġenziji ta' kollokament), l-Artikolu 7; Arrêté du Gouvernement wallon du 10 décembre 2009 portant exécution du décret du 3 avril 2009 relatif à l'enregistrement ou à l'agrément des agences de placement (id-Deċiżjoni tal-Gvern Walloon tal-10 ta' Diċembru 2009 li timplimenta d-Digriet tat-3 ta' April 2009 dwar ir-reġistrazzjoni ta' aġenziji ta' kollokament), l-Artikolu 4

Komunità Ġermanofona: Dekret über die Zulassung der Leiharbeitsvermittler und die Überwachung der privaten Arbeitsvermittler / Décret du 11 mai 2009 relatif à l'agrément des agences de travail intérimaire et à la surveillance des agences de placement privées, l'article 6

Deskrizzjoni: **Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi**

Ir-Reġjun Fjamming: Kumpanija li għandha l-uffiċċju prinċipali tagħha barra miż-ŻEE għandha tipprova li hija tipprovdi servizzi ta' kollokament fil-pajjiż ta' oriġini tagħha.

Ir-Reġjun Walloon: Tip speċifiku ta' entità ġuridika ((régulièrement constituée sous la forme d'une personne morale ayant une forme commerciale, soit au sens du droit belge, soit en vertu du droit d'un Etat membre ou régie par celui-ci, quelle que soit sa forme juridique) huwa meħtieġ sabiex jiġu pprovduti servizzi ta' kollokament. Kumpanija li għandha l-uffiċċju prinċipali tagħha barra miż-ŻEE għandha tipprova li hija tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Digriet (pereżempju fuq it-tip ta' entità ġuridika) u għandha tipprova li hija tipprovdi servizzi ta' kollokament fil-pajjiż ta' oriġini tagħha.

Komunità Ġermanofona: Kumpanija li għandha l-uffiċċju prinċipali tagħha barra miż-ŻEE għandha tipprova li hija tipprovdi servizzi ta' kollokament fil-pajjiż ta' oriġini tagħha u għandha tissodisfa l-kriterji ta' ammissjoni stabbiliti mill-imsemmi digriet.

Settur:	Sajd, trasport
Sottosettur:	L-attività marina kummerċjali mwettqa minn bastiment tal-baħar, inkluż is-sajd, l-akkwakultura u servizzi inċidentali għas-sajd Servizzi ta' trasport (passiġġieri u merkanzija) minn bastiment tal-baħar Servizzi ta' pilotaġġ u rmiġġ Servizzi ta' salvataġġ u varar mill-ġdid Servizzi oħra ta' sostenn għal trasport bl-ilma Kostruzzjoni għal passaġġi fuq l-ilma, portijiet, digi u xogħlijiet oħra fuq l-ilma
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 0501, ISIC rev 3.1 0502, CPC 5133, CPC 5223, CPC 721, CPC 74520, CPC 74540, CPC 74590, CPC 882
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq Obbligi
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali (Stat Federali)
Miżuri:	La Loi du 21 décembre 1990 relative à l'enregistrement des navires, telle que modifiée par la loi du 3 mai 1999 L'Arrêté royal du 4 avril 1996 relatif à l'enregistrement des navires et l'entrée en vigueur de la loi du 21 décembre 1990 relative à l'enregistrement des navires, tel que modifié
Deskrizzjoni:	**Servizzi ta' Investiment u ta' Trasport Marittimu Internazzjonali** Skont il-liġi Belġjana dwar ir-reġistrazzjoni tal-bastimenti u l-provvedimenti tad-digriet, il-proprjetarju jew l-operatur ta' bastiment irid ikun: (a) individwu li huwa ċittadin ta' Stat Membru tal-UE; (b) individwu li huwa domiċiljat jew residenti fil-Belġju; jew

(c) persuna ġuridika / korp korporattiv / li għandu l-post tan-negozju tiegħu f'wieħed mill-Istati Membri tal-UE,

sabiex ikun eliġibbli biex jirreġistra bastiment fir-reġistru nazzjonali.

L-investituri barranin iridu jkollhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom fil-Belġju sabiex jirreġistraw bastiment fir-reġistru nazzjonali tal-bastimenti.

Il-bastimenti jridu jkunu operati mill-Belġju, li jfisser li l-proprjetarju bħala operatur jew l-operatur (jekk din tkun persuna oħra mill-proprjetarju) irid ikollu numru tal-kumpanija Belġjan.

Bastiment b'sidien barranin jista' jiġi rreġistrat fuq it-talba ta' operatur Belġjan, suġġett għall-kunsens tal-proprjetarju u tal-awtoritajiet Belġjani (id-Direttorat Ġenerali tat-Trasport Marittimu fi Brussell).

Bastiment b'sidien barranin jista' jkun irreġistrat ukoll fir-reġistru għall-kera ta' bastimenti mingħajr ekwipaġġ (it-tieni reġistru Belġjan), suġġett għall-kunsens tal-awtoritajiet tar-reġistru primarju, tal-proprjetarju jew tal-awtoritajiet Belġjani rilevanti.

Settur:	Trasport
Sottosettur:	Servizzi ta' sostenn għal trasport bl-ajru Kiri ta' inġenji tal-ajru
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 83104
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali (Stat Federali)
Miżuri:	Arrêté Royal du 15 mars 1954 réglementant la navigation aérienne

Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** L-inġenji tal-ajru privati (ċivili) li jappartjenu lil persuna fiżiċi li mhumiex ċittadini ta' Stat Membru tal-UE jew taż-ŻEE jistgħu jiġu rreġistrati biss jekk dawn ikunu domiċiljati jew residenti fil-Belġju mingħajr interruzzjoni għal sena mill-inqas. L-inġenji tal-ajru privati (ċivili) li jappartjenu lil entitajiet ġuridiċi barranin mhux ifformati f'konformità mal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru tal-UE jew taż-ŻEE jistgħu jiġu rreġistrati biss jekk dawn ikollhom sede tal-operazzjonijiet, aġenzija jew uffiċċju fil-Belġju mingħajr interruzzjoni għal sena mill-inqas.
Settur:	Trasport
Sottosettur:	Servizzi tat-trasport bl-ajru
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 73
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali (Stat Federali)
Miżuri:	Arrêté ministériel du 3 août 1994 fixant les conditions de délivrance des licences d'exploitation aux transporteurs aériens
Deskrizzjoni:	**Investiment** Hija meħtieġa liċenzja għall-provvista ta' servizzi tat-trasport bl-ajru. Għall-kisba ta' liċenzja, il-kumpanija tal-ajru trid ikollha għad-disponiment tagħha, mill-inqas inġenju tal-ajru wieħed irreġistrat f'isimha fir-reġistru Belġjan li tiegħu tkun proprjetarja jew abbażi ta' kwalunkwe tip ta' kirja.

Settur:	Trasport
Sottosettur:	Servizzi ta' sostenn għal trasport bl-ajru
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 7461, CPC 7469, CPC 83104
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq It-trattament l-aktar favorit tal-pajjiż
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali (Stat Federali u Reġjuni)
Miżuri:	Arrêté Royal du 6 novembre 2010 réglementant l'accès au marché de l'assistance en escale à l'aéroport de Bruxelles-National (l-Artikolu 18) Besluit van de Vlaamse Regering betreffende de toegang tot de grondafhandelingsmarkt op de Vlaamse regionale luchthavens (l-Artikolu 14) Arrêté du Gouvernement wallon réglementant l'accès au marché de l'assistance en escale aux aéroports relevant de la Région wallonne (l-Artikolu14)
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Għas-servizzi ta' groundhandling, hija meħtieġa r-reċiproċità.

Riżervi applikabbli fil-Bulgarija

Settur:	Setturi kollha
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Il-Liġi dwar il-Kummerċ, l-Artikolu 17a Il-Liġi għall-Inkoraġġiment għall-Investimenti, l-Artikolu 24
Deskrizzjoni:	**Investiment** Il-persuni ġuridiċi barranin, sakemm ma jkunux stabbiliti abbażi tal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru tal-UE jew taż-ŻEE, jistgħu jwettqu negozju u jsegwu attivitajiet jekk ikunu stabbiliti fir-Repubblika tal-Bulgarija fil-forma ta' kumpanija rreġistrata fir-Reġistru Kummerċjali. L-istabbiliment ta' fergħat huwa suġġett għal awtorizzazzjoni. L-uffiċċji rappreżentattivi ta' intrapriżi barranin għandhom ikunu rreġistrati mal-Kamra tal-Kummerċ Bulgara u ma jistgħux jieħdu sehem f'attività ekonomika iżda huma intitolati biss sabiex jirreklamaw is-sid tagħhom u jaġixxu bħala rappreżentanti jew aġenti.

Settur:	Estrazzjoni u xogħol fil-barrieri
Sottosettur:	Is-setturi kollha għajr l-estrazzjoni tal-uranju u t-torju
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 10, ISIC rev 3.1 11, ISIC rev 3.112, ISIC rev 3.1 13, ISIC rev 3.1 14

Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell tal-Gvern:	
Miżuri:	L-Att dwar ir-Riżorsi Naturali Taħt l-Art L-Att dwar il-Konċessjonijiet L-Att dwar il-Privatizzazzjoni u l-Kontroll Wara l-Privatizzazzjoni
Deskrizzjoni:	**Investiment** Uħud mill-attivitajiet ekonomiċi relatati mal-isfruttament jew l-użu ta' proprjetà tal-Istat jew pubblika huma suġġetti għal konċessjonijiet mogħtija skont il-provvedimenti tal-Att dwar il-Konċessjonijiet jew liġijiet dwar konċessjonijiet oħra speċjali. L-attivitajiet ta' prospettar jew esplorazzjoni ta' riżorsi naturali taħt l-art fit-territorju tar-Repubblika tal-Bulgarija, fil-blata kontinentali u fiż-żona ekonomika esklużiva fil-Baħar l-Iswed huma suġġetti għal permess, filwaqt li l-attivitajiet ta' estrazzjoni u użu huma suġġetti għal konċessjoni mogħtija taħt l-Att dwar ir-Riżorsi Naturali Taħt l-Art. Huwa pprojbit għal kumpaniji rreġistrati f'ġurisdizzjonijiet ta' trattament ta' taxxa preferenzjali (jiġifieri żoni offshore) jew relatati, direttament jew indirettament, mat-tali kumpaniji li jipparteċipaw fi proċeduri miftuħa għall-għoti ta' permessi jew konċessjonijiet għal prospettar, esplorazzjoni jew estrazzjoni ta' riżorsi naturali, inkluż l-uranju u t-torju, kif ukoll li joperaw permess jew konċessjoni eżistenti li jkun ingħata, billi t-tali operazzjonijiet huma preklużi, inkluż il-possibbiltà li tiġi rreġistrata l-iskoperta ġeoloġika jew kummerċjali ta' depożitu bħala riżultat ta' esplorazzjoni.

	Il-korporazzjonijiet kummerċjali li fihom l-Istat Membru jew muniċipalità għandhom sehem fil-kapital li jeċċedi l-50 fil-mija, ma jistgħux iwettqu kwalunkwe tranżazzjoni għad-dispożizzjoni ta' assi fissi tal-korporazzjoni, jikkonkludu kwalunkwe kuntratt għall-akkwiżizzjoni ta' parteċipazzjoni, kirja, attività konġunta, kreditu, garanzija ta' riċevibbli, kif ukoll it-twettiq ta' kwalunkwe obbligu abbażi ta' kambjali, sakemm dan ma jiġix permess mill-Aġenzija ta' Privatizzazzjoni jew il-kunsill muniċipali, skont min hija l-awtorità kompetenti. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8.4, paragrafi 1 u 2, skont id-Deċiżjoni tal-Assemblea Nazzjonali tar-Repubblika tal-Bulgarija tat-18 ta' Jannar 2012, kull użu ta' teknoloġija ta' fratturazzjoni idrawlika jiġifieri, fratturazzjoni idrawlika b'volum għoli għal attivitajiet ta' prospettar, esplorazzjoni jew estrazzjoni ta' żejt u gass, huwa pprojbit bid-Deċiżjoni tal-Parlament. L-esplorazzjoni u l-estrazzjoni ta' gass tax-shale huwa pprojbit.
Settur:	Estrazzjoni u xogħol fil-barrieri
Sottosettur:	L-estrazzjoni ta' uranju u ta' torju
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 12
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	L-Att dwar l-Użu Sikur ta' Enerġija Nukleari, l-Att dwar ir-Relazzjonijiet Ekonomiċi u Finanzjarji mal-Kumpaniji Reġistrati f'Ġurisdizzjonijiet ta' Trattament Preferenzjali tat-Taxxa, il-Partijiet Relatati mat-Tali Kumpaniji u l-Proprjetarji Benefiċjarji Tagħhom, l-Att dwar ir-Riżorsi tas-Sottosuperfiċe

Deskrizzjoni:	**Investiment** L-estrazzjoni tal-uranju hija pprobita bid-Digriet tal-Kunsill tal-Ministri Nru 163 tal-20.08.1992. Fir-rigward tal-estrazzjoni tat-torju, ir-reġimi ġenerali ta' konċessjonijiet għal estrazzjoni huma applikabbli. Sabiex tipparteċipa f'konċessjonijiet għal-estrazzjoni tat-torju, kumpanija Kanadiża trid tkun stabbilita skont l-Att Kummerċjali Bulgaru u tkun irreġistrata fir-Reġistru Kummerċjali. Id-deċiżjonijiet li jippermettu l-estrazzjoni tat-torju jittieħdu fuq bażi individwali ta' każ każ u b'mod mhux diskriminatorju. Il-projbizzjoni kontra kumpaniji rreġistrati f'ġurisdizzjonijiet ta' trattament preferenzjali tat-taxxa (jiġifieri, żoni offshore) jew relatati, direttament jew indirettament, mat-tali kumpaniji, milli jipparteċipaw fi proċeduri miftuħin għal konċessjonijiet għal estrazzjoni ta' riżorsi naturali tinkludi l-uranju u t-torju.
Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi legali
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Parti minn CPC 861
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq It-trattament l-aktar favorit tal-pajjiż
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Il-Liġi tal-Avukati Il-Liġi għal Medjazzjoni Il-Liġi għan-Nutara u l-Attività Notarili

Deskrizzjoni:

Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi

Hija meħtieġa ammissjoni sħiħa għall-avukatura għall-prattika ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi tal-UE u l-liġi ta' Stat Membru tal-UE, inkluża rappreżentanza quddiem il-qrati.

Għall-provvista ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi tal-UE u l-liġi ta' Stat Membru tal-UE, tista' tkun meħtieġa preżenza kummerċjali li għandha tieħu waħda mill-forom legali li huma permessi bil-liġi nazzjonali fuq bażi mhux diskriminatorja. Xi tipi ta' forma legali jistgħu jiġu riżervati esklużivament għal avukati li jkunu ammessi għall-avukatura, ukoll fuq bażi mhux diskriminatorja.

Safejn il-Kanada u t-territorji u l-provinċji tagħha jippermettu lill-avukati Bulgari sabiex jirrappreżentaw liċ-ċittadini Bulgari skont il-liġi domestika, il-Bulgarija tippermetti lill-avukati Kanadiżi sabiex jirrappreżentaw ċittadin tal-Kanada skont il-liġi domestika abbażi tal-istess kundizzjonijiet u f'kooperazzjoni ma' avukat Bulgaru. Għal dan il-għan, l-avukati barranin iridu jiġu ammessi li jaġixxu bħala avukat permezz ta' deċiżjoni tal-Kunsill Suprem tal-Avukatura u jkunu rreġistrati fir-reġistru Unifikat tal-avukati barranin. L-intrapriżi jridu jkunu rreġistrati fil-Bulgarija bħala soċjetà tal-avukati ("advokatsko sadrujie") jew ditta legali ("advokatsko drujestvo"). L-isem tad-ditta legali jista' jinkludi biss l-ismijiet tal-imsieħba, b'mod li intrapriża barranija ma tkunx tista' tuża isimha sakemm l-imsieħba msemmija kienu rreġistrati fil-Bulgarija wkoll.

Ammissjoni sħiħa għall-avukatura hija permessa biss lil ċittadini ta' Stat Membru tal-UE jew lil ċittadini barranin, li jkunu avukati kwalifikati u jkunu kisbu d-diploma tagħhom li tippermettilhom jipprattikaw fi Stat Membru tal-UE. Għal rappreżentanza proċedurali huma għandhom ikunu akkumpanjati minn avukat Bulgaru.

Għal servizzi ta' medjazzjoni legali, hemm bżonn ta' residenza permanenti.

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi tal-awditjar
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 86211, CPC 86212 barra minn servizzi tal-kontabilità
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	L-Att dwar l-Awditu Finanzjarju Indipendenti
Deskrizzjoni:	**Investiment** "Entità speċjalizzata ta' awditjar" hija kumpanija reġistrata skont l-Att Kummerċjali Bulgaru, jew skont il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru ieħor tal-UE, jew il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, bis-suġġett prinċipali ta' attività tagħha jkun l-awditu finanzjarju indipendenti ta' rapporti finanzjarji ta' intrapriżi, u tliet kwarti mill-membri tagħha jkunu awdituri reġistrati, entitajiet ta' awdituri jew ta' awditu minn Stat Membru tal-UE, ta' reputazzjoni tajba, u li tkun: (a) soċjetà ġenerali li fiha aktar minn nofs l-imsieħba huma awdituri reġistrati, entitajiet ta' awdituri jew ta' awditu minn Stat Membru ieħor tal-UE; (b) soċjetà limitata li fiha aktar minn nofs l-imsieħba b'responsabilità illimitata huma awdituri, entitajiet ta' awdituri jew ta' awditu reġistrati minn Stati Membri oħra tal-UE; jew (c) soċjetà b'responsabbiltà limitata li fiha aktar minn nofs tal-voti fil-Laqgħa Ġenerali tal-imsieħba u tal-kapital jappatjenu lill-awdituri, entitajiet ta' awdituri jew ta' awditu reġistrati minn Stati Membri oħra tal-UE;

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi ta' pariri dwar it-tassazzjoni
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 863
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	L-Att dwar il-kontabilità L-Att dwar l-Awditu Finanzjarju Indipendenti L-Att dwar it-Taxxi fuq l-Introjtu ta' Persuni Fiżiċi L-Att dwar it-Taxxa fuq il-Kumpaniji
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** In-nazzjonalità ta' Stat Membru tal-UE hija meħtieġa għal konsulenti tat-taxxa.

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi arkitetturali Servizzi tal-ippjanar urban u tal-pajsaġġ arkitetturali Servizzi tal-inġinerija Servizzi tal-inġinerija integrata
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 8671, CPC 8672, CPC 8673, 8674
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	L-Att dwar l-Iżvilupp Spazjali, l-Artikolu 230

Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Għal proġetti ta' importanza nazzjonali jew reġjonali, l-investituri Kanadiżi jridu jaġixxu f'soċjetà jew bħala sottokuntratturi għal investituri lokali. L-ispeċjalisti barranin irid ikollhom esperjenza ta' mill-inqas sentejn fil-qasam ta' kostruzzjoni, li mhuwiex rekwiżit għal speċjalisti nazzjonali. Il-kundizzjoni ta' ċittadinanza Bulgara tapplika għal servizzi ta' ippjannar urban u ta' pajsaġġ arkitetturali.
Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi xjentifiċi u ta' konsulenza teknika relatati
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 8675
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	L-Att dwar il-Kadastru u r-Reġistru tal-Proprjetà L-Att dwar il-Ġeodesija u l-Kartografija
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Korp professjonali kompetenti jkun il-persuna (fiżika jew ġuridika) li tista' teżegwixxi funzjonijiet rilevanti għal stħarriġ tal-kadastru, ġeodesija u kartografija. Hemm bżonn ta' stabbiliment kif ukoll ta' ċittadinanza Bulgara sabiex il-persuna fiżika tkun tista' twettaq attivitajiet ta' ġeodesija, stħarriġ tal-kadastru u kartografija meta tkun qedha tistudja movimenti tal-qoxra tad-dinja.

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizz tat-Traduzzjoni u tal-Interpretazzjoni
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 87905
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Regolament għal-legalizzazzjoni, ċertifikazzjoni u traduzzjoni ta' dokumenti
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Hemm bżonn ta' kuntratt mal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin għal traduzzjonijiet uffiċjali pprovduti mill-aġenziji ta' traduzzjoni.

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Ittestjar tekniku u analiżijiet
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 8676
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	L-Att dwar ir-Rekwiżiti Tekniċi għall-Prodotti L-Att dwar il-Kejl L-Att dwar l-Akkreditament Nazzjonali tal-Issodisfar ta' Konformità mill-Awtoritajiet L-Att dwar Arja Ambjentali Nadifa L-Att dwar l-Ilma, id-Digriet N-32 għall-ispezzjoni perjodika għal prova ta' kundizzjoni teknika ta' vetturi tat-triq

Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Sabiex jipprovdi servizzi ta' ittestjar u analiżijiet, ċittadin tal-Kanada jrid ikun stabbilit fil-Bulgarija skont l-Att Kummerċjali Bulgaru u jkun reġistrat fir-reġistru Kummerċjali. Għall-ispezzjoni perjodika għal prova ta' kundizzjoni teknika ta' vetturi tat-triq, il-persuna għandha tkun reġistrata skont l-Att Kummerċjali Bulgaru jew l-Att dwar Persuni Legali li Ma Jaħdmux għall-Profitt, jew inkella tkun reġistrata fi Stat Membru ieħor tal-UE jew pajjiż miż-ŻEE. L-ittestjar u l-analiżi tal-kompożizzjoni u l-purità tal-arja u tal-ilma jistgħu jitmexxew biss mill-Ministeru tal-Ambjent u għall-Ilma tal-Bulgarija jew mill-aġenziji tiegħu f'kooperazzjoni mal-Akkademja Bulgara dwar ix-Xjenzi.
Settur:	Distribuzzjoni
Sottosettur:	Servizzi ta' aġenti kummissjonanti Servizzi ta' negozju bl-ingrossa u bl-imnut
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Parti minn CPC 621, CPC 62228, CPC 62251, CPC 62271, parti minn CPC 62272, CPC 62276, CPC 63108, parti minn CPC 6329
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali

Miżuri:	Il-Liġi dwar l-Attività Veterinarja, l-Artikoli 343, 363, 373 Il-Liġi dwar il-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi u għall-Kontroll fuq is-Sustanzi Kimiċi Tossiċi u l-Prekursuri Tagħhom, l-Artikolu 6 Il-Liġi dwar il-Kontroll ta' Esportazzjonijiet tal-Armi u Prodotti u Tekonoloġija B'Użu Doppju, l-Artikolu 46 Il-Liġi dwar it-Tabakk u l-Prodotti tat-Tabakk, l-Artikoli 21, 27, 30
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Id-distribuzzjoni (bl-ingrossa u bl-imnut) ta' żejt mhux maħdum u ta' prodotti taż-żejt mhux maħdum, gass, metalli prezzjużi, tabakk u prodotti tat-tabakk hija suġġetta għal awtorizzazzjoni u tista' ssir biss wara reġistrazzjoni fir-Reġistru Kummerċjali. L-awtorizzazzjoni tista' tingħata biss lil ċittadin ta' Stat Membru taż-ŻEE jew lil ċittadini barranin b'residenza permanenti fil-BG. Il-ħwienet jistgħu jkunu suġġetti għal Test ta' Ħtiġijiet Ekonomiċi, skont ir-regoli tal-muniċipalità lokali.
Settur:	Distribuzzjoni
Sottosettur:	Bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi, mediċinali u ortopediċi.
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 63211
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Il-Liġi dwar Prodotti Mediċinali fil-Mediċina tal-Bniedem, l-Artikoli 146, 161, 195, 222, 228

Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Il-bejgħ bil-korrispondenza ta' prodotti mediċinali huwa pprojbit. Il-bejgħ bl-imnut ta' prodotti mediċinali u prodotti mediċi speċifiċi għall-pubbliku jista' jsir biss minn spiżerija. Il-maniġers ta' spiżeriji jridu jkunu spiżjara kkwalifikati u jistgħu jimmaniġġaw spiżerija waħda biss li fihom huma stess jaħdmu. Ir-rekwiżit għal residenza permanenti għall-ispiżjara. Teżisti kwota għan-numru ta' spiżeriji li jistgħu jappartjenu lil persuna waħda.
Settur:	Servizzi edukattivi
Sottosettur:	Servizzi ta' edukazzjoni bażika u sekondarja
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 921, CPC 922
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	L-Att dwar l-Edukazzjoni Pubblika, l-Artikolu 12 Il-Liġi għall-Edukazzjoni Għolja, paragrafu 4 tal-provvedimenti addizzjonali
Deskrizzjoni:	**Investiment** Din ir-riżerva tapplika għall-provvista ta' servizzi ta' edukazzjoni bażika u sekondarja ffinanzjati privatament, li jistgħu jiġu forniti biss minn intrapriżi Bulgari awtorizzati (il-preżenza kummerċjali hija meħtieġa).

	L-iskejjel preprimarji Bulgari u l-iskejjel li għandhom parteċipazzjoni barranija jistgħu jiġu stabbiliti jew trasformati fuq it-talba ta' assoċjazzjonijiet, jew korporazzjonijiet jew intrapriżi ta' entitajiet fiżiċi jew ġuridiċi Bulgari jew barranin, irreġistrati debitament fil-Bulgaru, permezz ta' deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ministri fuq mozzjoni mill-Ministru tal-Edukazzjoni, iż-Żgħażagħ u x-Xjenza. L-iskejjel preprimarji u l-iskejjel Bulgari jistgħu jkunu stabbiliti jew ittrasformati fuq it-talba ta' entitajiet ġuridiċi barranin skont ftehimiet u konvenzjonijiet internazzjonali u skont il-provvedimenti hawn fuq. L-iskejjel superjuri barranin ma jistgħux jistabbilixxu kumpaniji sussidjarji fit-territorju tal-Bulgarija. L-iskejjel superjuri barranin jistgħu jiftħu fakultajiet, dipartimenti, istituti u kulleġi fil-Bulgarija biss fl-istruttura tal-iskejjel superjuri Bulgari u f'kooperazzjoni magħhom.
Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Il-Kodiċi tal-Assigurazzjoni, l-Artikoli 8, 41, 47b

Deskrizzjoni:	**Servizzi finanzjarji** Qabel ma tiġi stabbilita fergħa jew aġenzija fil-Bulgarija għall-provvista ta' assigurazzjoni, assiguratur jew riassiguratur barrani jrid ikun awtorizzat li jopera fl-istess klassijiet ta' assigurazzjoni bħal dawk li huwa jixtieq jipprovdi fil-Bulgarija fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu. Hemm bżonn ta' inkorporazzjoni lokali (ebda fergħa) għal intermedjarji assigurattivi. Ir-rekwiżit ta' residenza għall-membri ta' korp maniġerjali u superviżorju ta' intrapriżi ta' (ri)assigurazzjoni u kull persuna awtorizzata li timmaniġġa jew tirrappreżenta l-intrapriża ta' (ri)assigurazzjoni.
Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Servizzi bankarji u finanzjarji oħra (bl-esklużjoni tal-assigurazzjoni)
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Il-Liġi dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu, l-Artikoli 2, 17 Il-Kodiċi ta' Assigurazzjoni Soċjali, l-Artikolu 121e Il-Liġi dwar il-Munita, l-Artikolu 3
Deskrizzjoni:	**Servizzi finanzjarji** Bank għandu jkun stabbilit bħala kumpannija b'ishma konġunti. Il-bank jiġi mmexxi u rappreżentat konġuntament minn tal-inqas żewġ persuni, li tal-inqas wieħed minnhom ikun profiċjenti fil-lingwa Bulgara.

Il-persuni li jimmaniġġaw u jirrappreżentaw il-bank għandhom jimmaniġġaw il-bank billi jkunu preżenti personalment fl-indirizz tal-maniġment tiegħu.

Sabiex titwettaq attrazzjoni pubblika ta' depożiti jew riżorsi rinovabbli oħra kif ukoll servizzi oħra, bank li għandu l-kwartieri ġenerali tiegħu fi Stat Membru li mhuwiex tal-UE huwa meħtieġ jikseb liċenzja minn Bank Nazzjonali Bulgaru għall-bidu u l-eżerċizzju ta' attivitajiet kummerċjali fil-Bulgarija permezz ta' fergħa.

L-istituzzjoni finanzjarja tiġi stabbilita bħala kumpanija b'parteċipazzjoni azzjonarja, kumpanija b'responsabbiltà limitata jew soċjetà in akkomandita b'ishma u l-post tan-negozju prinċipali tagħha jkun fit-territorju tal-Bulgarija.

L-istituzzjonijiet finanzjarji rreġistrati fil-Bulgarija u l-istituzzjonijiet finanzjarji barranin biss b'sede fi Stat Membru tal-UE jistgħu jwettqu attività fit-territorju tal-Bulgarija.

L-assigurazzjoni tal-pensjoni tiġi mwettqa minn kumpanija b'ishma konġunti liċenzjata skont il-Kodiċi ta' Assigurazzjoni Soċjali u rreġistrata skont l-Att Kummerċjali jew skont il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru ieħor tal-UE (ebda fergħat).

Il-promoturi u l-azzjonisti ta' kumpaniji ta' assigurazzjoni tal-pensjoni jistgħu jkunu persuni ġuridiċi mhux residenti, irreġistrati bħala assigurazzjoni soċjali, assigurazzjoni kummerċjali jew istituzzjoni finanzjarja skont il-liġi nazzjonali tagħha, jekk huma jippreżentaw referenzi bankarji minn bank prim barrani kkonfermat mill-Bank Nazzjonali Bulgaru. L-individwi mhux residenti ma jistgħux ikunu promoturi u azzjonisti ta' kumpaniji tal-assigurazzjoni tal-pensjoni.

	Id-dħul tal-fondi tal-pensjoni addizzjonali volontarja; kif ukoll dħul simili konness direttament ma' assigurazzjoni tal-pensjoni volontarja mwettqa minn persuni li huma reġistrati skont il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru ieħor tal-UE u li jistgħu, f'konformità mal-leġiżlazzjoni kkonċernata, iwettqu operazzjonijiet tal-assigurazzjoni tal-pensjoni volontarja, ma jkunx taxxabbli skont il-proċedura stabbilita mill-Att dwar it-Taxxa fuq il-Kumpaniji. Il-President tal-Bord Maniġerjali, il-President tal-Bord tad-Diretturi, id-Direttur Eżekuttiv u l-Aġent Maniġerjali jrid ikollhom indirizz permanenti jew ikollhom permess ta' residenza fit-tul fil-Bulgarija.
Settur:	It-turiżmu u s-servizzi relatati mal-ivvjaġġar
Sottosettur:	Lukandi, ristoranti u forniment tal-ikel Servizzi ta' aġenziji tal-ivvjaġġar u operaturi turistiċi Servizzi ta' gwidi turistiċi
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 641, CPC 642, CPC 643, CPC 7471, CPC 7472
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi Aċċess għas-suq
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Il-Liġi Għat-Turiżmu, l-Artikoli 17, 45

Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Hemm bżonn ta' inkorporazzjoni (ebda fergħat). Is-servizzi ta' operaturi turistiċi jistgħu jiġu pprovduti minn persuna stabbilita fi Stat Membru tal-UE jew fi Stat Membru taż-ŻEE jekk, meta tistabbilixxi ruħha fit-territorju tal-Bulgarija, il-persuna msemmija tippreżenta kopja ta' dokument li jiċċertifika d-dritt tagħha li tipprattika t-tali attività jew ċertifikat jew dokument ieħor maħruġ minn bank jew assiguratur li jikkontjeni dejta tal-eżistenza ta' assigurazzjoni li tkopri r-responsabbiltà tal-imsemmija persuna għad-danni li jistgħu jiġu kkawżati bħala riżultat tan-nuqqas kundannabbli ta' twettiq tal-obbligi professjonali. In-numru ta' maniġers barranin ma jistax jeċċedi n-numru ta' maniġers li huma ċittadini Bulgari, f'każijiet fejn is-sehem pubbliku (tal-istat jew muiċipali) fil-kapital ta' ekwità ta' kumpanija Bulgara jeċċedi l-50 fil-mija. Il-kundizzjoni ta' nazzjonalità għal gwidi turistiċi.
Settur:	Sajd Trasport
Sottosettur:	L-attività marina kummerċjali mwettqa minn bastiment tal-baħar, inkluż is-sajd, l-akkwakultura u servizzi inċidentali għas-sajd Servizzi ta' trasport (passiġġieri u merkanzija) minn bastiment tal-baħar Servizzi ta' pilotaġġ u rmiġġ Servizzi ta' salvataġġ u varar mill-ġdid Servizzi oħra ta' sostenn għal trasport bl-ilma Kostruzzjoni għal passaġġi fuq l-ilma, portijiet, digi u xogħlijiet oħra fuq l-ilma
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1: 0501, ISIC rev 3.1 0502, CPC 5133, CPC5233, CPC 721,CPC 74520, CPC 74540, CPC 74590, CPC 882

Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Il-Kodiċi tal-Bastimenti Merkantili, l-Artikoli 6, 27, 28 Il-Liġi Għall-Ilma Baħar, Ilmijiet Navigabbli Interni u Portijiet tar-Repubblika tal-Bulgarija, l-Artikoli 116, 116a, 117, 117a L-Ordinanza Nru 17/22.01.2013 għall-ġarr ta' prodotti permezz ta' ilmijiet navigabbli interni
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Bastiment tal-baħar huwa intitolat li jtajjar il-bandiera Bulgara jekk: (a) jappartjeni lill-Istat; (b) jappartjeni lil persuna fiżika jew entità ġuridika Bulgara; (c) aktar minn nofs is-sjieda huwa ta' persuni fiżiċi jew entitajiet ġuridiċi Bulgari; jew (d) jappartjeni lil persuna fiżika jew entità ġuridika ta' Stat Membru tal-UE, bil-kundizzjoni li, għas-sodisfazzjon tar-rekwiżiti tekniċi, amministrattivi jew rekwiżiti oħrajn tal-leġiżlazzjoni Bulgara fir-rigward ta' bastimenti tal-baħar, il-persuni fiżiċi jew entitajiet ġuridiċi Bulgari jew il-persuni fiżiċi jew entitajiet ġuridiċi minn Stat Membru tal-UE residenti fil-Bulgarija ġew awtorizzati mis-sid tal-bastiment u huma responsabbli mill-qadi ta' dawn il-funzjonijiet f'ismu. Rigward is-servizzi ta' sostenn għat-trasport pubbliku mwettaq fil-portijiet Bulgari, f'portijiet li għandhom importanza nazzjonali, id-dritt ta' qadi tal-attivitajiet ta' sostenn huwa mogħti permezz ta' kuntratt ta' konċessjoni. F'portijiet li għandhom importanza reġjonali, dan id-dritt huwa mogħti permezz ta' kuntratt mas-sid tal-port.

Settur:	Sajd
	Trasport
Sottosettur:	L-attività marina kummerċjali mwettqa minn bastiment, inkluż is-sajd, l-akkwakultura u servizzi inċidentali għas-sajd
	Servizzi ta' trasport (passiġġieri u merkanzija) minn bastimenti tal-baħar
	Servizzi ta' trasport (passiġġieri u merkanzija) minn bastimenti li mhumiex tal-baħar
	Servizzi ta' pilotaġġ u rmiġġ
	Servizzi ta' salvataġġ u varar mill-ġdid
	Servizzi oħra ta' sostenn għal trasport bl-ilma
	Kostruzzjoni għal passaġġi fuq l-ilma, portijiet, digi u xogħlijiet oħra fuq l-ilma
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 0501, ISIC rev 3.10502, CPC 5133, CPC5223, CPC 721, CPC 722, CPC 74520, CPC 74540, CPC 74590, CPC 882
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
	Aċċess għas-suq
	Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
	Obbligi
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Il-Kodiċi tal-Bastimenti Merkantili
	Il-Liġi Għall-Ilma Baħar, l-Ilmijiet Navigabbli Interni U L-Portijiet tar-Repubblika tal-Bulgarija
	L-Ordinanza għall-kundizzjoni u l-ordni għall-għażla ta' operaturi ta' trasport Bulgari għall-ġarr ta' passiġġieri u merkanzija taħt trattati internazzjonali
	L-Ordinanza 3 għas-servizz ta' manutenzjoni ta' bastimenti mingħajr ekwipaġġ

Deskrizzjoni:

Investiment, Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi u Servizzi tat-Trasport Marittimu Internazzjonali

Il-ġarr u kull attività relatata ma' xogħlijiet ta' inġinerija idrawlika u xogħlijiet tekniċi taħt l-ilma, il-prospettar u l-estrazzjoni ta' riżorsi minerali u riżorsi mhux organiċi oħra, pilotaġġ, bunkering, riċeviment ta' skart, taħlit ta' ilma u żejt u simili, imwettqa minn bastimenti fl-ilmijiet interni, fil-baħar territorjali u fl-ilmijiet navigabbli interni tal-Bulgarija, jistgħu jitwettqu biss minn bastimenti li jtajru l-bandiera Bulgara jew bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru ieħor tal-UE.

Is-servizzi pprovduti lil bastimenti mingħajr ekwipaġġ f'portijiet u mħażen Bulgari fuq ix-xmara Danubju huma pprovduti biss minn intrapriżi Bulgari (l-inkorporazzjoni hija meħtieġa).

In-numru ta' forniturі ta' servizzi fil-portijiet huwa limitat skont il-kapaċità oġġettiva tal-port, li huwa deċiż minn kummissjoni ta' esperti, stabbilita mill-Ministeru tat-Trasport, it-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjonijiet.

Il-kundizzjoni ta' nazzjonalità għal servizzi ta' sostenn. Il-kaptan u l-inġinier kap tal-bastiment bilfors iridu jkunu ċittadini ta' Stat Membru tal-UE jew taż-ŻEE, jew tal-Konfederazzjoni Żvizzera. Mhux anqas minn 25 fil-mija tal-pożizzjonijiet fuq livell ta' maniġment u livell operazzjonali u mhux anqas minn 25 fil-mija tal-pożizzjonijiet li jieħdu l-ordnijiet jimtlew minn ċittadini tal-Bulgarija.

Settur:	Trasport
Sottosettur:	Trasport bil-ferrovija Servizzi ta' sostenn għal trasport bil-ferrovija
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 711
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Il-Liġi Għat-Trasport bil-Ferrovija, l-Artikoli 37, 48
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Iċ-ċittadini ta' Stat Membru tal-UE biss jistgħu jipprovdu trasport bil-ferrovija jew servizzi ta' sostenn għal trasport bil-ferrovija fil-Bulgarija. Liċenzja għall-eżerċizzju ta' trasport bil-ferrovija ta' passiġġieri jew ta' merkanzija tinħareġ mill-Ministeru tat-Trasport għall-operaturi ta' trasport bil-ferrovija rreġistrati bħala operaturi ta' trasport.

Riżervi applikabbli fil-Kroazja

Settur:	Setturi kollha
Sottosettur:	Akkwiżizzjoni ta' proprjetà immobbli
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Il-Liġi dwar il-Pussess u Drittijiet Materjali oħra (OG 91/96, 68/98, 137/99, 22/00, 73/00, 114/01, 79/06, 141/06, 146/08, 38/09 i 153/09) L-Att dwar Art Agrikola (OG 152/08, 25/09, 153/09, 21/10, 31/11 u 63/11), l-Artikolu 2
Deskrizzjoni:	**Investiment** Kumpaniji barranin jitħallew biss jakkwistaw proprjetà immobbli għall-provvista ta' servizzi jekk ikunu stabbiliti u inkorporati fil-Kroazja bħala persuni ġuridiċi. L-akkwiżizzjoni ta' proprjetà immobbli meħtieġa għall-provvista ta' servizzi minn fergħat tirrikjedi l-approvazzjoni tal-Ministeru tal-Ġustizzja. Il-barranin ma jistgħux jakkwistaw art agrikola.

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizz legali
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 861
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	L-Att dwar il-Professjoni Legali, (OG 9/94, 51/01, 117/08, 75/09, 18/11)

Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Ir-rappreżentanza tal-partijiet quddiem il-qrati tista' ssir biss mill-membri tal-Assoċjazzjoni tal-Avukatura tal-Kroazja (titolu Kroat "odvjetnici"). Ir-rekwiżit ta' nazzjonalità biex issir membru fil-Kunsill tal-Avukatura. Fi proċedimenti li jinvolvu elementi internazzjonali, il-partijiet jistgħu jiġu rrappreżentati quddiem il-qrati ta' arbitraġġ - quddiem il-qrati *ad hoc* biss minn avukati li huma membri tal-assoċjazzjonijiet tal-avukatura ta' pajjiżi oħra. L-ammissjoni sħiħa għall-avukatura, meħtieġa għal servizzi ta' rappreżentanza legali, hija suġġetta għar-rekwiżit tan-nazzjonalità (nazzjonalità ta' Stat Membru tal-UE).
Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi ta' kontabilità, awditjar u żamma tal-kotba
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 862
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	L-Att dwar l-Awditjar (OG 146/05, 139/08, 144/12), l-Artikolu 3
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** L-intrapriżi ta' awditjar barranin jistgħu jipprovdu servizzi tal-awditjar fit-territorju Kroat fejn ikunu stabbilixxew fergħa. L-awditjar jista' jitwettaq biss minn persuni ġuridiċi stabbiliti fil-Kroazja, jew minn persuni fiżiċi residenti fil-Kroazja.

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi arkitetturali u tal-inġenerija
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 8671, CPC 8672, CPC 8673, CPC 8674
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	L-Att dwar l-Attivitajiet Arkitetturali u ta' Inġinerija f'Ippjanar u Bini Fiżiku (OG 152/08, 49/11, 25/13)
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Disinn jew proġett maħluq minn perit jew inġinier irid ikun validat minn persuna fiżika jew ġuridika awtorizzata fil-Kroazja fir-rigward tal-konformità tiegħu mal-Liġi Kroata.

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi veterinarji
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 932
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	L-Att dwar il-Veterinarji (OG 41/07, 55/11), l-Artikoli 89, 106

Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Biss il-persuni ġuridiċi u fiżiċi stabbiliti bl-iskop tal-eżerċizzju ta' attivitajiet minn veterinarji fi Stat Membru tal-UE jistgħu jipprovdu servizzi veterinarji transfruntieri fil-Kroazja (l-Att dwar il-Veterinarji; OG 41/07, 55/11, l-Artikolu 89). Iċ-ċittadini biss ta' Stat Membru tal-UE jistgħu jistabbilixxu prattika veterinarja fil-Kroazja (l-Att dwar il-Veterinarji; OG 41/07, 55/11, l-Artikolu 106).
Settur:	Distribuzzjoni
Sottosettur:	Bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi u bejgħ bl-imnut ta' prodotti mediċinali u ortopediċi
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 63211
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	L-Att dwar il-Kura tas-Saħħa (OG 150/08, 71/10, 139/10, 22/11, 84/11, 12/12, 70/12, 144/12)
Deskrizzjoni:	**Investiment** L-awtorizzazzjoni hija suġġetta għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: popolazzjoni u densità ġeografika ta' spiżeriji eżistenti.
Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi ta' proprjetà immobbli
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 821, CPC 822
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq

Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Senserija ta' proprjetà immobbli (OG 107/07 u 144/12), l-Artikolu 2
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Hija meħtieġa preżenza kummerċjali għall-provvista ta' servizzi ta' proprjetà immobbli.
Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi xjentifiċi u ta' konsulenza teknika relatati
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 8675
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	L-Ordinanza dwar ir-rekwiżiti għall-ħruġ ta' approvazzjonijiet lil persuni ġuridiċi għall-eżerċizzju ta' attivitajiet professjonali ta' protezzjoni ambjentali (OG No. 57/10), l-Artikoli 32-35
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Is-servizzi ta' konsulenza ġeoloġika, ġeodetika u tal-minjieri kif ukoll is-servizzi ta' konsulenza relatati dwar il-protezzjoni ambjentali fit-territorju tal-Kroazja jistgħu jiġu eżerċitati konġuntament permezz ta' persuni ġuridiċi domestiċi.
Settur:	Servizzi tas-saħħa u servizzi soċjali
Sottosettur:	Servizzi ta' sptar Servizzi ta' ambulanza Faċilitajiet ta’ saħħa residenzjali minbarra servizzi ta’ sptarijiet

Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 9311, CPC 93192, CPC 93193, CPC 933
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	L-Att dwar il-Kura tas-Saħħa (OG 150/08, 71/10, 139/10, 22/11, 84/11, 12/12, 70/12, 144/12)
Deskrizzjoni:	**Investiment** L-istabbiliment ta' uħud mill-faċilitajiet ta' kura soċjali ffinanzjati privatament jista' jkun suġġett għal ħtiġijiet għal limiti f'żoni ġeografiċi partikolari.
Settur:	It-turiżmu u s-servizzi relatati mal-ivvjaġġar
Sottosettur:	Lukandi u ristoranti Servizzi ta' aġenziji tal-ivvjaġġar u operaturi turistiċi (inkluż maniġers tat-turs) Servizzi ta' gwida tat-turisti
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 641, CPC 642, CPC 643, CPC 7471, CPC 7472
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	L-Att dwar l-Ospitalità u l-Industrija għall-Forniment tal-Ikel (OG 138/06, 152/08, 43/09, 88/10 i 50/12) L-Att dwar il-Provvista ta' Servizzi tat-Turiżmu (OG Nru 68/07 u 88/10)
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Ir-rekwiżit ta' nazzjonalità għal servizzi ta' ospitalità u ta' forniment tal-ikel f'unitajiet domestiċi u proprjetajiet residenzjali rurali.

Settur:	Sajd, trasport
Sottosettur:	L-attività marina kummerċjali mwettqa minn bastiment tal-baħar, inkluż is-sajd, l-akkwakultura u servizzi inċidentali għas-sajd Servizzi ta' trasport (passiġġieri u merkanzija) minn bastimenti tal-baħar Servizzi ta' pilotaġġ u rmiġġ Servizzi ta' salvataġġ u varar mill-ġdid Servizzi oħra ta' sostenn għal trasport bl-ilma Kostruzzjoni għal passaġġi fuq l-ilma, portijiet, digi u xogħlijiet oħra fuq l-ilma
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 0501, ISIC rev 3.1 0502, CPC 5133, CPC 5223, CPC 721, CPC 74520, CPC 74540, CPC 74590, CPC 882
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq Obbligi
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	L-Att Marittimu (*Pomorski zakonik*), l-Artikolu 187
Deskrizzjoni:	**Investiment, Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi u Servizzi tat-Trasport Marittimu Internazzjonali** Bastiment tal-baħar li jappartjeni lil persuna fiżika jew ġuridika li għandha r-residenza jew is-sede tagħha barra mill-UE jista' jkun irreġistrat fir-reġistru nazzjonali Kroat u jtajjar il-bandiera Kroata jekk l-ispeditur / il-kumpanija li qedha tfittex li tirreġistra l-bastiment għandha preżenza kummerċjali fil-Kroazja.

Settur:	Trasport
Sottosettur:	Servizzi tat-trasport marittimu: servizzi ta' rmonk u mbuttar Servizzi ta' sostenn għal trasport marittimu Servizzi awżiljarji għal kull mod ta' forniment Servizzi ta' immaniġġar tal-merkanzija Servizzi ta' ħżin u magażinaġġ Servizzi tal-tal-aġenzija tat-trasport tal-merkanzija Servizzi ta' trasport ta' sostenn u awżiljarji oħra
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 7214, CPC 741, CPC 742, 745, CPC 741, CPC 742, CPC 748, CPC 749
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	L-Att dwar id-Demesne Marittimu u l-Portijiet tal-Baħar (OG 158/03, 100/04, 141/06 i 38/09 (Zakon o pomorskom dobru i morskim lukama. (NN 158/03, 100/04, 141/06 i 38/09)
Deskrizzjoni:	**Investiment** Il-persuni ġuridiċi barranin iridu jistabbilixxu kumpanija fil-Kroazja u jridu jingħataw konċessjoni mill-awtorità tal-port wara proċedura ta’ sejħa għall-offerti pubblika.

Riżervi applikabbli f'Ċipru

Settur:	Setturi kollha
Sottosettur:	Akkwiżizzjoni ta' proprjetà immobbli
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Il-Liġi (Kapitolu 109) dwar l-Akkwiżizzjoni (minn Barranin) ta' Proprjetà Immobbli kif emendata bil-liġijiet numru 52 tal-1969, 55 tal-1972, 50 tal-1990 u 54(I) tal-2003
Deskrizzjoni:	**Investiment** Iċ-Ċiprijotti jew persuni ta' oriġini Ċiprijotta, kif ukoll ċittadini ta' Stat Membru tal-UE, jitħallew jakkwistaw kwalunkwe proprjetà f'Ċipru mingħajr restrizzjonijiet. Ebda barrani ma jista' jikseb, barra minn *mortis causa*, kwalunkwe proprjetà immobbli mingħajr ma jikseb permess mill-Kunsill tal-Ministri. Għall-barranin, fejn l-akkwiżizzjoni ta' proprjetà immobbli teċċedi l-limitu meħtieġ għall-istabbiliment tal-bini tad-djar jew bjut professjonali, jew inkella teċċedi l-limitu ta' żewġ donums (2676 m^2), kull permess mogħti mill-Kunsill tal-Ministri jkun suġġett għat-tali termini, limitazzjonijiet, kundizzjonijiet u kriterji li huma stabbiliti bir-Regolamenti adottati mill-Kunsill tal-Ministri u approvati mill-Parlament.

	Barrani jikkonsisti f'kull persuna li mhijiex ċittadina tar-Repubblika ta' Ċipru, inkluż kumpanija kkontrollata mill-barranin. It-terminu ma jinkludix barranin ta' oriġini Ċiprijott jew konjuġi mhux Ċiprijotti ta' ċittadini tar-Repubblika ta' Ċipru.
Settur:	Estrazzjoni u xogħol fil-barrieri
Sottosettur:	Estrazzjoni ta' żejt mhux maħdum u gass naturali
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 1110 Il-Liġi dwar il-Idrokarburi (Prospettar, Esplorazzjoni u Użu) tal-2007, (il-Liġi 4(I)/2007) kif emendata bil-liġijiet numru 126(I) tal-2013 u 29(I) tal-2014
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	
Deskrizzjoni:	**Investiment** Il-Kunsill tal-Ministri jista', għal raġunijiet ta' sigurtà tal-enerġija, jirrifjuta li jippermetti aċċess u l-eżerċizzju tal-attivitajiet ta' prospettar, esplorazzjoni u użu ta' idrokarburi lil kull entità li hija effettivament ikkontrollata mill-Kanada jew minn ċittadini tal-Kanada. Ebda entità ma tista', wara l-għoti ta' awtorizzazzjoni għall-prospettar, esplorazzjoni u użu ta' idrokarburi, tiġi taħt il-kontroll dirett jew indirett tal-Kanada jew ċittadin tal-Kanada mingħajr l-approvazzjoni minn qabel tal-Kunsill tal-Ministri.

	Il-Kunsill tal-Ministri jista' jirrifjuta li jagħti awtorizzazzjoni għall-prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi lil entità li hija effettivament ikkontrollata mill-Kanada jew pajjiż terz jew minn ċittadin tal-Kanada jew pajjiż terz, meta l-Kanada jew pajjiż terz ma jagħtix lil entitajiet tar-Repubblika ta' Ċipru jew lil entitajiet tal-Istati Membri tal-UE, f'relazzjoni mal-aċċess u l-eżerċizzju tal-attivitajiet ta' prospettar, esplorazzjoni u użu ta' idrokarburi, trattament paragunabbli għal dak li r-Repubblika ta' Ċipru jew l-Istat Membru tal-UE jagħti lil entitajiet tal-Kanada jew dak il-pajjiż terz.
Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizz legali
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Parti minn CPC 861
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Il-Liġi dwar l-Avukati (Kapitolu 2), kif emendata bil-liġijiet numru 42 tal-1961, 20 tal-1963, 46 tal-1970, 40 tal-1975, 55 tal-1978, 71 tal-1981, 92 tal-1983, 98 tal-1984, 17 tal-1985, 52 tal-1985, 9 tal-1989, 175 tal-1991, 212 tal-1991, 9(I) tal-1993, 56(I) tal-1993, 83(I) tal-1994, 76(I) tal-1995, 103(I) tal-1996, 79(I) tal-2000, 31(I) tal-2001, 41(I) tal-2002, 180(I) tal-2002, 117(I) tal-2003, 130(I) tal-2003, 199(I) tal-2004, 264(I) tal-2004, 21(I) tal-2005, 65(I) tal-2005, 124(I) tal-2005, 158(I) tal-2005, 175(I) tal-2006, 117(I) tal-2007, 103(I) tal-2008, 109(I) tal-2008, 11(I) tal-2009, 130(I) tal-2009, 4(I) tal-2010, 65(I) tal-2010, 14(I) tal-2011, 144(I) tal-2011, 116(I) tal-2012 u 18(I) tal-2013

Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Hija meħtieġa ammissjoni sħiħa għall-avukatura għall-prattika ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi tal-UE u l-liġi ta' Stat Membru tal-UE, inkluża rappreżentanza quddiem il-qrati. Ir-residenza (preżenza kummerċjali) u n-nazzjonalità ta' Stat Membru tal-UE hija meħtieġa sabiex tinkiseb ammissjoni sħiħa għall-avukatura. Biss l-avukati li huma membri tal-Kamra tal-Avukati jistgħu jkunu sieħba jew azzjonisti jew membri tal-Bord tad-Diretturi f'kumpanija legali f'Ċipru. Għall-provvista ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi tal-UE u l-liġi ta' Stat Membru tal-UE, tista' tkun meħtieġa preżenza kummerċjali li għandha tieħu waħda mill-forom legali li huma permessi bil-liġi nazzjonali fuq bażi mhux diskriminatorja. Xi tipi ta' forma legali jistgħu jiġu riżervati esklużivament għal avukati li jkunu ammessi għall-avukatura, ukoll fuq bażi mhux diskriminatorja.
Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi ta' kontabilità u żamma tal-kotba Servizzi tal-awditjar, servizzi tal-konsulenza dwar it-taxxa
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 86211, CPC 86212, CPC 86213, CPC 86219, CPC 86220, CPC 863
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Il-Liġi tal-2009 dwar l-Awdituri u l-Awditjar Obbligatorju tal-Kontijiet Annwali u tal-Kontijiet Ikkonsolidati (il-Liġi 42(I)/2009), kif emendata bil-liġi numru 163(I) tal-2013

Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** L-aċċess huwa ristrett għal persuni fiżiċi. L-awdituri Kanadiżi jeħtieġu li jiksbu liċenzja speċjali mill-Ministeru tal-Finanzi, li hija suġġetta għal reċiproċità. L-awtorizzazzjoni hija suġġetta wkoll għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: is-sitwazzjoni tal-impjieg fis-sottosettur. L-assoċjazzjonijiet professjonali (soċjetajiet) bejn persuna fiżiċi huwa permessi. Ebda persuna ġuridika mhija permessa.
Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Ittestjar tekniku u analiżijiet
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 8676
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Il-Liġi tal-1988 dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Ispiżjara (il-Liġi 157/1988), kif emendata bil-liġijiet numru 24(I) tal-1992 u 20(I) tal-2004
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Il-provvista ta' servizzi minn spiżjara u bijoloġisti tirrikjedi nazzjonalità ta' Stat Membru tal-UE.
Settur:	It-turiżmu u s-servizzi relatati mal-ivvjaġġar
Sottosettur:	Servizzi ta' aġenziji tal-ivvjaġġar u operaturi turistiċi (inkluż maniġers tat-turs Servizzi ta' gwida tat-turisti

Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 7471, CPC 7472
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Il-Liġi għall-1995 sal-2004 dwar it-Turiżmu u l-Uffiċċji tal-Ivvjaġġar u l-Gwidi Turistiċi (N.41(I)/1995-2004)
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Liċenzja għall-istabbiliment u l-operazzjoni ta' kumpanija tat-turiżmu u l-ivvjaġġar, kif ukoll it-tiġdid ta' liċenzja għall-operazzjoni ta' kumpanija eżistenti, tingħata biss lil persuni fiżiċi jew persuni ġuridiċi tal-UE. Ebda kumpanija mhux residenti barra minn dawk stabbiliti fi Stat Membru ieħor tal-UE, ma tista' tipprovdi fir-Repubblika ta' Ċipru, fuq bażi organizzat jew permanenti, l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 3 tal-Liġi msemmija aktar 'il fuq, sakemm ma tkunx rappreżentata minn kumpanija residenti. Il-provvista ta' servizzi minn gwida tat-turisti tirrikjedi nazzjonalità ta' Stat Membru tal-UE.
Settur:	Sajd, trasport
Sottosettur:	L-attività marina kummerċjali mwettqa minn bastiment tal-baħar, inkluż is-sajd, l-akkwakultura u servizzi inċidentali għas-sajd Servizzi ta' trasport (passiġġieri u merkanzija) minn bastimenti tal-baħar Servizzi ta' pilotaġġ u rmiġġ Servizzi ta' salvataġġ u varar mill-ġdid Servizzi oħra ta' sostenn għal trasport bl-ilma Kostruzzjoni għal passaġġi fuq l-ilma, portijiet, digi u xogħlijiet oħra fuq l-ilma

Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 0501, ISIC rev 3.1 0502, CPC 5133, CPC5223, CPC 721, CPC 74520, CPC 74540, CPC 74590, CPC 882
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq Obbligi
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Il-Liġijiet mill-1963 sal-2005 dwar il-Bastimenti Merkantili (Reġistrazzjoni tal-Bastimenti, Bejgħ u Self) (il-Liġi 45/1963), kif emendati bil-liġijiet numru 138(I) tal-2003, 169(I) tal-2004 u 108(I) tal-2005
Deskrizzjoni:	**Servizzi ta' Investiment u ta' Trasport Marittimu Internazzjonali** Bastiment jista' jiġi rreġistrat fir-Reġistru tal-Bastimenti ta' Ċipru biss jekk: (a) Aktar minn 50 fil-mija tal-ishma tal-bastiment jappartjenu lil ċittadini ta' Stat Membru tal-UE, li, jekk ma jkunux residenti permanenti tar-Repubblika ta' Ċipru, ikunu ħatru rappreżentant awtorizzat fir-Repubblika ta' Ċipru; jew (b) It-total (100 fil-mija) tal-ishma tal-bastiment jappartjeni lil waħda jew aktar korporazzjonijiet, li jkunu ġew stabbiliti u joperaw: (i) f'konformità mal-liġijiet tar-Repubblika ta' Ċipru u għandhom l-uffiċċju reġistrat tagħhom fir-Repubblika ta' Ċipru;

(ii) f'konformità mal-liġijiet ta' kull Stat Membru ieħor tal-UE u għandhom l-uffiċċju reġistrat, amministrazzjoni ċentrali jew post prinċipali tan-negozju tagħhom fiż-Żona Ekonomika Ewropea u jkunu jew ħatru rappreżentant awtorizzat fir-Repubblika ta' Ċipru jew il-maniġment tal-bastiment jiġi fdat bis-sħiħ lil kumpanija Ċiprijotta jew tal-UE ta' maniġment ta' bastiment li għandha l-post tan-negozju tagħha fir-Repubblika ta' Ċipru; jew

(iii) barra mir-Repubblika ta' Ċipru jew barra minn kwalunkwe Stat Membru tal-UE iżda kkontrollati minn ċittadini ta' Stat Membru tal-UE u jkunu jew ħatru rappreżentant awtorizzat fir-Repubblika ta' Ċipru jew il-maniġment tal-bastiment jiġi fdat bis-sħiħ lil kumpanija Ċiprijotta jew tal-UE ta' maniġment ta' bastiment li għandha l-post tan-negozju tagħha fir-Repubblika ta' Ċipru. Il-korporazzjoni titqies li tkun kontrollata minn ċittadini ta' Stat Membru tal-UE meta aktar minn ħamsin fil-mija tal-ishma tagħha huma kkontrollati minn ċittadini ta' Stat Membru tal-UE jew meta l-maġġoranza tad-Diretturi tal-korporazzjoni huma ċittadini ta' Stat Membru tal-UE.

Riżervi applikabbli fir-Repubblika Ċeka

Settur:	Setturi kollha
Sottosettur:	Akkwiżizzjoni ta' proprjetà immobbli
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	L-Att Nru 95/1999 Coll. (dwar il-Kundizzjonijiet dwar it-trasferiment ta' art u foresti agrikoli mingħand l-istat għal entitajiet oħra) L-Att Nru 503/2012, Coll. dwar l-Uffiċċju tal-Art tal-Istat
Deskrizzjoni:	**Investiment** L-art agrikola u forestali tista' tinkiseb minn persuni fiżiċi barranin li għandhom residenza permanenti fir-Repubblika Ċeka u intrapriżi stabbiliti fir-Repubblika Ċeka. Japplikaw regoli speċifiċi għal art agrikola u forestali li hija proprjetà tal-gvern. L-art agrikola tal-gvern tista' tinkiseb biss minn ċittadini, muniċipalitajiet u universitajiet pubbliċi Ċeki (għal taħriġ u riċerka). Il-persuni ġuridiċi (irrispettivament mill-forma jew il-post tar-residenza) jistgħu jiksbu art agrikola mill-istat biss jekk il-bini, li huwa diġà proprjetà tagħhom, huwa mibni jew jekk din l-art hija indispensabbli għall-użu tat-tali bini. Biss il-muniċipalitajiet u l-universitajiet pubbliċi jistgħu jiksbu foresti tal-istat.
Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizz legali

Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Parti minn CPC 861
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	L-Att Nru 85/1996 Coll., l-Att dwar il-Professjoni Legali
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** L-avukati barranin ammessi fl-Assoċjazzjoni tal-Avukatura Ċeka skont it-sottotaqsima (1) tal-Artikolu 5a tal-Att dwar il-Professjoni Legali jkunu intitolati sabiex jipprovdu servizzi legali fil-liġi tal-pajjiż li fih huma kisbu l-intitolament tagħhom li jipprovdu servizzi legali, u l-liġi internazzjonali. Hija meħtieġa ammissjoni sħiħa għall-avukatura għall-prattika ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi tal-UE u l-liġi ta' Stat Membru tal-UE, inkluża rappreżentanza quddiem il-qrati. Għall-provvista ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi tal-UE u l-liġi ta' Stat Membru tal-UE, tista' tkun meħtieġa preżenza kummerċjali li għandha tieħu waħda mill-forom legali li huma permessi bil-liġi nazzjonali fuq bażi mhux diskriminatorja. Xi tipi ta' forma legali jistgħu jiġu riżervati esklużivament għal avukati li jkunu ammessi għall-avukatura, ukoll fuq bażi mhux diskriminatorja.
Settur:	Servizzi tas-saħħa u servizzi soċjali
Sottosettur:	Servizzi ta' negozju u produzzjoni Servizzi veterinarji Persunal paramediku Restawratur Fiżjoterapisti

Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 93191, CPC 932, CPC 96322
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	L-Att Nru 166/1999 Coll. (l-Att dwar il-Veterinarji), §58-63, 39 L-Att Nru 381/1991 Coll. (dwar il-Kamra tal-Kirurgi Veterinarji tar-Repubblika Ċeka), para. 4 L-Att 20/1987 Coll., dwar il-kura tal-monumenti tal-Istat L-Att 96/2004 Coll., dwar il-kundizzjonijiet ta' kisba u rikonoxximent tal-kwalifika għall-prestazzjoni ta' okkupazzjonijiet mhux medikali fis-servizz tas-saħħa u għall-prestazzjoni debita ta' attivitajiet relatati mal-provvista tal-kura tas-saħħa
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** L-aċċess huwa ristrett għal persuni fiżiċi biss.
Settur:	Servizzi edukattivi
Sottosettur:	Servizzi ta' edukazzjoni għolja
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 92390
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	L-Att Nru 111/1998, Coll. (l-Att dwar l-Edukazzjoni Għolja), § 39 L-ATT NRU 561/2004 COLL. DWAR L-EDUKAZZJONI PREPRIMARJA, BAŻIKA, SEKONDARJA, PROFESSJONALI TERZJARJA U EDUKAZZJONI OĦRA (L-ATT DWAR L-EDUKAZZJONI)

Deskrizzjoni:	**Investiment** L-istabbiliment fl-UE huwa meħtieġ għall-applikazzjoni għal approvazzjoni tal-istat sabiex jopera bħala istituzzjoni ta’ edukazzjoni għolja ffinanzjata privatament. Din ir-riżerva ma tapplikax għal servizzi ta' edukazzjoni teknika sekondarja u edukazzjoni vokazzjonali.
Settur:	Servizzi tal-komunità, servizzi soċjali u personali
Sottosettur:	Servizzi ta' ħarsien tal-ambjent Servizzi ta' riċiklaġġ Imballaġġ
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	L-Att 477/2001 Coll. (l-Att dwar l-Imballaġġ) par. 16
Deskrizzjoni:	**Investiment** Kumpanija awtorizzata tal-imballaġġ hija permessa biss li tipprovdi servizzi relatati mat-teħid lura u rkupru ta' imballaġġ u trid tkun persuna ġuridika stabbilita bħala kumpannija b'ishma konġunti

Settur:	Sajd Trasport
Sottosettur:	L-attività marina kummerċjali mwettqa minn bastiment tal-baħar, inkluż is-sajd, l-akkwakultura u servizzi inċidentali għas-sajd Servizzi ta' trasport (passiġġieri u merkanzija) minn bastimenti tal-baħar Servizzi ta' pilotaġġ u rmiġġ Servizzi ta' salvataġġ u varar mill-ġdid Servizzi oħra ta' sostenn għal trasport bl-ilma Kostruzzjoni għal passaġġi fuq l-ilma, portijiet, digi u xogħlijiet oħra fuq l-ilma
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 0501, ISIC rev 3.1 0502, CPC 5133, CPC5223, CPC 721, CPC 74520, CPC 74540, CPC 74590, CPC 882
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq Obbligi
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	L-Att 61/2000 dwar in-Navigazzjoni Marittima (§5, §6 u §28)
Deskrizzjoni:	**Servizzi ta' Investiment u ta' Trasport Marittimu Internazzjonali** L-operazzjoni ta' bastiment taħt il-bandiera nazzjonali hija riżervata lil ċittadini ta' Stat Membru tal-UE jew lil persuni ġuridiċi stabbiliti fi Stat Membru tal-UE jew taż-ŻEE.

Settur:	Trasport
Sottosettur:	Trasport bil-ferrovija
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 711
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	L-Att Nru 266/1994 Coll., dwar it-Trasport Bil-Ferrovija
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Għat-trasport ta' passiġġieri u merkanzija u servizzi ta' imbuttar u rmunkar bil-ferrovija, hija meħtieġa l-inkorporazzjoni (ebda fergħat).

Riżervi applikabbli fid-Danimarka

Settur:	Setturi kollha
Sottosettur:	Akkwiżizzjoni ta' proprjetà immobbli
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	L-Att Daniż dwar l-akkwiżizzjoni ta' proprjetà immobbli Lovbekendtgørelse nr. 566 af 28. august 1986 om erhvervelse af fast ejendom (l-Att tal-Ministeru tal-Ġustizzja Nru 566 tat-28 ta' Awwissu 1985), kif emendat bl-Att Nru 1102 tal-21 ta' Diċembru 1994 u l-Ordni Nru 764 tat-18 ta' Settembru 1995 L-Att Daniż dwar Proprjetà Immobbli Agrikola (lov om landbrugsejendomme)
Deskrizzjoni:	**Investiment** L-Att Daniż dwar l-Akkwiżizzjoni ta' Proprjetà Immobbli japplika għal art agrikola, inkwantu t-terminu "proprjetà immobbli" jirreferi għall-proprjetà immobbli kollha u għalhekk jinkludi art agrikola u rurali. Biss il-persuni li għandhom residenza permanenti fid-Danimarka jew li preċedentement kellhom ir-residenza permanenti tagħhom fid-Danimarka għal tal-inqas ħames snin jistgħu jixtru proprjetà immobbli fid-Danimarka. Dan ir-rekwiżit japplika wkoll għal intrapriżi, assoċjazzjonijiet u korpi oħra, istituzzjonijiet pubbliċi jew privati, fondazzjonijiet u fondazzjonijiet tal-karità li ma għandhomx uffiċċju reġistrat fid-Danimarka, u għal awtoritajiet pubbliċi barranin. Il-persuni l-oħra jridu japplikaw għand il-Ministeru tal-Ġustizzja għal permissjoni biex jixtru proprjetà immobbli, li jiġi permess jekk l-applikant ikun se juża' l-proprjetà immobbli bħala residenza primarja matul is-soġġorn fid-Danimarka jew għal impjieg indipendenti fid-Danimarka.

	Ix-xiri ta' proprjetà immobbli li tintuża bħala residenza sekondarja jew dar għas-sajf għall-applikant jiġi permess biss jekk il-persuna kkonċernata għandha relazzjonijiet jew rabtiet mill-qrib partikolari mad-Danimarka. Ix-xiri ta' proprjetà immobbli għal intrapriżi, assoċjazzjonijiet u korpi oħra, istituzzjonijiet pubbliċi jew privati, fondazzjonijiet u fondazzjonijiet tal-karità li ma għandhomx uffiċċju reġistrat fid-Danimarka jiġi permess fejn l-akkwiżizzjoni hija prerekwiżit għall-attivitajiet kummerċjali tax-xerrej. L-akkwiżizzjoni ta' art agrikola minn persuni privati jew ġuridiċi hija rregolata wkoll mill-Att Daniż dwar il-Proprjetà Immobbli Agrikola (lov om landbrugsejendomme), li timponi restrizzjonijiet fuq il-persuni kollha, Daniżi jew barranin, meta jkun qegħdin jakkwistaw proprjetà agrikola. Konsegwentement, kull persuna privata jew ġuridika, li tixtieq takkwista proprjetà immobbli agrikola, trid tissodisfa r-rekwiżiti skont iż-żewġ liġijiet. Tista' tinkiseb azjenda agrikola minn individwu, sakemm l-akkwirent - jew persuna oħra - ikollha residenza permanenti fl-azjenda mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-akkwiżizzjoni. Ma hemm ebda limitazzjoni fuq iċ-ċittadinanza. Jekk l-akkwirent mhuwiex ċittadin ta' wieħed mill-Istati Membri tal-UE jew taż-ŻEE, l-akkwirent irid ikollu liċenzja mill-Ministeru tal-Ġustizzja, sakemm l-akkwirent ma jgħix attwalment fid-Danimarka jew kien igħix preċedentement fid-Danimarka għal tal-inqas ħames snin.
Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi legali
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Parti minn CPC 861

Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Lovbekendtgørelse nr. 1053 af 29. Oktober 2009 (l-Att Nru 1053 tad-29 ta' Ottubru 2009 dwar l-amministrazzjoni tal-ġustizzja)
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Hija meħtieġa ammissjoni sħiħa għall-avukatura għall-prattika ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi tal-UE u l-liġi ta' Stat Membru tal-UE, inkluża rappreżentanza quddiem il-qrati. Għall-provvista ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi tal-UE u l-liġi ta' Stat Membru, tista' tkun meħtieġa preżenza kummerċjali li għandha tieħu waħda mill-forom legali li huma permessi bil-liġi nazzjonali fuq bażi mhux diskriminatorja. Xi tipi ta' forma legali jistgħu jiġu riżervati esklużivament għal avukati li jkunu ammessi għall-avukatura, ukoll fuq bażi mhux diskriminatorja. Disgħin fil-mija tal-ishma ta' ditta legali Daniża jridu jkunu jappartjenu lil avukati b'liċenzji għall-prattika jew ditti legali rreġistrati fid-Danimarka. L-avukati biss b'liċenzja Daniża għall-prattika jistgħu jpoġġu fuq il-bord jew ikunu membri tal-maniġment ta' ditta legali Daniża. Il-kumplament tal-għaxra (10) fil-mija jistgħu jkunu jappartjenu lil impjegati oħra fid-ditti legali, li jistgħu wkoll ipoġġu fuq il-bord u jkunu parti mill-maniġment tad-ditta. Il-kummerċjalizzazzjoni ta' servizzi legali ta' konsulenza huwa limitat għal avukati b'liċenzja Daniża għall-prattika.
Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi ta' kontabilità u żamma tal-kotba Servizzi tal-awditjar

Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 86211, CPC 86212, CPC 86213, CPC 86219, CPC 86220
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Revisorloven (l-Att Daniż dwar l-Awdituri u l-Intrapriżi tal-Awditjar Approvati), l-Att Nru 468 tas-17 ta' Ġunju 2008
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Ir-residenza hija meħtieġa għall-provvista ta' servizzi tal-awditjar. Sabiex jidħlu f'soċjetà mal-kontabilisti Daniżi awtorizzati, il-kontabilisti barranin iridu jiksbu permess mill-Awtorità Daniża għan-Negozju.

Settur:	Servizzi tas-saħħa
Sottosettur:	Servizzi veterinarji
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 932
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	L-Att Nru 433 tad-9 ta' Ġunju 2004 dwar kirurgi veterinarji
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** L-aċċess huwa ristrett għal persuni fiżiċi.

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi ta' proprjetà immobbli (fuq bażi ta' miżata jew kuntratt)
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 822
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Lov om omsætning af fast ejendom (l-Att dwar il-bejgħ ta' proprjetà immobbli)
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Għall-provvista ta' servizzi ta' proprjetà immobbli minn persuna fiżika preżenti fit-territorju tad-Danimarka, l-aġenti awtorizzati biss ta' proprjetà immobbli li huma persuni fiżiċi li ġew ammessi fir-reġistru tal-aġenti ta' proprjetà immobbli jistgħu jużaw it-titolu ta' "aġent tal-proprjetà immobbli", f'konformità mal-Artikolu 25(2) tal-Att dwar il-bejgħ ta' proprjetà immobbli li jistipula r-rekwiżiti ta' ammissjoni fir-reġistru. L-Att jeħtieġ li l-applikant ikun resident Daniż jew resident tal-UE, iż-ŻEE jew il-Konfederazzjoni Żvizzera. Ir-rekwiżit ta' residenza jista' jitneħħa mill-Awtorità Daniża għan-Negozju. L-Att dwar il-bejgħ ta' proprjetà immobbli huwa applikabbli biss meta jiġu pprovduti servizzi ta' proprjetà immobbli lil konsumaturi Daniżi.

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizz tat-Traduzzjoni u tal-Interpretazzjoni
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 87905
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq It-trattament l-aktar favorit tal-pajjiż

Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Lov om translatører og tolke (l-Att dwar Tradutturi u Interpreti Awtorizzati), l-Att Nru 181 tal-25 ta' Marzu 1988, ss. 1 u 1a
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Għall-provvista ta' servizzi awtorizzati ta' traduzzjoni u interpretazzjoni minn persuna fiżika preżenti fit-territorju tad-Danimarka, hija meħtieġa awtorizzazzjoni mill-Aġenzija Daniża għall-Kummerċ u l-Intrapriżi. Jistgħu jingħataw eżenzjonijiet mir-rekwiżit ta' awtorizzazzjoni għal provvista okkażjonali u temporanja ta' dawn is-servizzi lil persuni li huma stabbiliti fi professjoni ekwivalenti għal dak ta' traduttur u interpretu pubbliku awtorizzat fi Stat Membru ieħor tal-UE, pajjiż taż-ŻEE jew fil-Konfederazzjoni Żvizzera.
Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi tas-sigurtà
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 87302, CPC 87303, CPC 87304, CPC 87305, CPC 87309
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Lov om vagtvirksomhed LBK nr 227 af 03/03/2010
Deskrizzjoni:	**Investiment** Rekwiżit ta' residenza għal membri tal-bord

Settur:	Distribuzzjoni
Sottosettur:	Bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi, mediċinali u ortopediċi.
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 63211
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Apotekerloven (Danish Pharmacy Act) LBK nr. 855 tal-04/08/2008
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Il-persuni fiżiċi biss huma permessi li jipprovdu servizzi bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi u prodotti mediċinali speċifiċi lill-pubbliku.

Settur:	Sajd, trasport
Sottosettur:	L-attività marina kummerċjali mwettqa minn bastiment tal-baħar, inkluż is-sajd, l-akkwakultura u servizzi inċidentali għas-sajd Servizzi ta' trasport (passiġġieri u merkanzija) minn bastimenti tal-baħar Servizzi ta' pilotaġġ u rmiġġ Servizzi ta' salvataġġ u varar mill-ġdid Servizzi oħra ta' sostenn għal trasport bl-ilma Kostruzzjoni għal passaġġi fuq l-ilma, portijiet, digi u xogħlijiet oħra fuq l-ilma
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 0501, ISIC rev 3.10502, CPC 5133, CPC5223, CPC 721, CPC 74520, CPC 74540, CPC 74590, CPC 882
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq Obbligi

Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Lov om Dansk Internationalt Skibsregister (l-Att Daniż dwar ir-Reġistru tal-Bastimenti Internazzjonali), para 1 (2) Søloven (l-Att Daniż dwar il-Bastimenti Merkantili), para 1 (2). Lov om Havne (l-Att dwar il-Portijiet), ss. 9 (6-7) u 10 (4-5)
Deskrizzjoni:	**Investiment, Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi u Servizzi tat-Trasport Marittimu Internazzjonali** Ir-residenti mhux tal-UE ma jistgħux ikunu sidien ta' bastimenti li jtajru l-bandiera Daniża ħlief: (a) Permezz ta' intrapriża inkorporata fid-Danimarka jiġifieri aġenzija, fergħa jew kumpanija sussidjarja. Barra minn hekk, il-bastimenti jridu jkunu ffinanzjati, ikkontrollati u operati mill-intrapriża permezz ta' ċittadin ta' Stat Membru tal-UE jew taż-ŻEE jew persuna li għandha residenza Daniża; jew (b) Permezz tal-istabbiliment ta' kumpanija sussidjarja fi Stat Membru ieħor tal-UE jew taż-ŻEE u t-trasferiment tas-sjieda tal-bastiment lil din il-kumpanija tal-UE jew taż-ŻEE. Din il-kumpanija tal-UE jew taż-ŻEE mhijiex meħtieġa tistabbilixxi aġenzija, fergħa jew kumpanija sussidjarja, iżda trid tinħatar rappreżentanza fid-Danimarka u l-bastiment irid ikun iffinanzjat, ikkontrollat u operat mid-Danimarka.
Settur:	Sajd Trasport
Sottosettur:	Servizzi ta' sostenn għal trasport bl-ilma
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 741, CPC 742, CPC 745

Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq Obbligi
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Lov om Dansk Internationalt Skibsregister (l-Att Daniż dwar ir-Reġistru tal-Bastimenti Internazzjonali), para 1 (2) Søloven (l-Att Daniż dwar il-Bastimenti Merkantili), para 1 (2). Lov om Havne (l-Att dwar il-Portijiet), ss. 9 (6-7) u 10 (4-5)
Deskrizzjoni:	**Investiment, Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi u Servizzi tat-Trasport Marittimu Internazzjonali** Meta operatur privat barrani ta' port iwettaq servizzi ta' burdnara fuq bastimenti u servizzi oħra relatati mal-bastimenti f'port Daniż f'kollaborazzjoni ma' port muniċipali Daniż, jeħtieġ permess mill-Ministeru tat-Trasport f'konformità mal-Att dwar il-Portijiet. Il-portijiet muniċipali jeħtieġu permess mill-Ministeru tat-Trasport sabiex iwettqu servizzi ta' burdnara fuq bastimenti u servizzi oħra relatati mal-bastimenti bħal pilotaġġ, rmonk, eċċ. Il-portijiet tal-Istat huma pprojbiti milli jwettqu dawn is-servizzi. L-Att dwar il-Portijiet ma jpoġġix restrizzjonijiet fuq operaturi ta' port privati, b'mod li l-operaturi ta' port *privati* barranin mhumiex projbiti milli jwettqu servizzi ta' burdnara fuq bastimenti u servizzi oħra relatati mal-bastimenti f'portijiet Daniżi. Madankollu, l-operaturi barranin *tal-istat* u *muniċipali* huma suġġetti għar-restrizzjonijiet tal-Att dwar il-Portijiet.

Settur:	Enerġija
Sottosettur:	Trasport bil-pajp ta' fjuwil
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 7131
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Bekendtgørelse nr. 724 af 1. juli 2008 om indretning, etablering og drift af olietanke, rørsysrtemer og pipelines (l-Ordni dwar l-arranġament, l-istabbiliment u l-operazzjoni ta' tankijiet taż-żejt, sistemi tal-pajpijiet u pajpijiet), nru 724 tal-1 ta' Lulju 2008
Deskrizzjoni:	**Investiment** Is-sid jew l-utent intiż biex jistabbilixxi pajp għat-trasport ta' żejt mhux maħdum jew żejt irfinut u ta' prodotti taż-żejt mhux maħdum u tal-gass naturali jridu jiksbu permess mill-awtorita' lokali qabel ma jibda x-xogħol. In-numru tat-tali permessi li huma maħruġa jista' ikun limitat.

Riżervi applikabbli fl-Estonja

Settur:	Setturi kollha
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Äriseadustik (Kodiċi tal-Kummerċ) § 63^1 (2), § 385 (1)
Deskrizzjoni:	**Investiment** Kumpanija barranija għandha taħtar direttur jew diretturi għal fergħa. Direttur ta' fergħa jrid ikun persuna fiżika b'kapaċità ġuridika attiva. Ir-residenza ta' mill-inqas direttur wieħed ta' fergħa trid tkun fl-Estonja, fi Stat Membru taż-ŻEE jew fil-Konfederazzjoni Żvizzera.

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizz legali
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Parti minn CPC 861
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Advokatuuriseadus (l-Att dwar l-Assoċjazzjoni tal-Avukatura), RT I 2001, 36, 201 Notariaadiseadus (l-Att dwar in-Nutara), RT I 2000, 104, 684 Kohtutäituri seadus (l-Att dwar il-Bailiff), RT I 2009, 68, 463

Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Hija meħtieġa ammissjoni sħiħa għall-avukatura għall-prattika ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi Estonjana, inkluża rappreżentanza quddiem il-qrati. Hija meħtieġa r-residenza (preżenza kummerċjali) sabiex tinkiseb ammissjoni sħiħa għall-avukatura. Għall-provvista ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi tal-UE u l-liġi ta' Stat Membru tal-UE, tista' tkun meħtieġa preżenza kummerċjali li għandha tieħu waħda mill-forom legali li huma permessi bil-liġi nazzjonali fuq bażi mhux diskriminatorja. Xi tipi ta' forma legali jistgħu jiġu riżervati esklużivament għal avukati li jkunu ammessi għall-avukatura, ukoll fuq bażi mhux diskriminatorja. Għal servizzi legali barra minn servizzi ta' konsulenza lill-klijenti relatata mad-drittijiet u l-obbligi ġuridiċi tagħhom u l-provvista ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet legali, il-preżenza kummerċjali hija ristretta għal sjieda unika jew għal intrapriżi legali li għandhom responsabilità limitata, li f'każijiet hekk jeħtieġ permess mill-Kamra tal-Avukati (Advokatuur).
Settur:	Servizz legali
Sottosettur:	Aġenti tal-privattivi Tradutturi ġuramentati
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Parti minn CPC 861
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Patendivoliniku seadus (l-Att dwar l-Aġenti tal-Privattivi) § 14 (1) Vandetõlgi seadus (l-Att dwar it-Tradutturi Ġuramentati) § 3 (2)

Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** L-aġent tal-privattivi jrid ikun ċittadin ta' Stat Membru tal-UE b'residenza permanenti fl-Estonja. Traduttur ġuramentat irid ikun ċittadin ta' Stat Membru tal-UE.
Settur:	Distribuzzjoni
Sottosettur:	Bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi, mediċinali u ortopediċi.
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 63211
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Ravimiseadus (l-Att dwar il-Prodotti Mediċinali), RT I 2005, 2, 4; § 25 (3), §30, § 42^1
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Il-bejgħ bl-imnut ta' prodotti mediċinali u prodotti mediċi speċifiċi għall-pubbliku jista' jsir biss minn spiżerija. Il-bejgħ bil-korrispondenza ta' prodotti mediċi kif ukoll il-konsenja bil-posta jew servizz espress ta' prodotti mediċi ordnati mill-internet hija pprojbita. L-awtorizzazzjoni ta’ stabbiliment hija suġġetta għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: kundizzjonijiet ta' densità fiż-żona.

Settur:	Sajd, trasport
Sottosettur:	L-attività marina kummerċjali mwettqa minn bastiment tal-baħar, inkluż is-sajd, l-akkwakultura u servizzi inċidentali għas-sajd, servizzi tat-Trasport (passiġġieri u merkanzija) permezz ta' bastimenti tal-baħar. Servizzi ta' pilotaġġ u rmiġġ Servizzi ta' salvataġġ u varar mill-ġdid Servizzi oħra ta' sostenn għal trasport bl-ilma Kostruzzjoni għal passaġġi fuq l-ilma, portijiet, digi u xogħlijiet oħra fuq l-ilma
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 0501, ISIC rev0502, CPC 5133, CPC 5223, CPC 721, CPC 74520 CPC 74540, CPC 74590, CPC 882
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi Aċċess għas-suq Obbligi
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali Il-Liġi dwar il-Bandiera tal-Bastiment u l-Att dwar ir-Reġistri tal-Bastimenti
Miżuri:	

Deskrizzjoni: **Servizzi ta' Investiment u ta' Trasport Marittimu Internazzjonali**

Id-dritt li tittajjar il-bandiera nazzjonali tar-Repubblika tal-Estonja jingħata lil bastimenti tal-baħar li huma proprjetà ta' ċittadini tal-Estonja; bastimenti tal-baħar bi sjieda komuni jekk l-ikbar sehem tal-bastiment jappartjeni lill koproprjetarji Estonjani. Is-sjieda maġġoritarja ta' bastiment li jtajjar il-bandiera Estonjana hija riżervata lil ċittadini u persuni ġuridiċi minn Stati Membri tal-UE sakemm il-persuna minn Stat Membru ieħor tal-UE jkollha:

(a) residenza jew stabbiliment kummerċjali permanenti fl-Estonja, u l-bastiment innifsu mhuwiex meqjus li huwa stabbiliment kummerċjali; jew

(b) Rappreżentant Permanenti li r-residenza jew is-sede tiegħu jinsab fl-Estonja u li huwa responsabbli mill-konformità mar-rekwiżiti tekniċi, soċjali u amministrattivi stabbiliti fir-rigward ta' bastimenti tal-baħar fl-Estonja u li jikkontrolla u jissorvelja direttament l-użu tal-bastiment.

Riżervi applikabbli fil-Finlandja

Għall-għanijiet tar-riżervi tal-UE u tal-Istati Membrti tagħha, il-livell reġjonali tal-gvern fil-Finlandja jfisser il-Gżejjer Åland

Settur:	Setturi kollha
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi Aċċess għas-suq
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Laki elinkeinon harjoittamisen oikeudesta (l-Att dwar Id-Dritt ta' Twettiq ta' Negozju) (122/1919), s. 1 Osuuskuntalaki (l-Att dwar il-Kooperattivi) 1488/2001 Osakeyhtiölaki (l-Att dwar Kumpanija b'Responsabbiltajiet Limitati) (624/2006), Laki luottolaitostoiminnasta (l-Att dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu) (121/2007)
Deskrizzjoni:	**Investiment** Tal-inqas wieħed mis-soċji f'soċjetà ġenerali jew mis-soċji solidali f'soċjetà limitata jeħtieġ ikollu r-residenza tiegħu fiż-ŻEE jew, jekk is-soċju huwa persuna ġuridika, li jkun domiċiljat (ebda fergħa mhija permessa) fiż-ŻEE. Jistgħu jingħataw eżenzjonijiet mill-awtorità ta' reġistrazzjoni. Għall-eżerċizzju ta' negozju bħala imprenditur privat, hija meħtieġa residenza fiż-ŻEE.

	Jekk organizzazzjoni barranija minn pajjiż barra miż-ŻEE għandha l-għan li teżerċita' negozju jew kummerċ billi tistabbilixxi fergħa fil-Finlandja, hija għandha bżonn ta' permess tan-negozju. Hemm bżonn ta' residenza fiż-ŻEE għal tal-inqas wieħed mill-membri ordinarji u wieħed mid-deputati membri tal-Bord tad-Diretturi u għad-Direttur Maniġerjali. Jistgħu jingħataw eżenzjonijiet lill kumpanija mill-awtorità ta' reġistrazzjoni.
Settur:	Estrazzjoni u xogħol fil-barrieri
Sottosettur:	Estrazzjoni Servizzi inċidentali għall-estrazzjoni Servizzi xjentifiċi u ta' konsulenza teknika relatati mal-inġinerija Estrazzjoni tal-minerali
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 120, CPC 5115, CPC 883, CPC 8675
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Kaivoslaki (l-Att dwar l-Estrazzjoni) (621/2011) Ydinenergialaki (l-Att dwar l-Enerġija Nukleari) (990/1987)
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** L-esplorazzjoni u l-użu ta' riżorsa minerali huma suġġetti għal rekwiżit ta' liċenzja, li tingħata mill-Gvern f'relazzjoni mal-estrazzjoni ta' materjal nukleari. Jeħtieġ permess ta' fidi mill-gvern għal żona ta' estrazzjoni. Jista' jingħata permess lil persuna fiżika li hija residenti fiż-ŻEE jew lil persuna ġuridika stabbilita fiż-ŻEE. It-test tal-ħtiġijiet ekonomiċi jista' ikun applikabbli.

Settur:	Trobbija tal-annimali
Sottosettur:	Trobbija tar-renni
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 014
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Poronhoitolaki (l-Att dwar it-Trobbija tar-Renni) (848/1990), Kapitolu 1, it-Taqsima 4 Protokoll 3 għat-Trattat tal-Adeżjoni tal-Finlandja
Deskrizzjoni:	**Investiment** Biss iċ-ċittadini ta' Stat Membru taż-ŻEE li huma residenti fiż-żona ta' merħliet tar-renni jistgħu jkollhom ir-renni u jipprattikaw it-trobbija tar-renni. Jistgħu jingħataw drittijiet esklużivi.

Settur:	Servizz legali
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Parti minn CPC 861
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Tavaramerkkilaki (l-Att dwar it-Trademarks) (7/1964) Laki patenttiasiamiehistä (l-Att dwar l-Aġenti tal-Privattivi) (552/1967) Laki kasvinjalostajanoikeudesta (l-Att dwar Dritt fuq Varjetà ta' Pjanta) 1279/2009 Mallioikeuslaki (l-Att dwar Disinji Reġistrati) 221/1971

Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Aġent tal-privattivi jrid ikun residenti fiż-ŻEE sabiex jiġi rreġistrat fir-Reġistru tal-Aġenti tal-Privattivi, li huwa meħtieġ għall-prattika tal-professjoni.
Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizz legali
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Parti minn CPC 861
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Laki asianajajista (l-Att dwar l-Avukati) (496/1958), it-Taqsimiet 1 u 3, Oikeudenkäymiskaari (4/1734) (il-Kodiċi tal-Proċedura Ġudizzjarja)
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Għall-ammissjoni għall-Avukatura, li hija meħtieġa għall-użu tat-titolu Finlandiż "asianajaja", ir-residenza taż-ŻEE hija meħtieġa. Is-servizzi legali, inkluża l-liġi domestika, jistgħu jiġu pprovduti wkoll minn membri mhux tal-Avukatura.
Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi tal-awditjar
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 86211, CPC 86212 barra minn servizzi tal-kontabilità

Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Tilintarkastuslaki (l-Att dwar l-Awditjar) (459/2007) Il-liġijiet settorjali li jeħtieġu l-użu ta' awdituri b'liċenzja lokali
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Ir-residenza fiż-ŻEE meħtieġa għal tal-inqas wieħed mill-awdituri ta' Kumpanija Finlandiża b'Responsabbiltà Limitata u ta' kumpaniji li huma taħt obbligu li jagħmlu awditu. Awditur irid ikun awditur b'liċenzja lokali jew intrapriża ta' awditjar b'liċenzja lokali.
Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi tat-traduzzjoni
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Parti minn CPC 87905
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Laki auktorisoiduista kääntäjistä (l-Att dwar it-Tradutturi Awtorizzati) (1231/2007), it-Taqsima 2(1))
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Ir-residenza fiż-ŻEE hija meħtieġa għal tradutturi ċertifikati.

Settur:	Servizzi oħra
Sottosettur:	Servizzi funerali, kremazzjoni u kummissjonant
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Parti minn CPC 9703
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Hautaustoimilaki (l-Att dwar is-Servizz ta' Dfin) (457/2003)
Deskrizzjoni:	**Investiment** Is-servizzi ta' kremazzjoni u operazzjoni/manutenzjoni ta' ċimiterji jistgħu jitwettqu biss mill-istat, il-muniċipalitajiet, il-parroċċi, il-komunitajiet reliġjużi jew fondazzjonijiet jew soċjetajiet li ma jagħmlux qligħ.

Settur:	Sajd, trasport
Sottosettur:	L-attività marina kummerċjali mwettqa minn bastiment tal-baħar, inkluż is-sajd, l-akkwakultura u servizzi inċidentali għas-sajd Servizzi ta' trasport (passiġġieri u merkanzija) minn bastimenti tal-baħar Servizzi ta' pilotaġġ u rmiġġ Servizzi ta' salvataġġ u varar mill-ġdid Servizzi oħra ta' sostenn għal trasport bl-ilma Kostruzzjoni għal passaġġi fuq l-ilma, portijiet, digi u xogħlijiet oħra fuq l-ilma
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 0501, ISIC rev 3.1 0502, CPC 5133, CPC 5223, CPC 721, CPC 74520, CPC 74540, CPC 74590, CPC 882
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq Obbligi

Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Tilintarkastuslaki (l-Att dwar l-Awditjar) (674/1994)
Deskrizzjoni:	**Investiment, Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi u Servizzi tat-Trasport Marittimu Internazzjonali** L-investituri barranin iridu jkollhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom fil-Finlandja sabiex jirreġistraw bastiment fir-reġistru nazzjonali tal-bastimenti. Bastiment jista' jitqies bħala Finlandiż u jkollu d-dritt li jtajjar il-bandiera Finlandiża biss fejn ċittadin Finlandiż jew kumpanija Finlandiża tikkontrolla aktar minn sittin fil-mija tal-bastiment.
Settur:	Trasport
Sottosettur:	Servizzi ta' sostenn għal trasport bl-ilma
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 745
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali It-trattament l-aktar favorit tal-pajjiż Obbligi
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Merilaki (l-Att Marittimu) (674/1994) Laki elinkeinon harjoittamisen oikeudesta (l-Att dwar Id-Dritt ta' Twettiq ta' Negozju) (122/1919), it-Taqsima 4
Deskrizzjoni:	**Investiment, Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi u Servizzi tat-Trasport Marittimu Internazzjonali** Is-servizzi ta' sostenn għat-trasport marittimu meta pprovduti fl-ibħra marittimi Finlandiżi jew fl-ilmijiet navigabbli interni huma riżervati għal flotot li joperaw taħt il-bandiera nazzjonali, tal-UE jew Norveġiża.

Riżervi applikabbli fi Franza

Settur:	L-agrikoltura u l-kaċċa
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 011, ISIC rev 3.1 012, ISIC rev 3.1 013, ISIC rev 3.1 014, ISIC rev 3.1 015
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Code rural et de la pêche maritime: art. R331-1 dwar l-installazzjoni u l-Artikolu L. 529-2 dwar il-kooperattivi agrikoli
Deskrizzjoni:	**Investiment** L-istabbiliment ta' għelieqi u kooperattivi agrikoli minn investituri mhux tal-UE huwa suġġett għal awtorizzazzjoni. L-għoti ta’ awtorizzazzjoni preliminari huwa meħtieġ sabiex wieħed isir membru jew jaġixxi bħala direttur ta' kooperattiva agrikola.

Settur:	Sajd
Sottosettur:	Sajd u akkwakultura Servizzi inċidentali għas-sajd
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 050, CPC 882
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Code rural et de la pêche maritime: art. L921-3

Deskrizzjoni:	**Investiment**
	Bastiment Franċiż li jtajjar il-bandiera Franċiża jista' jinħariġlu awtorizzazzjoni tas-sajd jew jitħalla jistgħad abbażi ta' kwoti nazzjonali biss meta tiġi stabbilita rabta ekonomika reali fuq it-territorju ta' Franza u l-bastiment huwa kkmandat u kkontrollat minn stabbiliment permanenti li jinsab fit-territorju Franċiż.
Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizz legali
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Parti minn CPC 861
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
	Aċċess għas-suq
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Loi du 31 décembre 1971, art. 56
	Loi 90-1258 relative à l'exercice sous forme de société des professions libérales
	Loi 90- 1259 du 31 décembre 1990, art. 7
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi**
	Hija meħtieġa ammissjoni sħiħa għall-avukatura għall-prattika ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi Franċiża, inkluża rappreżentanza quddiem il-qrati. Ir-residenza (preżenza kummerċjali) hija meħtieġa sabiex tinkiseb ammissjoni sħiħa għall-Avukatura. Biss iċ-ċittadini ta' Stat Membru taż-ŻEE jew tal-Konfederazzjoni Żvizzera jistgħu jkunu ammessi għall-Avukatura, u huma għalhekk intitolati jipprovdu servizzi legali fir-rigward tal-liġi Franċiża.

	Għall-provvista ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi tal-UE u l-liġi ta' Stat Membru tal-UE, tista' tkun meħtieġa preżenza kummerċjali li għandha tieħu waħda mill-forom legali li huma permessi bil-liġi nazzjonali fuq bażi mhux diskriminatorja. Xi tipi ta' forma legali jistgħu jiġu riżervati esklużivament għal avukati li jkunu ammessi għall-avukatura, ukoll fuq bażi mhux diskriminatorja. Ir-rappreżentanza quddiem il-"*Cour de Cassation"* u l-"*Conseil d'Etat*" hija suġġetta għall-kwoti. F'ditta legali li tipprovdi servizzi fir-rigward tal-liġi Franċiża jew tal-liġi tal-UE, tal-inqas 75 fil-mija tas-soċji li jikkontrollaw 75 fil-mija tal-ishma għandhom ikunu avukati li huma ammessi bis-sħiħ fil-Kamra tal-Avukati fi Franza.
Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi ta' kontabilità u żamma tal-kotba Servizzi tal-awditjar Servizzi ta' pariri dwar it-tassazzjoni
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 86211, CPC 86212, CPC 86213, CPC 86219, CPC 86220
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Id-Digriet 45-2138 tad-19 ta' Settembru 1945, l-Artikoli 3, 7, 26, 27
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Il-provvista ta' servizzi tal-kontabilità u żamma tal-kotba minn fornitur barrani ta' servizzi hija kundizzjonali fuq deċiżjoni tal-Ministeru tal-Ekonomija, tal-Finanzi u tal-Industrija, bi ftehim mal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin.

	Servizzi ta' kontabilità u żamma tal-kotba: provvista permezz ta' SEL (anonyme, à responsabilité limitée ou en commandite par actions), AGC (Association de gestion et comptabilité) jew SCP (Société civile professionnelle) biss. Għal servizzi ta' konsulenza dwar it-tassazzjoni, il-provvista permezz ta' SEL (anonyme, à responsabilité limitée ou en commandite par actions) jew SCP (Société civile professionnelle) biss. Għal awditjar statutorju: provvista permezz ta' kwalunkwe forma ta' kumpanija barra minn SNC (Société en nom collectif), SCS (Société en commandite simple).
Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi arkitetturali
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 8671
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Loi 90-1258 relative à l'exercice sous forme de société des professions libérales. Décret 95-129 du 2 février 1995 relatif à l'exercice en commun de la profession d'architecte sous forme de société en participation. Décret 92-619 du 6 juillet 1992 relatif à l'exercice en commun de la profession d'architecte sous forme de société d'exercice libéral à responsabilité limitée SELARL, société d'exercice libéral à forme anonyme SELAFA, société d'exercice libéral en commandite par actions SELCA. Loi 77-2 du 3 janvier 1977, arts. 12, 13, 14

Deskrizzjoni:	**Investiment**
	Perit jista' biss jistabbilixxi ruħu fi Franza sabiex jipprovdi servizzi arkitetturali bl-użu ta' waħda mill-forom ġuridiċi li ġejjin (fuq bażi mhux diskriminatorja)
	SA et SARL (sociétés anonymes, à responsabilité limitée), EURL (Entreprise unipersonnelle à responsabilité limitée), SCA (en commandite par actions), SCOP (Société coopérative et participative), SELARL (société d'exercice libéral à responsabilité limitée), SELAFA (société d'exercice libéral à forme anonyme), SELAS (société d'exercice libéral par actions simplifiée) jew SAS (Société par actions simplifiée), jew bħala individwu jew bħala soċju f'intrapriża arkitetturali.
Settur:	Servizzi tas-saħħa
Sottosettur:	Servizzi veterinarji
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 932
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
	Aċċess għas-suq
	It-trattament l-aktar favorit tal-pajjiż
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Code rural et de la pêche maritime arts. L241-1; L241-2; L241-2-1
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi**
	Il-kundizzjoni ta' nazzjonalità hija limitata lil ċittadini ta’ Stat Membru tal-UE u taż-ŻEE. Safejn il-Kanada jippermetti lil ċittadini Franċiżi li jipprovdu servizzi veterinarji allura Franza tippermetti lil fornituri ta' servizzi Kanadiżi li jipprovdu servizz veterinarji taħt l-istess kundizzjonijiet.

	Il-forom ġuridiċi disponibbli lil kumpanija li tipprovdi servizzi veterinarji huma limitati għal tliet tipi ta' kumpaniji (SEP (Société en participation); SCP (Société civile professionnelle); u SEL (Société d'exercice liberal).
Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi xjentifiċi u ta' konsulenza teknika relatati
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 8675
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Loi 90-1258 relative à l'exercice sous forme de société des professions libérales, modifiée par les lois 2001-1168 du 12 décembre 2001 et 2008-776 du 4 août 2008
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Għal stħarriġ, l-aċċess permezz ta' SEL (anonyme, à responsabilité limitée ou en commandite par actions), SCP (Société civile professionnelle), SA u SARL (sociétés anonymes, à responsabilité limitée) biss. L-investituri barranin huma meħtieġa li jkollhom awtorizzazzjoni speċifika għal servizzi ta' esplorazzjoni u prospettar.
Settur:	Distribuzzjoni
Sottosettur:	Bejgħ bl-imnut

Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 631, CPC 632
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	L-Artikolu L752-1 à L752-6 du code de commerce
Deskrizzjoni:	**Investiment** L-awtorizzazzjoni għal stabbilimenti kbar tal-ħwienet hija suġġetta għal Test tal-Ħtiġijiet Ekonomiċi. Kriterji ewlenin: in-numru u l-impatt fuq ħwienet eżistenti, densità tal-popolazzjoni, firxa ġeografika, impatt fuq il-kundizzjonijiet tat-traffiku u l-ħolqien ta' xogħol ġdid.
Settur:	Distribuzzjoni
Sottosettur:	Id-distribuzzjoni tat-tabakk
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Parti minn CPC 6222, parti minn CPC 6310
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Code général des impôts, art. 568 et articles 276-279 de l'annexe 2 de ce code
Deskrizzjoni:	**Investiment** Il-monopolju tal-istat fuq il-bejgħ bl-imnut u bl-ingrossa tat-tabakk. Il-kundizzjoni ta' nazzjonalità għal bejjiegħa tat-tabakk (buraliste).

Settur:	Distribuzzjoni
Sottosettur:	Bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi, mediċinali u ortopediċi.
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 63211
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Code de la santé publique, arts. L4221‑1, L4221‑13, L5125‑10 Loi 90-1258 relative à l'exercice sous forme de société des professions libérales, modifiée par les lois 2001-1168 du 12 décembre 2001 et 2008-776 du 4 août 2008 (il-Liġi 90-1258 dwar l-eżerċizzju fiżiku ta' professjonijiet liberi fil-forma ta' kumpanija)
Deskrizzjoni:	**Investiment** In-nazzjonalità taż-ŻEE jew Żvizzera hija meħtieġa għat-tħaddim ta' spiżerija. L-ispiżeriji barranin jistgħu jitħallew jiġu stabbiliti fi kwoti annwali stabbiliti. Il-preżenza kummerċjali trid tieħu waħda mill-forom ġuridiċi li huma permessi skont il-liġi nazzjonali fuq bażi mhux diskriminatorja. anonyme, à responsabilité limitée ou en commandite par actions (SEL), société en nom collectif (SNC), société de participations financières de profession libérale de pharmaciens d'officine u SARL biss

Settur:	Servizzi edukattivi
Sottosettur:	Servizzi ta' edukazzjoni bażika, sekondarja u għolja ffinanzjati privatament
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 921, CPC 922, CPC 923

Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Code de l'éducation, Arts. L 444-5, L 914-4, L 441-8, L 731-8, L 731-1 to 8
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** In-nazzjonalità ta' Stat Membru tal-UE hija meħtieġa sabiex wieħed jgħallem f'istituzzjoni edukattiva ffinanzjata privatament. Madankollu, iċ-ċittadini tal-Kanada jistgħu jiksbu awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti sabiex igħallmu f'istituzzjonijiet edukattivi ta' livell primarju, sekondarju u għoli. Iċ-ċittadini tal-Kanada jistgħu wkoll jiksbu awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti sabiex jistabbilixxu u joperaw jew jimmaniġġaw istituzzjonijiet edukattivi ta' livell primarju, sekondarju u għoli. It-tali awtorizzazzjoni tingħata fuq bażi diskrezzjonali.
Settur:	Servizzi tas-saħħa u servizzi soċjali
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 931, CPC 933
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Loi 90-1258 relative à l'exercice sous forme de société des professions libérals, modifiée par les lois 2001-1168 du 12 décembre 2001 et 2008-776 du 4 août 2008 et la loi 66-879 du 29 novembre 1966 (SCP)

Code de la santé publique, art. L6122-1,
L6122-2 (Ordonnance2010-177 du 23 février 2010)

Deskrizzjoni: **Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi**

Filwaqt li tipi oħra ta' forma ġuridika huma disponibbli għal investituri tal-UE, l-investituri barranin biss għandhom aċċess għall-forom legali ta' société d'exercice liberal" u "société civile professionnelle".

Għal servizzi mediċi, dentali u tal-qwiebel, in-nazzjonalità Franċiża hija meħtieġa. Madankollu, l-aċċess mill-barranin huwa possibbli fil-limiti tal-kwoti annwali stabbiliti.

Għal servizzi mediċi, dentali u tal-qwiebel u servizzi minn infermiera, provvista minn anonyme, à responsabilité limitée ou en commandite par actions (SEL) jew SCP biss.

Għal servizzi ta' sptarijiet u ambulanzi, il-faċilitajiet ta’ saħħa residenzjali (minbarra servizzi ta’ sptarijiet) u servizzi soċjali, tenħtieġ awtorizzazzjoni għall-eżerċizzju fiżiku ta' funzjonijiet tal-maniġment. Il-proċedura ta' awtorizzazzjoni tieħu kont tad-disponibbiltà ta' maniġers lokali.

Settur:	Sajd Trasport
Sottosettur:	L-attività marina kummerċjali mwettqa minn bastiment tal-baħar, inkluż is-sajd, l-akkwakultura u servizzi inċidentali għas-sajd Servizzi ta' trasport (passiġġieri u merkanzija) minn bastimenti tal-baħar Servizzi ta' pilotaġġ u rmiġġ Servizzi ta' salvataġġ u varar mill-ġdid Servizzi oħra ta' sostenn għal trasport bl-ilma Kostruzzjoni għal passaġġi fuq l-ilma, portijiet, digi u xogħlijiet oħra fuq l-ilma
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 0501, ISIC rev 3.1 0502, CPC 5133, CPC 5223, CPC 721, CPC 74520, CPC 74540, CPC 74590, CPC 882
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq Obbligi
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Code des douanes, Art. 219
Deskrizzjoni:	**Investiment, Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi u Servizzi tat-Trasport Marittimu Internazzjonali** L-investituri barranin li mhumiex ċittadini ta' Stat Membru tal-UE jew li mhumiex inkorporati jew li ma għandhomx l-uffiċċju prinċipali tagħhom fl-UE jew fiż-ŻEE, ma jistgħux ikollhom 50 fil-mija jew aktar minn bastiment tal-baħar li jtajjar bandiera Franċiża. Din ir-riżerva ta' hawn fuq ma tapplikax għal bastimenti li jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' bastiment li jtajjar bandiera Franċiża wara l-eżerċizzju fiżiku ta' opzjoni ta' lokazzjoni. Din ma tapplikax għal bastiment li jkun noleġġat vojt lil kerrej li jkun jissodisfa r-rekwiżiti ta' sjieda u li qiegħed attwalment jagħmel użu mill-bastiment.

Riżervi applikabbli fil-Ġermanja

Settur:	Il-manifattura
Sottosettur:	Gazzetti, ġurnali u rivisti, li jidhru tal-inqas erba' darbiet fil-ġimgħa u gazzetti, ġurnali u rivisti, li jidhru anqas minn erba' darbiet fil-ġimgħa.
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 223, ISIC rev 3.1 224
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali - Reġjonali (sottofederali)
Miżuri:	§ 10 Abs. 1 Nr. 4 Landesmediengesetz (LMG) Rheinland-Pfalz v. 4. Februar 2005, GVBl. S. 23 in der Fassung vom 20. Dezember 2011, GVBl. S. 427 § 9 Abs. 1 Nr. 1 Gesetz über die Presse Baden-Württemberg (LPG BW) v. 14 Jan. 1964, GBl. S.11, geändert durch Gesetz v. 17. Dez. 2009, GBl. S. 809 § 9 Abs. 1 Nr. 1 Pressegesetz für das Land Nordrhein-Westfalen (Landespressegesetz NRW) v. 24. Mai 1966 (GV. NRW. S. 340), zuletzt geändert durch Artikel 7 des Gesetzes vom 18. November 2008 (GV. NRW. S. 706) § 8 Abs. 1 Gesetz über die Presse Schleswig-Holstein (PressG SH) vom 25.1.2012, GVOBL. SH S. 266 § 7 Abs. 2 Landespressegesetz für das Land Mecklenburg-Vorpommern (LPrG M-V) v. 6 Juni 1993, GVOBl. M-V 1993, S. 541 § 8 Abs. 1 Nr. 1 Pressegesetz für das Land Sachsen-Anhalt in der Neufassung vom 2.5.2013 (GVBl. LSA S. 198) § 7 Abs. 2 Berliner Pressegesetz (BlnPrG) v. 15 Juni 1965, GVBl. S. 744 zuletzt geändert durch Gesetz v. 18. Nov. 2009, GVBl. S. 674

§ 10 Abs. 1 Nr. 1 Brandenburgisches Landspressegesetz (BbgPG) v. 13. Mai 1993, GVBl. I/93, S. 162, zuletzt geändert durch Gesetz v. 21. Juni 2012, GVBl. I/12, S. 1

§ 9 Abs. 1 Nr.1 Gesetz über die Presse Bremen (BrPrG), Brem. GBl. 1965, S. 63; zuletzt geändert durch Nr. 2.1 i.V.m. Anl.1 ÄndBek vom 24.1.2012 (Brem.GBl. S.24)

§ 7 Abs. 3 Nr. 1 Hessisches Pressegesetz (HPresseG) v. 12. Dezember 2004, GVBl. 2004 I S.2, zuletzt geändert durch Gesetz vom 13. Dezember 2012, GVBl. S. 622

§ 7 Abs. 2 i.V.m § 9 Abs.1 Ziffer 1 Thüringer Pressegesetz (TPG) v. 31. Juli 1991, GVBl. 1991 S. 271 in der Fassung v. 16. Juli 2008, GvBl. S. 243

§ 9 Abs. 1 Nr. 1Hamburgisches Pressegesetz v. 29. Januar 1965, HmbGVBl., S. 15, in der Fassung v. 15. Dez. 2009, HmbGVBl. S. 444, 447

§ 6 Abs. 2 Sächsisches Gesetz über die Presse (SächsPresseG) v. 3. April 1992, SächsGVBl. S. 125 zuletzt geändert durch Gesetz v. 13. August 2009, SächsGVBl. S. 438

§ 8 Abs. 2 Niedersächsisches Pressegesetz v. 22. März 1965, GVbl. S.9 zuletzt geändert durch Artikel 2 des Gesetzes vom 11.10.2010 (Nds. GVBl. S. 480)

§ 9 Abs. 1 Nr. 1 Saarländisches Mediengesetz (SMG) vom 27. Februar 2002 (Amtsbl. S. 498), zuletzt geändert durch Art. 1 ÄndG vom 22. 4. 2013 (Amtsbl. I S. 111)

Art. 5 Abs. 2 Bayerisches Pressegesetz in der Fassung der Bekanntmachung v. 19. April 2000 (GVBl, S. 340), zuletzt geändert durch Gesetz v. 22.12.2009 (GVBl. S. 630)

Deskrizzjoni:	**Investiment** Kull gazzetta, ġurnal jew rivista ddistribwita jew stampata pubblikament trid tindika ċarament "editur responsabbli" (l-isem u l-indirizz sħiħ ta' persuna fiżika). L-editur responsabbli jista' ikun meħtieġ ikun resident għal żmien twil fil-Ġermanja, l-UE jew f'pajjiż taż-ŻEE. Jistgħu jiġu permessi xi eċċezzjonijiet mill-Ministeru Federali tal-Intern.
Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizz legali
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Parti minn CPC 861
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell tal-Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	§ 59e, § 59f, § 206 Bundesrechtsanwaltsordnung (BRAO; l-Ordni Federali dwar l-Avukati) Gesetz über die Tätigkeit europäischer Rechtsanwälte in Deutschland (EuRAG)
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Hija meħtieġa ammissjoni sħiħa għall-avukatura għall-prattika ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi Ġermaniża, inkluża rappreżentanza quddiem il-qrati. Biss l-avukati taż-ŻEE jew Żvizzeri jistgħu jiġu ammessi għall-Avukatura, u huma għalhekk intitolati sabiex jipprovdu servizzi legali fir-rigward tal-liġi Ġermaniża (EuRAG). Hija meħtieġa r-residenza (preżenza kummerċjali) sabiex tinkiseb ammissjoni sħiħa għall-avukatura.

	Skont l-Ordni Federali dwar l-Avukati (§§ 59e, 59f BRAO), biss l-avukati Ġermaniżi, l-avukati taż-ŻEE, l-avukati tal-UE jew l-avukati tal-Konfederazzjoni Żvizzera jitħallew jipprovdu servizzi legali permezz ta' preżenza kummerċjali, fil-forma ta' Anwalts-GmbH jew Anwalt-AG. L-avukati minn pajjiżi oħra (§ 206 BRAO) jistgħu jkollhom il-preżenza kummerċjali tagħhom fil-forma ta' Anwalts-GmbH jew Anwalt-AG billi jiksbu ishma minoritarji biss.
Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizz legali avukati tal-privattivi
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	L-Att CLXIV tal-2005 dwar in-Negozju, id-Digriet Governattiv Nru 213/1996 (XII.23.) dwar l-Organizzazzjoni tal-Ivvjaġġar u l-Attivitajiet ta' Aġenzija

Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Il-provvista ta' servizzi mill-Aġenti tal-Ivvjaġġar u l-Operaturi Turistiċi, u s-Servizzi ta' Gwida tat-Turisti fuq bażi transfruntier hija suġġetta għal liċenzja maħruġa mill-Uffiċċju Ungeriż tal-Liċenzji tan-Negozju. Il-liċenzji huma riżervati lil ċittadini ta' Stat Membru taż-ŻEE u lil persuni ġuridiċi li għandhom is-sedejiet tagħhom fl-Istati Membri taż-ŻEE.
Settur:	Sajd, trasport
Sottosettur:	L-attività marina kummerċjali mwettqa minn bastiment tal-baħar, inkluż is-sajd, l-akkwakultura u servizzi inċidentali għas-sajd Servizzi ta' trasport (passiġġieri u merkanzija) minn bastimenti tal-baħar Servizzi ta' pilotaġġ u rmiġġ Servizzi ta' salvataġġ u varar mill-ġdid Servizzi oħra ta' sostenn għal trasport bl-ilma Kostruzzjoni għal passaġġi fuq l-ilma, portijiet, digi u xogħlijiet oħra fuq l-ilma
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 0501, ISIC rev 3.10502, CPC 5133, CPC 5223, CPC 721, CPC 74520, CPC 74540, CPC 74590, CPC 882
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq Obbligi
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	L-Att XLII tal-2000 dwar il-Konsenja
Deskrizzjoni:	**Servizzi ta' Investiment u ta' Trasport Marittimu Internazzjonali** Għar-reġistrazzjoni ta' bastiment fl-Ungerija sabiex titajjar il-bandiera nazzjonali, hija meħtieġa sjieda maġġoritarja taż-ŻEE tal-bastiment. In-nazzjonalità taż-ŻEE hija meħtieġa għall-kaptan u l-ewwel uffiċjal tal-bastimenti.

Riżervi applikabbli fl-Irlanda

Settur:	L-agrikoltura u l-kaċċa
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 1531
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	L-Att dwar il-Prodotti Agrikoli (Ċereali), 1933
Deskrizzjoni:	**Investiment** L-istabbiliment minn residenti Kanadiżi f'attivitajiet ta' dħin tad-dqiq huwa suġġett għal awtorizzazzjoni.

Settur:	Estrazzjoni u xogħol fil-barrieri
Sottosettur:	Estrazzjoni ta' faħam u linjite Estrazzjoni ta' pit Estrazzjoni ta' metalli mhux maħdumin Estrazzjoni u xogħol fil-barrieri ieħor Servizzi Inċidentali għall-Estrazzjoni
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 10, ISIC rev 3.1 13, ISIC rev 3.1 14, CPC 883
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali u Reġjonali

Miżuri:	Atti dwar l-Iżvilupp tal-Minerali 1940 – 1999, Atti tal-Ippjanar u Regolamenti Ambjentali
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Il-Liċenzja ta' Prospettar tagħti d-detentur id-dritt li jesplora għal xi minerali speċifiċi. Biss id-dententuri ta' Liċenzji ta' Prospettar attwali jiġu meqjusa għal Kirjiet ta' Estrazzjoni jew Liċenzji mill-Istat sabiex jiżviluppaw minerali fl-erja tal-kirja jew tal-liċenzja, kemm jekk il-minerali huma tal-Istat jew tal-privat. Il-kumpaniji ta' esplorazzjoni u estrazzjoni li joperaw fl-Irlanda huma meħtieġa li jkollhom preżenza hemm. Fil-każ ta' esplorazzjoni tal-minerali, hemm rekwiżit li l-kumpaniji (Irlandiżi u barranin) jimpjegaw is-servizzi ta' aġent jew maniġer tal-esplorazzjoni li jkun residenti fl-Irlanda waqt li x-xogħol ikun qiegħed isir. Fil-każ tal-estrazzjoni, hemm rekwiżit li l-Kirja tal-Estrazzjoni jew il-Liċenzja mill-Istat tinżamm minn kumpanija li tkun inkorporata fl-Irlanda, li għandha s-setgħa fil-memorandum ta' assoċjazzjoni sabiex tikkonforma ruħha mal-patti varji fil-Kirja jew Liċenzja.
Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi legali
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Parti minn CPC 861
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Atti dwar l-Avukati 1954-2011

Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Hija meħtieġa ammissjoni sħiħa għall-Avukatura għall-prattika ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi Irlandiża, inkluża rappreżentanza quddiem il-qrati. Hija meħtieġa r-residenza (preżenza kummerċjali) sabiex tinkiseb ammissjoni sħiħa għall-avukatura. Għall-provvista ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi tal-UE u l-liġi ta' Stat Membru tal-UE, tista' tkun meħtieġa preżenza kummerċjali li għandha tieħu waħda mill-forom legali li huma permessi bil-liġi nazzjonali fuq bażi mhux diskriminatorja. Xi tipi ta' forma legali jistgħu jiġu riżervati esklużivament għal avukati li jkunu ammessi għall-avukatura, ukoll fuq bażi mhux diskriminatorja. L-avukati fl-Irlanda huma maqsuma f'żewġ kategoriji distinti: solicitors u barristers. L-Ghaqda Irlandiża tal-Avukati hija l-entità legali professjonali statutorja li tirregola l-ammissjoni ta' solicitors fl-Irlanda. L-Honorable Society of King's Inns tirregola l-ammissjoni ta' barristers fl-Irlanda.
Settur:	Servizzi tas-saħħa
Sottosettur:	Servizzi veterinarji
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 932
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	L-Att dwar il-Prattika Veterinarja 2005
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** L-aċċess huwa possibbli permezz ta' soċjetà jew persuni fiżiċi biss.

Settur:	Sajd, trasport
Sottosettur:	L-attività marina kummerċjali mwettqa minn bastiment tal-baħar, inkluż is-sajd, l-akkwakultura u servizzi inċidentali għas-sajd Servizzi ta' trasport (passiġġieri u merkanzija) minn bastimenti tal-baħar Servizzi ta' pilotaġġ u rmiġġ Servizzi ta' salvataġġ u varar mill-ġdid Servizzi oħra ta' sostenn għal trasport bl-ilma Kostruzzjoni għal passaġġi fuq l-ilma, portijiet, digi u xogħlijiet oħra fuq l-ilma
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 0501, ISIC rev 3.1 0502, CPC 5133, CPC 5223, CPC 721, CPC 74520, CPC 74540, CPC 74590, CPC 882
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq Obbligi
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	L-Att Merkantili Mariittimu 1955 kif emendat bl-Att tal-1998 dwar il-Bastimenti Merkantili (Provvedimenti Mixxellanji)
Deskrizzjoni:	**Investiment, Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi u Servizzi tat-Trasport Marittimu Internazzjonali** L-investituri barranin li jinvestu f'persuna ġuridika stabbilita u suġġetta għal-liġi ta' Stat Membru tal-UE, u li għandha l-uffiċċju prinċipali tagħha fl-Irlanda jew fi Stat Membru ieħor tal-UE, jistgħu jirreġistraw bastiment fir-Reġistru tal-Bastimenti Irlandiż.

Riżervi applikabbli fl-Italja

Settur:	Pubblikazzjoni u stampar
Sottosettur:	ISIC rev 3.1 221, ISIC rev 3.1 222
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Tip ta' Riżerva:	It-trattament l-aktar favorit tal-pajjiż
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Il-Liġi 416/1981, l-Artikolu 1 (u emendi sussegwenti)
Deskrizzjoni:	**Investiment** Safejn il-Kanada u l-provinċji u t-territorji tagħha jippermettu lil ċittadini u intrapriżi Taljani li jwettqu dawn l-attivitajiet, l-Italja se tippermetti liċ-ċittadini tal-Kanada u lill-intrapriżi sabiex iwettqu dawn l-attivitajiet taħt l-istess kundizzjonijiet. Safejn il-Kanada u l-provinċji u t-territorji tagħha jippermettu lil investituri Taljani sabiex jikkontrollaw aktar minn 49 fil-mija tal-kapital u d-drittijiet tal-vot f'kumpanija tal-pubblikazzjoni Kanadiża, allura l-Italja tippermetti lil investituri Kanadiżi sabiex jikkontrollaw aktar minn 49 fil-mija tal-kapital u d-drittijiet tal-vot f'kumpanija tal-pubblikazzjoni Taljana taħt l-istess kundizzjonijiet.
Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizz legali
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Parti minn CPC 861

Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Id-Digriet Amministrattiv 1578/1933, l-Artikolu 17; il-Liġi dwar il-professjoni legali
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Hija meħtieġa ammissjoni sħiħa għall-Avukatura għall-prattika ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi Taljana, inkluża rappreżentanza quddiem il-qrati. Hija meħtieġa r-residenza (preżenza kummerċjali) sabiex tinkiseb ammissjoni sħiħa għall-Avukatura. Għall-provvista ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi tal-UE u l-liġi Taljana, tista' tkun meħtieġa preżenza kummerċjali li għandha tieħu waħda mill-forom legali li huma permessi bil-liġi nazzjonali fuq bażi mhux diskriminatorja. Xi tipi ta' forma legali jistgħu jiġu riżervati esklużivament għal avukati li jkunu ammessi għall-avukatura, ukoll fuq bażi mhux diskriminatorja.
Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi ta' kontabilità u żamma tal-kotba Servizzi tal-awditjar Servizzi ta' pariri dwar it-tassazzjoni
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 86211, CPC 86212,CPC 86213, CPC 86219, CPC 86220, CPC 863
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali

Miżuri:	Awditjar: **id-**Digriet Leġiżlattiv 58/1998, l-Artikolu 155, 158 u 161 Id-Digriet tal-President tar-Repubblika 99/1998 Id-Digriet Leġiżlattiv 39/2010, l-Artikolu 2 Kontabbiltà, Żamma tal-Kotba u Tassazzjoni, id-Digriet Leġiżlattiv 139/2005, il-Liġi 248/2006
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Għal servizzi tal-awditjar jew tal-konsulenza dwar it-tassazzjoni, ir-residenza fl-Italja hija meħtieġa għal awdituri jew konsulenti tat-taxxa indipendenti. Ir-residenza jew id-domiċilju tan-negozju huwa mitlub għal reġistrazzjoni fir-reġistru professjonali, li huwa meħtieġ għall-provvista ta' servizzi tal-kontabilità u ż-żamma tal-kotba.
Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi arkitetturali Servizzi tal-inġinerija Servizzi tal-ippjanar urban u tal-pajsaġġ arkitetturali
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 8671, CPC 8672, CPC 8673, CPC 8674
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Id-Digriet Amministrattiv 2537/1925 dwar il-professjoni ta' periti u inġiniera Il-Liġi 1395/1923 Id-Digriet tal-President tar-Repubblika (D.P.R.) 328/2001

Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Ir-residenza fl-Italja hija meħtieġa għal reġistrazzjoni fir-reġistru professjonali, li hija neċessarja għall-prattika tal-professjoni.
Settur:	Servizzi tas-saħħa
Sottosettur:	Servizzi veterinarji
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 932
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Id-Digriet Leġiżlattiv C.P.S. 233/1946, l-Artikoli 7-9 Id-Digriet tal-President tar-Repubblika (DPR) 221/1950, para. 7
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Ir-residenza fl-Italja hija meħtieġa għal reġistrazzjoni fir-reġistru professjonali, li hija neċessarja għall-prattika tal-professjoni.
Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Is-servizzi ta' riċerka u żvilupp sperimentali dwar ix-xjenzi soċjali u l-istudji umanistiċi - psikologi.
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 852
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq

Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Il-Liġi 56/1989 dwar il-professjoni tal-psikologi
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Ir-residenza fl-Italja hija meħtieġa għal reġistrazzjoni fir-reġistru professjonali, li hija neċessarja għall-prattika tal-professjoni. In-nazzjonalità ta' Stat Membru tal-UE hija meħtieġa sabiex wieħed jipprattika l-professjoni, ħlief għal professjonisti barranin li jistgħu jitħallew jipprattikaw b'mod ibbażat fuq ir-reċiproċità.
Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi xjentifiċi u ta' konsulenza teknika relatati mal-inġinerija Servizzi ta' ittestjar u analiżi teknika Servizzi inċidentali għall-agrikoltura
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 8675, CPC 8676, parti minn CPC 881
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq It-trattament l-aktar favorit tal-pajjiż
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Ġeoloġisti: il-Liġi 112/1963, l-Artikoli 2 u 5; D.P.R. 1403/1965, l-Artikolu 1 Bijoloġisti, analisti kimiċi: il-Liġi 396/1967 dwar il-professjoni ta' bijoloġisti; id-Digriet Amministrattiv 842/1928 dwar il-professjoni ta' analisti kimiċi Agronomisti: il-Liġi 3/1976 dwar il-professjoni ta' agronomisti "Periti agrari": il-Liġi 434/1968 kif emendata bil-Liġi 54/1991

Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Ir-residenza jew id-domiċilju professjonali fl-Italja huwa meħtieġ għal reġistrazzjoni fir-reġistru tal-ġeoloġisti, li huwa neċessarju għall-prattika tal-professjonijiet ta' servejer jew ġeoloġist sabiex jipprovdu servizzi relatati mal-esplorazzjoni u l-operazzjoni ta' minjieri, eċċ. Hemm rekwiżit għal nazzjonalità ta' Stat Membru tal-UE, madakollu, il-barranin jistgħu jirreġistraw abbażi tal-kundizzjoni ta' reċiproċità. Għal bijoloġisti, analisti kimiċi, agronomisti u "*periti agrari*", ir-residenza u r-reġistrazzjoni fir-reġistru professjonali huma meħtieġa. Iċ-ċittadini ta' pajjiż terz jistgħu jirreġistraw abbażi tal-kundizzjoni ta' reċiproċità.
Settur:	Estrazzjoni u xogħol fil-barrieri
Sottosettur:	Estrazzjoni ta' faħam u linjite Estrazzjoni ta' pit Estrazzjoni ta' żejt mhux maħdum u gass naturali Estrazzjoni ta' metalli mhux maħdumin Estrazzjoni u xogħol fil-barrieri ieħor Servizzi xjentifiċi u ta' konsulenza teknika relatati mal-inġinerija Servizzi inċidentali għall-estrazzjoni
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 10, ISIC rev 3.1 11, ISIC rev 3.1 12, ISIC rev 3.1 13, ISIC rev 3.1 14, CPC 8675, CPC 883
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali u reġjonali (għall-esplorazzjoni)
Miżuri:	Servizzi ta' esplorazzjoni: id-Digriet Irjali 1443/1927; id-Digriet Leġiżlattiv 112/1998, l-Artikolu 34

Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Il-minjieri li jappartjenu lill-Istat għandhom regoli speċifiċi ta' esplorazzjoni u estrazzjoni. Qabel kull attività ta' użu, jeħtieġ permess għall-esplorazzjoni ("permesso di ricerca", l-Artikolu 4 tad-Digriet Irjali 1443/1927). Dan il-permess għandu durata, jiddefinixxi eżattament il-fruntieri tal-art taħt esplorazzjoni u jista' jingħata aktar minn permess ta' esplorazzjoni wieħed għall-istess erja lil persuni jew kumpaniji differenti (dan it-tip ta' liċenzja mhuwiex neċessarjament esklużiv). Sabiex jiġu kkultivati u wżati minerali, jeħtieġ awtorizzazzjoni ("concessione", l-Artikolu 14) mill-awtorità reġjonali.
Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi tas-sigurtà
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 87302, CPC 87303, CPC 87304, CPC 87305, CPC 87309
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Il-liġi dwar is-sigurtà pubblika (TULPS) 773/1931, l-Artikoli 133-141, Id-Digriet Amministrattiv 635/1940, l-Artikolu 257
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** In-nazzjonalità ta' Stat Membru tal-UE u r-residenza hija meħtieġa sabiex tinkiseb l-awtorizzazzjoni neċessarja għall-provvista ta' servizzi ta' gwardja tas-sigurtà u t-trasport ta' oġġetti ta’ valur.
Settur:	Servizzi ta' distribuzzjoni
Sottosettur:	Id-distribuzzjoni tat-tabakk

Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Parti minn CPC 6222, parti minn CPC 6310
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Id-Digriet Leġiżlattiv 184/2003 Il-Liġi 165/1962 Il-Liġi 3/2003 Il-Liġi 1293/1957 Il-Liġi 907/1942 Id-Digriet tal-President tar-Repubblika (D.P.R.) 1074/1958
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Sabiex jiġi ddistribwit u jinbiegħ it-tabakk, hemm bżonn ta' liċenzja. Il-liċenzja tingħata permezz ta' proċeduri pubbliċi. L-għoti ta' liċenzji huwa suġġett għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: popolazzjoni u densità ġeografika ta' punti tal-bejgħ eżistenti. Għal intermedjarju bejn il-bejjiegħa bl-ingrossa u bl-imnut, il-proprjetarji tal-ħwienet (magazzini), in-nazzjonalità ta' Stat Membru tal-UE hija meħtieġa.
Settur:	Distribuzzjoni
Sottosettur:	Bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi, mediċinali u ortopediċi.
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 63211
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq

Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Il-Liġi 362/1991, l-Artikoli 1, 4, 7 u 9 Id-Digriet Leġiżlattiv CPC 233/1946, l-Artikoli 7-9 Id-Digriet tal-President tar-Repubblika (D.P.R. 221/1950, paragrafi 3 u 7
Deskrizzjoni:	**Investiment** Hija meħtieġa awtorizzazzjoni għall-ftuħ ta' spiżerija li hija suġġetta għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi Kriterji ewlenin: popolazzjoni u densità ġeografika ta' spiżeriji eżistenti. L-ispiżeriji ġodda jew vakanti huma awtorizzati wara kompetizzjoni pubblika. Biss iċ-ċittadini ta' Stat Membru tal-UE rreġistrati fir-Reġistru tal-Ispiżjara ("albo") jistgħu jipparteċipaw f'kompetizzjoni pubblika. Il-prattika tal-professjoni hija possibbli biss għal persuni fiżiċi rreġistrati fir-reġistru, kif ukoll għal persuni ġuridiċi fil-forma ta' soċjetajiet, fejn kull soċju tal-kumpanija jrid ikun irreġistrat bħala spiżjar. Ir-reġistrazzjoni fir-reġistru professjonali tal-ispiżjara teħtieġ in-nazzjonalità ta' Stat Membru tal-UE jew ir-residenza u l-prattika tal-professjoni fl-Italja. Iċ-ċittadini barranin li għandhom il-kwalifiki neċessarji jistgħu jirreġistraw jekk huma ċittadini ta' pajjiż li miegħu l-Italja għandha ftehim speċjali, li jawtorizza l-eżerċizzju fiżiku tal-professjoni, abbażi tal-kundizzjoni ta' reċiproċità (D. Lgsl. CPS 233/1946 l-Artikoli. 7-9 u D.P.R. 221/1950 paragrafi 3 u 7).
Settur:	Servizzi edukattivi
Sottosettur:	Servizzi ta' edukazzjoni għolja
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 92

Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Id-Digriet Amministrattiv 1592/1933 (il-Liġi dwar l-edukazzjoni sekondarja) Il-Liġi 243/1991 (Kontribuzzjoni pubblika okkażjonali għal universitajiet pubbliċi) Ir-Riżoluzzjoni 20/2003 ta' CNVSU (Comitato nazionale per la valutazione del sistema universitario) Id-Digriet tal-President tar-Repubblika (DPR) 25/1998
Deskrizzjoni:	**Investiment** Jiġi applikat test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għall-ftuħ ta' universitajiet iffinanzjati privatament li jkunu awtorizzati joħorġu diplomi jew lawreji rikonoxxuti bbażati fuq programm ta' tliet snin. Kriterji ewlenin: popolazzjoni u densità ta' stabbilimenti eżistenti. Biss il-persuni ġuridiċi Taljani jistgħu jkunu awtorizzati sabiex joħorġu diplomi rikonoxxuti mill-istat.
Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Provvista transfruntiera ta' servizzi finanzjarji
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Il-Liġi 194/1942, l-Artikolu 4 Il-Liġi 4/1999 dwar ir-reġistru
Deskrizzjoni:	**Servizzi Finanzjarji** Ir-residenza fl-Italja hija meħtieġa għal reġistrazzjoni fir-reġistru attwarju, li hija neċessarja għall-prattika tal-professjoni attwarja.

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Servizzi bankarji u finanzjarji oħra (bl-esklużjoni tal-assigurazzjoni)
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq Provvista transfruntiera ta' servizzi finanzjarji
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Id-Digriet Leġiżlattiv 58/1998, artikoli 1, 19, 28, 30-33, 38, 69 u 80 Ir-Regolament Konġunt tal-Bank tal-Italja u Consob 22.2.1998, l-Artikoli 3 u 41 Ir-Regolament tal-Bank tal-Italja 25.1.2005, Titolu V, Kapitolu VII, Taqsima II Ir-Regolament Consob 16190 tad-29.10.2007, l-Artikoli 17-21, 78-81, 91-111
Deskrizzjoni:	**Servizzi Finanzjarji** Sabiex tiġi awtorizzata timmaniġġa s-sistema ta’ saldu tat-titoli jew is-servizzi ta' depożitorju ċentrali tat-titoli ma' stabbiliment fl-Italja, kumpanija hija meħtieġa tkun inkorporata fl-Italja (ebda fergħat). Fil-każ ta' skemi ta' investiment kollettiv barra minn intrapriżi għal investiment kollettiv f’titoli trasferibbli ("UCITS") armonizzatti taħt il-leġiżlazzjoni tal-UE, it-trustee jew id-depożitarju huwa meħtieġ li jkun inkorporat fl-Italja jew fi Stat Membru ieħor tal-UE jew stabbilit permezz ta' fergħa fl-Italja. L-intrapriżi ta' maniġment ta' UCITS li mhumiex armonizzati skont il-leġiżlazzjoni tal-UE huma wkoll meħtieġa li jkunu inkorporati fl-Italja (ebda fergħat). Biss il-banek, l-intrapriżi tal-assigurazzjoni, l-intrapriżi għal investiment u l-intrapriżi li jimmaniġġaw UCITS li jkunu armonizzati skont il-leġiżlazzjoni tal-UE li jkollhom l-uffiċċju prinċipali legali tagħhom fl-UE, kif ukoll UCITS inkorporati fl-Italja jistgħu jwettqu l-attività ta' maniġment ta' riżorsi ta' fond ta’ pensjoni.

Meta jipprovdu l-attività ta' bejgħ bieb bieb, l-intermedjarji jridu jużaw bejjiegħa finanzjarji awtorizzati li jkunu residenti fit-territorju ta' Stat Membru tal-UE.

L-uffiċċji rappreżentattivi ta' intermedjarji mhux tal-UE ma jistgħux iwettqu attivitajiet li jkollhom l-għan li jipprovdu servizzi ta' investiment, inkluż negozjar għan-nom proprju u f'isem il-klijenti, introduzzjoni u sottoskrizzjoni ta' strumenti finanzjarji (fergħa meħtieġa).

Settur:	It-turiżmu u s-servizzi relatati mal-ivvjaġġar
Sottosettur:	Servizzi ta' gwidi turistiċi
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 7472
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Reġjonali
Miżuri:	Il-Liġi 135/2001 l-Artikoli 7.5 u 6 Il-Liġi 40/2007 (DL 7/2007)
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Il-gwidi turistiċi minn pajjiżi mhux tal-UE jkollhom bżonn jiksbu liċenzja speċifika mir-Reġjun sabiex jaġixxu bħala gwida turistika professjonali. Il-gwidi turistiċi minn Stati Membri tal-UE jistgħu jaħdmu liberament mingħajr il-bżonn għat-tali liċenzja. Il-liċenzja tingħata lil gwidi turistiċi li jkollhom kompetenza u għarfien adegwat.

Settur:	Sajd Trasport
Sottosettur:	L-attività marina kummerċjali mwettqa minn bastiment tal-baħar, inkluż is-sajd, l-akkwakultura u servizzi inċidentali għas-sajd Servizzi ta' trasport (passiġġieri u merkanzija) minn bastimenti tal-baħar Servizzi ta' pilotaġġ u rmiġġ Servizzi ta' salvataġġ u varar mill-ġdid Servizzi oħra ta' sostenn għal trasport bl-ilma Kostruzzjoni għal passaġġi fuq l-ilma, portijiet, digi u xogħlijiet oħra fuq l-ilma
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 0501, ISIC rev 3.1 0502, CPC 5133, CPC 5223, CPC 721, CPC 74520, CPC 74540, CPC 74590, CPC 882
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq Obbligi
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Id-Digriet Amministrattiv b'bażi ġuridika 327/1942 (emendat bil-Liġi 222/2007), l-Artikoli 143 u 221 (il-Kodiċi tan-Navigazzjoni)
Deskrizzjoni:	**Servizzi ta' Investiment u ta' Trasport Marittimu Internazzjonali** Il-barranin barra minn residenti tal-UE ma jistgħux ikollhom interess maġġoritarju f'bastimenti li jtajru l-bandiera Taljana jew interess kontrollanti f'kumpaniji li huma sjieda ta' bastimenti u bil-kwartieri ġenerali tagħhom fl-Italja.

Settur:	Trasport
Sottosettur:	Servizzi ta' sostenn għal trasport bl-ilma
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Parti minn CPC 745
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Kodiċi tal-Bastimenti Il-Liġi 84/1994 Id-Digriet Ministerjali 585/1995
Deskrizzjoni:	**Investiment** Għandu jiġi applikat test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għal servizzi ta' immaniġġar tal-merkanzija merkantili. Kriterji ewlenin: in-numru u l-impatt fuq stabbilimenti eżistenti, densità tal-popolazzjoni, firxa ġeografika u l-ħolqien ta' xogħol ġdid.

Riżervi applikabbli fil-Latvja

Settur:	Setturi kollha
Sottosettur:	Akkwiżizzjoni ta' proprjetà immobbli
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq It-trattament l-aktar favorit tal-pajjiż
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Il-Liġi dwar ir-riforma dwar l-artijiet fl-ibliet tar-Repubblika tal-Latvja, it-Taqsimiet 20, 21 Il-Liġi dwar il-privatizzazzjoni fl-erji rurali, it-Taqsima 28
Deskrizzjoni:	**Investiment** L-akkwiżizzjoni ta' art urbana minn ċittadini tal-Kanada jew pajjiż terz hija permessa permezz ta' kumpaniji inkorporati u reġistrati fil-Latvja jew fi Stati Membri oħra tal-UE: (a) jekk aktar minn 50 fil-mija tal-kapital ta' ekwità tagħhom jappartjeni lil ċittadini tal-Istati Membri tal-UE, il-Gvern jew muniċipalità Latvjana, separatament jew flimkien; (b) jekk aktar minn 50 fil-mija tal-kapital ta' ekwità tagħhom jappartjeni lil persuni fiżiċi u kumpaniji ta' pajjiż terz li magħhom il-Latvja kkonkludiet ftehimiet bilaterali dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka ta' investimenti u li ġew approvati mill-Parlament Latvjan qabel il-31 ta' Diċembru 1996;

(c) jekk aktar minn 50 fil-mija tal-kapital ta' ekwità tagħhom huwa fil-pussess ta' persuni fiżiċi u kumpaniji ta' pajjiż terz li magħhom il-Latvja kkonkludiet ftehimiet bilaterali dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka ta' investimenti wara l-31 ta' Diċembru 1996, jekk f'dawk il-ftehimiet id-drittijiet ta' persuni fiżiċi u kumpaniji Latvjani dwar l-akkwiżizzjoni ta' art fil-pajjiż terz rispettiv ikunu ġew stabbiliti;

(d) jekk aktar minn 50 fil-mija tal-kapital ta' ekwità tagħhom huwa fil-pussess ta' persuni minn (a) sa (c) flimkien;

(e) li huma kumpaniji pubbliċi b'ishma konġunti, jekk l-ishma tagħhom jiġu kkwotati fil-borża.

Fejn il-Kanada u l-provinċji u t-territorji tagħha jippermettu lil ċittadini u intrapriżi Latvjani biex jixtru proprjetà immobbli urbana fit-territorji tagħhom, il-Latvja tippermetti lil ċittadini tal-Kanada u intrapriżi sabiex jixtru proprjetà immobbli urbana fil-Latvja taħt l-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini Latvjani.

Settur:	Servizzi ta' distribuzzjoni u tas-saħħa
Sottosettur:	Bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi, mediċinali u ortopediċi. Servizzi oħra pprovduti minn spiżjara
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 63211
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Il-Liġi Farmċewtika, l-Artikolu 38

Deskrizzjoni:	**Investiment** Sabiex jibda prattika indipendenti fi spiżerija, spiżjar jew assistent spiżjar, edukat fi stat li mhuwiex Stat Membru tal-UE jew Stat Membru taż-ŻEE, irid jaħdem għal tal-inqas sena fi spiżerija taħt is-sorveljanza ta' spiżjar.
Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizz legali
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Parti minn CPC 861
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Il-Liġi tal-Proċedura Kriminali, l-Artikolu 79 Il-Liġi dwar l-Avukatura tar-Repubblika tal-Latvja, l-Artikolu 4
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Għall-kisba tal-ammissjoni sħiħa għall-Avukatura, li hija meħtieġa għall-prattika bħala avukat (solicitor) ġuramentat jew bħala assistent għall-avukat (solicitor) ġuramentat, in-nazzjonalità Latvjana hija meħtieġa. L-avukati (solicitors) ġuramentati li huma ċittadini ta' Stat Membru tal-UE, u li huma reġistrati fil-Kunsill Latvjan tal-Avukati (Solicitors) Ġuramentati, għandhom id-dritt li jipparteċipaw u jivvotaw fil-Laqgħa Ġenerali tal-Avukati (Solicitors) Ġuramentati. Il-provvista ta' servizzi domestiċi legali (is-servizzi ta' avukat u rappreżentanza legali fi proċedimenti kriminali) fil-Latvja f'konformità mal-liġi tagħha hija permessa biss minn: (a) avukat (solicitor) ġuramentat jew assistent ta' avukat (solicitor) ġuramentat li huwa detentur tan-nazzjonalità Latvjana; jew

(b) ċittadin ta’ Stat Membru tal-UE li kien iddeżinjat bħala avukat f'wieħed mill-Istati Membri tal-UE; jew

(c) avukat barrani, fil-qafas ta' ftehim dwar l-assistenza legali konkluż bejn il-Latvja u l-pajjiż barrani rilevanti.

Għal avukati ta' Stat Membru tal-UE jew avukati barranin, jeżistu rekwiżiti speċjali. Pereżempju, il-parteċipazzjoni fi proċedimenti tal-qorti f'każijiet kriminali hija permessa biss f'assoċjazzjoni ma' avukat tal-Kulleġġ Latvjan tal-Avukati Ġuramentati.

Għall-provvista ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi tal-UE u l-liġi ta' Stat Membru tal-UE, tista' tkun meħtieġa preżenza kummerċjali li għandha tieħu waħda mill-forom legali li huma permessi bil-liġi nazzjonali fuq bażi mhux diskriminatorja. Xi tipi ta' forma legali jistgħu jiġu riżervati esklużivament għal avukati li jkunu ammessi għall-avukatura, ukoll fuq bażi mhux diskriminatorja.

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi tal-awditjar
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 86211, CPC 86212 barra minn servizzi tal-kontabilità
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Il-Liġi dwar l-Awdituri Ġuramentati

Deskrizzjoni:	**Investiment** F'kumpanija kummerċjali ta' awdituri ġuramentati, investitur barrani jista' ikollu biss aktar minn 50 fil-mija tal-ishma tal-kapital bid-dritt tal-vot, jekk huma jkunu kkwalifikati bħala awdituri ġuramentati jew kumpaniji kummerċjali ta' awdituri ġuramentati, jew awdituri jew kumpaniji kummerċjali ta' awdituri ta' Stati Membri tal-UE jew l-Istati Membri taż-ŻEE, li, f'konformità mal-liġijiet tal-Istat Membru tal-UE jew l-Istat Membru taż-ŻEE, huma intitolati sabiex ikomplu l-attività professjonali ta' awditur ġuramentat jew ta' kumpanija ta' awdituri ġuramentati, billi din l-attività professjonali hija ddefinita fil-liġijiet tal-Latvja.
Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Stampar u pubblikazzjoni
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 88442
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Il-Liġi dwar l-Istampa u l-Mezzi tal-Komunikazzjoni tal-Massa oħra, l-Artikolu 8
Deskrizzjoni:	**Investiment** Biss il-persuni ġuridiċi inkorporati fil-Latvja, u l-persuni fiżiċi tal-Latvja għandhom id-dritt li jistabbilixxu u jippubblikaw mezzi tal-komunikazzjoni tal-massa. Il-fergħat mhumiex permessi.

Settur:	Sajd Trasport
Sottosettur:	L-attività marina kummerċjali mwettqa minn bastiment tal-baħar, inkluż is-sajd, l-akkwakultura u servizzi inċidentali għas-sajd Servizzi ta' trasport (passiġġieri u merkanzija) minn bastimenti tal-baħar Servizzi ta' pilotaġġ u rmiġġ Servizzi ta' salvataġġ u varar mill-ġdid Servizzi oħra ta' sostenn għal trasport bl-ilma Kostruzzjoni għal passaġġi fuq l-ilma, portijiet, digi u xogħlijiet oħra fuq l-ilma
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 0501, ISIC rev 3.1 0502, CPC 5133, CPC 5223, CPC 721, CPC 74520, CPC 74540, CPC 74590, CPC 882
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq Obbligi
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Il-Liġi dwar "il-Kodiċi Marittimu"
Deskrizzjoni:	**Investiment, Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi u Servizzi tat-Trasport Marittimu Internazzjonali** Il-bandiera Latvjana tingħata biss lil bastimenti rreġistrati fir-Reġistru tal-Bastimenti tal-Latvja, u dawn il-bastimenti jridu jkunu mmaniġjati minn entità rreġistrata fl-UE. Is-sidien barranin li mhumiex inkorporati fl-UE jistgħu jirreġistraw il-bastimenti fir-Reġistru tal-Bastimenti, sakemm il-maniġment tekniku tagħhom isir minn persuna ġuridika rreġistrata fil-Latvja fuq il-bażi ta' kuntratt ta' maniġment ta' bastiment.

Riżervi applikabbli fil-Litwanja

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi legali
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Parti minn CPC 861
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq It-trattament l-aktar favorit tal-pajjiż
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Il-Liġi dwar l-Avukatura tar-Repubblika tal-Litwanja tat-18 ta' Marzu 2004 Nru IX-2066 kif emendata l-aħħar fis-17 ta' Novembru 2011 bil-Liġi Nru XI-1688 tar-Repubblika tal-Litwanja dwar il-professjoni Notarili tal-15 ta' Settembru 1992 - Nru I-2882 (Kif emendata l-aħħar fid-19 ta' April 2012 – Nru X-1979)
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Hija meħtieġa ammissjoni sħiħa għall-avukatura għall-prattika ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi tal-UE u l-liġi ta' Stat Membru tal-UE, inkluża rappreżentanza quddiem il-qrati. Għall-provvista ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi tal-UE u l-liġi ta' Stat Membru tal-UE, tista' tkun meħtieġa preżenza kummerċjali li għandha tieħu waħda mill-forom legali li huma permessi bil-liġi nazzjonali fuq bażi mhux diskriminatorja. Xi tipi ta' forma legali jistgħu jiġu riżervati esklużivament għal avukati li jkunu ammessi għall-avukatura, ukoll fuq bażi mhux diskriminatorja. Biss iċ-ċittadini ta' Stat Membru taż-ŻEE jew tal-Konfederazzjoni Żvizzera jistgħu jiġu ammessi għall-Avukatura, u huma għalhekk intitolati sabiex jipprovdu servizzi legali fir-rigward tal-liġi domestika. L-avukati minn pajjiżi barranin jistgħu jaġixxu bħala avukati fil-qorti biss f'konformità ma' ftehimiet bilaterali dwar l-assistenza legali.

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi tal-awditjar
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 86211, CPC86212 barra minn servizzi tal-kontabilità
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Il-Liġi dwar l-Awditjar tal-15 ta' Ġunju 1999 Nru VIII -1227 (verżjoni ġdida tat-3 ta' Lulju 2008 Nru X-1676)
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Mhux anqas minn 75 fil-mija tal-ishma għandhom jappartjenu lil awdituri jew kumpaniji tal-awditjar tal-UE jew taż-ŻEE. Ir-rapport mill-awditur irid ikun imħejji flimkien ma' awditur akkreditat biex jipprattika fil-Litwanja. L-istabbiliment mhuwiex permess fil-forma ta' Kumpanija b'Ishma Pubbliċi (AB).

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Aġenti tal-privattivi
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Parti minn CPC 879
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali

Miżuri:	Il-Liġi dwar it-Trademarks tal-10 ta' Ottubru 2000 Nru VIII-1981 Il-Liġi dwar id-Disinni tas-7 ta' Novembru 2002 Nru IX-1181 Il-Liġi dwar il-Privattivi tat-18 ta' Jannar 1994 Nru I-372 Il-Liġi dwar il-Protezzjoni Legali tat-Topografiji ta' Prodotti b'Semikonduttur tas-16 ta' Ġunju 1998 Ir-Regolament dwar l-Avukati tal-Privattivi, approvat bl-Ordni tal-Gvern tar-Repubblika tal-Litwanja tal-20 ta' Mejju 1992 Nru 362 (kif emendat l-aħħar fit-8 ta' Novembru 2004 Nru 1410)
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Iċ-ċittadini ta' pajjiż terz (Stati Membri mhux tal-UE) mhumiex permessi li jkunu reġistrati bħala avukati tal-privattivi. Biss l-avukati tal-privattivi huma permessi jipprovdu servizzi ta' aġent tal-privattivi fil-Litwanja.
Settur:	Distribuzzjoni
Sottosettur:	Id-distribuzzjoni ta' pirotekniċi
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Il-Liġi dwar is-Sorveljanza taċ-Ċirkolazzjoni tal-Pirotekniċi Ċivili (23 ta' Marzu 2004. Nru IX-2074)
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Id-distribuzzjoni ta' pirotekniċi hija suġġetta għal liċenzja. Biss il-persuni ġuridiċi stabbiliti fl-UE jistgħu jiksbu liċenzja.

Settur:	Enerġija
Sottosettur:	Trasport bil-pajp ta' fjuwil Servizzi inċidentali għal distribuzzjoni tal-enerġija
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 713, CPC 887
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Il-Liġi dwar il-Gass Naturali tar-Repubblika tal-Litwanja tal-10 ta' Ottubru 2000 Nru VIII-1973
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** L-istabbiliment huwa meħtieġ. Il-liċenzji għal trażmissjoni u distribuzzjoni ta' fjuwil jistgħu jinħarġu biss lil persuni ġuridiċi tal-Litwanja jew fergħat ta' persuni ġuridiċi jew organizzazzjonijiet oħra barranin (kumpaniji sussidjarji) stabbiliti fil-Litwanja. Din ir-riżerva ma tapplikax għal servizzi ta' konsultazzjoni relatati mat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni fuq il-bażi ta' ħlas jew kuntratt tal-fjuwil.

Settur:	Enerġija
Sottosettur:	It-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 401, CPC 887
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Il-Liġi dwar l-elettriku tar-Repubblika tal-Litwanja tal-20 ta' Lulju 2000 Nru VIII-1881

Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Il-liċenzji għal trażmissjoni, distribuzzjoni, provvista u organizzazzjoni pubblika ta' negozju tal-elettriku jistgħu jinħarġu biss lil persuni ġuridiċi tal-Litwanja jew fergħat ta' persuna ġuridika jew organizzazzjonijiet oħra barranin stabbiliti fil-Litwanja. Din ir-riżerva ma tapplikax għal servizzi ta' konsultazzjoni relatati mat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni fuq il-bażi ta' ħlas jew kuntratt tal-elettriku.
Settur:	Sajd, trasport
Sottosettur:	L-attività marina kummerċjali mwettqa minn bastiment tal-baħar, inkluż is-sajd, l-akkwakultura u servizzi inċidentali għas-sajd Servizzi ta' trasport (passiġġieri u merkanzija) minn bastimenti tal-baħar Servizzi ta' pilotaġġ u rmiġġ Servizzi ta' salvataġġ u varar mill-ġdid Servizzi oħra ta' sostenn għal trasport bl-ilma Kostruzzjoni għal passaġġi fuq l-ilma, portijiet, digi u xogħlijiet oħra fuq l-ilma
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 0501, ISIC rev. 0502, CPC 5133, CPC 5223, CPC 721, CPC 74520, CPC 74540, CPC 74590
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq Obbligi
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Il-Liġi tar-Repubblika tal-Litwanja dwar il-Bastimenti Merkantili tat-12 ta' Settembru 1996, Nru I-1513

Deskrizzjoni:	**Servizzi ta' Investiment u ta' Trasport Marittimu Internazzjonali** Il-bandiera Litwana tingħata biss lil bastimenti rreġistrati fir-reġistru Litwan ta' bastimenti marittimi u li jappartjenu jew ikunu mikrija (kera ta' bastiment mingħajr ekwipaġġ) minn ċittadin jew kumpanija Litwana stabbilita (inkorporata) fil-Litwanja.
Settur:	Trasport
Sottosettur:	Servizzi tat-trasport bil-ferrovija
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 711
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Il-Kodiċi tat-trasport bil-ferrovija tar-Repubblika tal-Litwanja tat-22 ta' April 2004 Nru IX-2152 kif emendat bin-Nru X-653 fit-8 ta' Ġunju 2006.
Deskrizzjoni:	**Investiment** Id-drittijiet esklużivi għall-provvista ta' servizzi ta' transitu jingħataw lil intrapriżi ferrovjarja li jappartjenu jew li l-istokk tagħhom jappartjeni 100 fil-mija lill-istat.

Riżervi applikabbli fil-Lussemburgu

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi legali
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Parti minn CPC 861
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Loi du 16 décembre 2011 modifiant la loi du 10 août 1991 sur la profession d'avocat
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Hija meħtieġa ammissjoni sħiħa għall-Avukatura għall-prattika ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi Lussemburgiża, inkluża rappreżentanza quddiem il-qrati. In-nazzjonalità ta' Stat Membru tal-UE u r-residenza (preżenza kummerċjali) hija meħtieġa għall-kisba ta' ammissjoni sħiħa għall-Avukatura. Il-Kunsill tal-Ordni jista' jaqbel li jneħħi r-rekwiżit tan-nazzjonalità għal ċittadin barrani abbażi ta' reċiproċità. Għall-provvista ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi Lussemburgiża, tista' tkun meħtieġa preżenza kummerċjali li għandha tieħu waħda mill-forom legali li huma permessi bil-liġi nazzjonali fuq bażi mhux diskriminatorja. Xi tipi ta' forma legali jistgħu jiġu riżervati esklużivament għal avukati li jkunu ammessi għall-avukatura, ukoll fuq bażi mhux diskriminatorja.

Settur:	Distribuzzjoni
Sottosettur:	Bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi, mediċinali u ortopediċi.
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 63211
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Loi du 4 juillet 1973 concernant le régime de la pharmacie (anness a043) Règlement grand-ducal du 27 mai 1997 relatif à l'octroi des concessions de pharmacie (anness a041) Règlement grand-ducal du 11 février 2002 modifiant le règlement grand-ducal du 27 mai 1997 relatif à l'octroi des concessions de pharmacie (anness a017)
Deskrizzjoni:	**Investiment** Il-persuni fiżiċi biss huma permessi li jipprovdu servizzi bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi u prodotti mediċinali speċifiċi lill-pubbliku.

Settur:	Sajd Trasport
Sottosettur:	L-attività marina kummerċjali mwettqa minn bastiment tal-baħar, inkluż is-sajd, l-akkwakultura u servizzi inċidentali għas-sajd Servizzi ta' trasport (passiġġieri u merkanzija) minn bastimenti tal-baħar Servizzi ta' pilotaġġ u rmiġġ Servizzi ta' salvataġġ u varar mill-ġdid Servizzi oħra ta' sostenn għal trasport bl-ilma Kostruzzjoni għal passaġġi fuq l-ilma, portijiet, digi u xogħlijiet oħra fuq l-ilma
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 0501, ISIC rev 3.1 0502, CPC 5133, CPC 5223, CPC 721, CPC 74520, CPC 74540, CPC 74590, CPC 882
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq Obbligi
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Il-Liġi tad-9 ta' Novembru 1990
Deskrizzjoni:	**Investiment, Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi u Servizzi tat-Trasport Marittimu Internazzjonali** L-investituri barranin li mhumiex ċittadini ta' Stat Membru tal-UE jew li mhumiex inkorporati fl-UE jew li ma għandhomx l-uffiċċju prinċipali tagħhom fl-UE, ma jistgħux ikollhom 50 fil-mija jew aktar minn bastiment tal-baħar li jtajjar il-bandiera Lussemburgiża. Din ir-riżerva ma tapplikax għal bastiment li jkun noleġġat vojt lil kerrej li jkun jissodisfa r-rekwiżiti ta' sjieda msemmija iktar 'il fuq u li qiegħed attwalment jagħmel użu mill-bastiment.

Riżervi applikabbli f'Malta

Settur:	Setturi kollha
Sottosettur:	Akkwiżizzjoni ta' proprjetà immobbli
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	L-Att dwar il-Proprjetà Immobbli (Akkwiżizzjoni minn Nonresidenti) (Kap. 246) Protokoll Nru 6 tat-Trattat tal-Adeżjoni fl-UE dwar l-akkwiżizzjoni ta' residenzi sekondarji f'Malta
Deskrizzjoni:	**Investiment** In-nonnazzjonali ta' Stat Membru tal-UE ma jistgħux jakkwistaw proprjetà immobbli għal skopijiet kummerċjali. Il-kumpaniji b'25 fil-mija (jew aktar) tal-parteċipazzjoni azzjonarja mhux tal-UE jridu jiksbu awtorizzazzjoni mill-Awtorità Kompetenti (Ministru responsabbli għall-Finanzi) biex jixtru proprjetà immobbli għal skopijiet kummerċjali jew tan-negozju. L-Awtorità Kompetenti tiddetermina jekk l-akkwiżizzjoni proposta tirrappreżentax benefiċċju nett għall-ekonomija Maltija.

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizz legali
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Parti minn CPC 861
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12)
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Hija meħtieġa ammissjoni sħiħa għall-Avukatura għall-prattika ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi Maltija, inkluża rappreżentanza quddiem il-qrati. Hija meħtieġa r-residenza (preżenza kummerċjali) sabiex tinkiseb ammissjoni sħiħa għall-Avukatura. Għall-provvista ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi Maltija, tista' tkun meħtieġa preżenza kummerċjali li għandha tieħu waħda mill-forom legali li huma permessi bil-liġi nazzjonali fuq bażi mhux diskriminatorja. Xi tipi ta' forma legali jistgħu jiġu riżervati esklużivament għal avukati li jkunu ammessi għall-avukatura, ukoll fuq bażi mhux diskriminatorja. Biss iċ-ċittadini ta' Stat Membru taż-ŻEE jew tal-Konfederazzjoni Żvizzera jistgħu jiġu ammessi għall-Avukatura, u huma għalhekk intitolati sabiex jipprovdu servizzi legali fir-rigward tal-liġi Maltija.
Settur:	Distribuzzjoni
Sottosettur:	Bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi, mediċinali u ortopediċi.
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 63211
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Ir-Regolamenti dwar il-Liċenzji għall-Ispiżeriji (AL279/07) maħruġa skont l-Att dwar il-Mediċini (Kap. 458)

Deskrizzjoni:	**Investiment** Ħruġ ta' liċenzji għal Spiżeriji b'ċerti restrizzjonijiet. Ebda persuna ma għandu jkollha aktar minn liċenzja waħda f'isimha f'kwalunkwe belt jew raħal (ir-Regolament 5(1) tar-Regolamenti dwar il-Liċenzji għall-Ispiżeriji (AL279/07)), barra mill-każ fejn ma hemm ebda applikazzjonijiet ulterjuri għal dik il-belt jew ir-raħal (ir-Regolament 5(2) tar-Regolamenti dwar il-Liċenzji għall-Ispiżeriji (AL279/07)).
Settur:	Servizzi edukattivi
Sottosettur:	Servizzi ta' edukazzjoni għolja Servizzi ta' edukazzjoni għall-adulti
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 923, CPC 924
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	L-Avviż Legali 296 tal-2012
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Il-forniturи ta' servizzi li jixtiequ jipprovdu servizzi ta' edukazzjoni għolja jew għall-adulti ffinanzjati privatament iridu jiksbu liċenzja mill-Ministru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol. Id-deċiżjoni dwar jekk għandhiex tinħareġ liċenzja tista' tkun diskrezzjonali.

Settur:	Trasport
Sottosettur:	Trasport bl-ilma Servizzi ta' sostenn għal trasport bl-ilma
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 721, part of 742, CPC 745, parti minn CPC 749
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq Obbligi
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Ir-Regolamenti dwar in-Nollijiet għal Servizzi tal-Passiġġieri u Merkanzija għal Għawdex (LS499.31) Id-drittijiet esklużivi huma allokati permezz ta' proċedura ta' akkwist abbażi ta' kuntratti.
Deskrizzjoni:	**Investiment, Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi u Servizzi tat-Trasport Marittimu Internazzjonali** Għandha tintalab liċenzja minn Transport Malta għall-Kiri ta' Bastimenti b'Ekwipaġġ għal bastimenti li jinnegozjaw esklużivament fl-ilmijiet lokali. L-Obbligi Speċifiċi tas-Servizz Pubbliku jirregolaw tbaħħir kummerċjali esklużivament fl-ilmijiet interni ta' Malta. Rigward ir-restrizzjoni ta' kabotaġġ bejn Malta u Għawdex, jingħataw drittijiet esklużivi abbażi ta' konċessjoni mogħtija mill-Gvern. Din l-esklużività tirrigwarda biss ir-rotta ta' Malta - Għawdex bejn il-Port ta' Ċirkewwa u l-Port ta' Marsamxett (Malta) u l-Port tal-Imġarr (Għawdex) għat-trasport ta' passiġġieri, vetturi u merkanzija. It-tariffi għat-tali servizzi huma rregolati bil-liġi permezz tar-Regolamenti dwar in-Nollijiet għal Servizzi tal-Passiġġieri u Merkanzija għal Għawdex (LS499.31). Il-kundizzjoni ta' nazzjonalità għal servizzi ta' sostenn.

Settur:	Servizzi tat-trasport
Sottosettur:	Servizzi oħra tat-trasport
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 712
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Ir-Regolamenti dwar Servizzi tat-Taksis (LS 499.59)
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Taksis: Japplikaw restrizzjonijiet numeriċi fuq in-numru ta' liċenzji. Karozzini: Japplikaw restrizzjonijiet numeriċi fuq in-numru ta' liċenzji.

Settur:	Enerġija
Sottosettur:	Elettriku
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	L-Att dwar l-Enemalta (Kap. 272)
Deskrizzjoni:	**Investiment** EneMalta plc għandha monopolju għall-provvista tal-elettriku.

Riżervi applikabbli fin-Netherlands

Settur:	Servizzi ta' sostenn għall-modi kollha tat-trasport
Sottosettur:	Servizzi ta' żdoganar tal-merkanzija
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Parti minn CPC 748
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	L-Att dwar id-Dogana Ġenerali (Algemene Douanewet)
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** L-ammissjoni ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi sabiex jaġixxu bħala rappreżentanti doganali hija suġġetta għal diskrezzjoni mill-ispettur, kif previst fl-Artikoli 1(3) u 1(9) tal-Att dwar id-Dogana Ġenerali (Algemene Douanewet). Ir-rappreżentanti doganali li mhumiex residenti jew stabbiliti fin-Netherlands huma meħtieġa li jistabbilixxu residenza jew post fiss fin-Netherlands, qabel ma jkunu jistgħu jwettqu attivitajiet bħala rappreżentant doganali ammess.

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizz legali
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Parti minn CPC 861
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq

Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Advocatenwet (Att dwar l-Avukati)
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Hija meħtieġa ammissjoni sħiħa għall-avukatura għall-prattika ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi tal-UE u l-liġi ta' Stat Membru tal-UE, inkluża rappreżentanza quddiem il-qrati. Għall-provvista ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi tal-UE u l-liġi ta' Stat Membru tal-UE, tista' tkun meħtieġa preżenza kummerċjali li għandha tieħu waħda mill-forom legali li huma permessi bil-liġi nazzjonali fuq bażi mhux diskriminatorja. Biss l-avukati li għandhom liċenzja lokali jistgħu jużaw l-isem jew it-titolu "Advocaat" skont l-Artikoli 2(c), u 16(b), (c), (d) tal-Advocatenwet (l-Att dwar l-Avukati). Biss l-avukati rreġistrati fir-reġistru Netherlandiż jistgħu jużaw it-titolu ta' "advocaat". Minflok ma jużaw it-terminu sħiħ ta' "advocaat", l-avukati barranin (mhux reġistrati) huma obbligati li jsemmu l-organizzazzjoni professjonali tal-pajjiż ta' oriġini tagħhom għall-iskopijiet tal-attivitajiet tagħhom fin-Netherlands.
Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi ta' imbollar
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Parti minn CPC 893
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Waarborgwet 1986

Deskrizzjoni:	**Investiment** Għall-provvista ta' servizzi ta' imbollar, hemm bżonn ta' preżenza kummerċjali fin-Netherlands. L-imbollar ta' oġġetti tal-metall prezzjuż huwa attwalment mogħti esklużivament lil żewġ monopolji Netherlandiżi pubbliċi.
Settur:	Servizzi tas-saħħa
Sottosettur:	Servizzi veterinarji
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 932
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Wet op de uitoefening van de diergeneeskunde 1990 (WUD)
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** L-aċċess huwa ristrett għal persuni fiżiċi.
Settur:	Sajd, trasport
Sottosettur:	L-attività marina kummerċjali mwettqa minn bastiment tal-baħar, inkluż is-sajd, l-akkwakultura u servizzi inċidentali għas-sajd Servizzi ta' trasport (passiġġieri u merkanzija) minn bastimenti tal-baħar Servizzi ta' pilotaġġ u rmiġġ Servizzi ta' salvataġġ u varar mill-ġdid Servizzi oħra ta' sostenn għal trasport bl-ilma Kostruzzjoni għal passaġġi fuq l-ilma, portijiet, digi u xogħlijiet oħra fuq l-ilma
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 0501, ISIC rev 3.10502, CPC 5133, CPC5223, CPC 721, CPC 74520, CPC 74540, CPC 74590, CPC 882

Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq Obbligi
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	L-Artikolu 311, paragrafu 1.b tal-Kodiċi Kummerċjali (Wetboek van Koophandel)
Deskrizzjoni:	**Servizzi ta' Investiment u ta' Trasport Marittimu Internazzjonali** Is-sjieda ta' bastiment tal-baħar Netherlandiż reġistrat hija possibbli biss għal: (a) persuni fiżiċi bin-nazzjonalità ta' Stat Membru tal-UE, iż-ŻEE jew il-Konfederazzjoni Żvizzera; (b) kumpaniji jew entitajiet ġuridiċi skont il-liġi ta' Stat Membru tal-UE, wieħed mill-pajjiżi, gżejjer jew erji kif imfisser fl-Artikolu 349 u fil-paragrafi minn 1 sa 4 u l-paragrafu 5(c) tal-Artikolu 355 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jew ta' Stat Membru taż-ŻEE jew il-Konfederazzjoni Żvizzera; u (c) persuni fiżiċi jew kumpaniji jew entitajiet ġuridiċi oħra minn dawk li jissemmew hawn fuq li għandhom pretensjoni tad-dritt Ewropew ta' stabbiliment liberu jew residenza dovut għall-fteħim bejn l-UE u pajjiż terz. Il-proprjetarju jrid ikollu uffiċċju prinċipali jew kumpanija sussidjarja fin-Netherlands. Persuna fiżika waħda jew aktar iddomiċiljata/i fin-Netherlands irid ikollha r-responsabbiltà għall-bastiment, kaptan, ekwipaġġ u kwistjonijiet relatati, u jkollu/jkollha l-awtorità li tiddeċiedi/jiddeċiedu u tirrappreżenta/jirrappreżentaw f'isem il-proprjetarju.

	Mhuwiex possibbli li jiġi rreġistrat bastiment tal-baħar li huwa diġà rreġistrat f'reġistru pubbliku, bħala bastiment tal-baħar jew bħala bastiment tan-navigazzjoni interna, jew f'kwalunkwe reġistru barrani simili. Meta jagħmel talba għal reġistrazzjoni, l-applikant jagħżel domiċilju fin-Netherlands.
Settur:	Enerġija
Sottosettur:	Id-distribuzzjoni tal-elettriku It-trasport ta' gass naturali
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 040, CPC 71310
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Elektriciteitswet 1998 Gaswet
Deskrizzjoni:	**Investiment** Is-sjieda tan-netwerk tal-elettriku u n-netwerk tal-gass bil-pajp hija mogħtija esklużivament lill-gvern Netherlandiż (sistemi ta' trażmissjoni) u lill-amministrazzjonijiet pubbliċi oħra (sistemi ta' distribuzzjoni).
Settur:	Estrazzjoni u xogħol fil-barrieri
Sottosettur:	Estrazzjoni ta' żejt mhux maħdum u gass naturali
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 10, ISIC rev 3.1 11, ISIC rev 3.1 12, ISIC rev 3.1 13, ISIC rev 3.1 14

Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Mijnbouwwet (l-Att dwar l-Estrazzjoni)
Deskrizzjoni:	**Investiment** L-esplorazzjoni u l-użu ta' idrokarburi fin-Netherlands huwa mwettaq dejjem konġuntament minn kumpanija privata u l-kumpanija pubblika (b'responsabbiltà limitata) magħżula mill-Ministeru għall-Affarijiet Ekonomiċi. L-Artikoli 81 u 82 tal-Att dwar l-Estrazzjoni jistipulaw li l-ishma kollha f'din il-kumpanija magħżula jridu jkunu direttament jew indirettament ikkontrollati mill-Istat Netherlandiż.

Riżervi applikabbli fil-Polonja

Settur:	Setturi kollha
Sottosettur:	Akkwiżizzjoni ta' proprjetà immobbli
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Il-Liġi tal-24 ta' Marzu 1920 dwar l-Akkwiżizzjoni ta' Proprjetà Immobbli mill-Barranin (Il-Ġurnal tal-Liġijiet tal-2004 Nru 167, punt 1758 b'emendi iktar 'il quddiem)
Deskrizzjoni:	**Investiment** L-akkwiżizzjoni ta' proprjetà immobbli, diretta jew indiretta, mill-barranin tirrikjedi permess. Jinħareġ permess permezz ta' deċiżjoni amministrattiva minn ministru kompetenti mill-affarijiet interni, bil-kunsens tal-Ministru tad-Difiża Nazzjonali, u fil-każ ta' proprjetà immobbli agrikola, ukoll bil-kunsens tal-Ministru tal-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali.

Settur:	Pubblikazzjoni u stampar
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 221, ISIC rev 3.1 222
Tip ta' Riżerva:	Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali

Miżuri:	L-Att tas-26 ta' Jannar 1984 dwar il-liġi tal-Istampa, il-Ġurnal tal-Liġijiet, Nru 5, punt 24, b'emendi sussegwenti
Deskrizzjoni:	**Investiment** Il-kundizzjoni ta' nazzjonalità għall-Kap Editur tal-gazzetti u r-rivisti.
Settur:	Setturi kollha
Sottosettur:	Tipi ta' stabbiliment
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	L-Att tat-2 ta' Lulju 2004 dwar il-libertà tal-attività ekonomika, l-Artikoli 13.3 u 95. 1
Deskrizzjoni:	**Investiment** L-ambitu tal-operazzjonijiet ta' uffiċċju rappreżentattiv jista' biss jinkludi r-reklamar u l-promozzjoni tal-kumpanija prinċipali barranija rappreżentata mill-uffiċċju. Għas-setturi kollha barra minn servizzi legali u servizzi pprovduti minn unitajiet tal-kura tas-saħħa, l-investituri mhux tal-UE jistgħu jagħmlu u jwettqu attività biss fil-forma ta' soċjetà limitata, soċjetà b'ishma konġunti limitata, kumpanija b'responsabbiltà limitata u kumpanija b'ishma konġunti, filwaqt li l-kumpaniji domestiċi għandhom aċċess ukoll għall-forom ta' kumpaniji ta' soċjetajiet mhux kummerċjali (soċjetà ġenerali u kumpanija b'responsabbiltà illimitata).

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizz legali
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Parti minn CPC 861
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	L-Att tal-5 ta' Lulju 2002 dwar il-provvista minn avukati barranin ta' assistenza legali fir-Repubblika tal-Polonja, l-Artikolu 19
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Hija meħtieġa ammissjoni sħiħa għall-avukatura għall-prattika ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi tal-UE u l-liġi ta' Stat Membru tal-UE, inkluża rappreżentanza quddiem il-qrati. L-avukati barranin jistgħu jistabbilixxu biss fil-forma ta' sħubija reġistrata, soċjetà limitata, jew soċjetà b'ishma konġunti limitata filwaqt li l-kumpaniji domestiċi għandhom aċċess ukoll għall-forom ta' soċjetà tad-dritt ċivili u sħubija professjonali.

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi tal-awditjar
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 86211, CPC 86212 barra minn servizzi tal-kontabilità
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali

Miżuri:	L-Att tas-7 ta' Mejju 2009 dwar l-awdituri statutorji, l-intrapriżi tal-awditjar u sorveljanza pubblika - il-Ġurnal tal-Liġijiet, Nru 77, punt 649, b'emendi sussegwenti
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** L-intrapriżi tal-awditjar jistgħu jkunu stabbiliti biss f'xi forom legali Pollakki.
Settur:	Servizzi tas-saħħa
Sottosettur:	Servizzi veterinarji
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 932
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Il-Liġi tal-21 ta' Diċembru 1990 dwar il-Professjoni ta' Kirurgu Veterinarju u l-Kmamar tal-Kirurgi Veterinarji
Deskrizzjoni:	**Investiment** Għall-provvista ta' servizzi veterinarji minn persuna fiżika preżenti fit-territorju tal-Polonja, biss iċ-ċittadini ta' Stat Membru tal-UE jistgħu jipprovdu servizzi veterinarji. Il-persuni barranin jistgħu japplikaw għal permess sabiex jipprattikaw.
Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizz tat-Traduzzjoni u tal-Interpretazzjoni
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 87905

Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	L-Att tal-25 ta' Novembru 2004 dwar il-professjoni ta' traduttur jew interpretu ġuramentat (il-Ġurnal tal-Liġijiet nru 273 punt 2702), l-Artikolu 2.1
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Biss il-persuni fiżiċi jistgħu jkunu tradutturi ġuramentati.
Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq Provvista transfruntiera ta' servizzi finanzjarji
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	L-Att dwar l-attività tal-assigurazzjoni tat-22 ta' Mejju 2003 (il-Ġurnal tal-Liġijiet 2003, Nru 124, punt 1151) L-Att dwar il-medjazzjoni fl-assigurazzjoni tat-22 ta' Mejju 2003 (il-Ġurnal tal-Liġijiet 2003, Nru 124, punt 1154), l-Artikoli 16 u 31
Deskrizzjoni:	**Servizzi Finanzjarji** L-inkorporazzjoni lokali (ebda fergħa) meħtieġa għal intermedjarji assigurattivi.

Settur:	Trasport
Sottosettur:	Servizzi ta' sostenn għal trasport bl-ajru
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Parti minn CPC 742
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Il-Liġi dwar l-Avjazzjoni Pollakka tat-3 ta' Lulju 2002, l-Artikoli 174.2 u 174.3
Deskrizzjoni:	**Investiment** Għas-servizzi ta' ħżin ta' prodotti tal-friża jew mkessħa u servizzi ta' ħżin bl-ingrossa ta' likwidi jew gassijiet fl-ajruporti, il-possibbiltà li jiġu pprovduti xi kategoriji ta' servizzi tiddependi mid-daqs tal-ajruport. In-numru ta' fornituri f'kull ajruport jista' ikun limitat minħabba limiti ta' spazju disponibbli, iżda mhux anqas minn żewġ fornituri għal raġunijiet oħra. Għal servizzi ta' operazzjoni ta' ajruport, is-sehem barrani huwa limitat għal 49 fil-mija.

Settur:	Enerġija
Sottosettur:	Il-produzzjoni, it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku Servizzi ta' ħżin bl-ingrossa ta' likwidi jew gassijiet Servizzi inċidentali għal distribuzzjoni tal-enerġija Bejgħ bl-ingrossa jew bl-imnut tal-elettriku
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 040, CPC 63297, CPC 74220, CPC 887

Tip ta' Riżerva: Trattament nazzjonali

Aċċess għas-suq

Livell ta' Gvern: Nazzjonali

Miżuri: L-Att tal-Liġi dwar l-Enerġija tal-10 ta' April 1997, l-Artikoli 32 u 33

Deskrizzjoni: **Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi**

L-attivitajiet segwenti huma suġġetti għal liċenzjar skont l-Att tal-Liġi dwar l-Enerġija:

(a) il-ġenerazzjoni ta' fjuwil jew enerġija, barra minn: ġenerazzjoni ta' fjuwil solidu jew fjuwil gassuż; ġenerazzjoni ta' elettriku bl-użu ta' sorsi tal-elettriku tal-kapaċità totali ta' mhux aktar minn 50 MW barra minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli; koġenerazzjoni ta' elettriku u sħana bl-użu ta' sorsi tal-elettriku tal-kapaċità totali ta' mhux aktar minn ħames MW barra minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli; ġenerazzjoni tas-sħana bl-użu ta' sorsi tal-kapaċità totali ta' mhux aktar minn ħames MW;

(b) ħżin ta' fjuwil gassuż f'impjanti ta' ħżin, likwefazzjoni ta' gass naturali u rigassifikazzjoni ta' gass naturali likwifikat f'impjanti LNG, kif ukoll il-ħżin ta' fjuwil likwidu, barra minn: il-ħżin lokali ta' gass likwidu f'impjanti tal-kapaċità ta' anqas minn kapaċità ta' MJ wieħed u l-ħżin ta' fjuwil likwidu fin-negozju bl-imnut;

(c) it-trażmissjoni jew id-distribuzzjoni ta' fjuwil jew enerġija, barra minn: id-distribuzzjoni ta' fjuwil gassuż f'grilji ta' anqas minn kapaċità ta' MJ wieħed u t-trażmissjoni jew id-distribuzzjoni tas-sħana jekk il-kapaċità totali ordnata mill-klijenti ma teċċedix 5 MW;

(d) in-negozju fi fjuwil jew enerġija, barra minn: in-negozju fi fjuwil solidu; in-negozju fl-elettriku bl-użu ta' impjanti ta' voltaġġ anqas minn kV wieħed li jappartjenu lill-klijent; in-negozju fi fjuwil gassuż jekk il-valur tal-fatturat annwali tagħhom ma jeċċedix l-ekwivalent ta' EUR 100 000; in-negozju f'gass likwidu, jekk il-valur tal-fatturat annwali ma jeċċedix EUR 10 000; u n-negozju f'fjuwil gassuż u elettriku mwettaq fis-suq tal-materja prima minn ditti tas-senserija li jwettqu l-attività ta' senserija fis-suq tal-materja prima fuq il-bażi tal-Att tas-26 ta' Ottubru 2000 dwar is-suq tal-materja prima, kif ukoll in-negozju fis-sħana jekk il-kapaċità ordnata mill-klijenti ma teċċedix ħames MW. Il-limiti fuq il-fatturat ma japplikawx għal servizzi ta' negozju bl-ingrossa f'fjuwil gassuż jew gass likwidu jew għal servizzi bl-imnut ta' gass imbottiljat.

Tista' tingħata liċenzja biss mill-Awtorità Kompetenti lil applikant li jkun irreġistra l-post prinċipali tan-negozju jew ir-residenza tiegħu fit-territorju ta' Stat Membru tal-UE, Stat Membru taż-ŻEE jew il-Konfederazzjoni Żvizzera.

Riżervi applikabbli fil-Portugall

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi legali
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Parti minn CPC 861
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq It-trattament l-aktar favorit tal-pajjiż
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Il-Liġi 15/2005, l-Artikoli 203,194 L-Istatut Portugiż dwar l-Avukatura (Estatuto da Ordem dos Advogados) u d-Digriet Amministrattiv 229/2004, l-Artikoli 5, 7 - 9 Id-Digriet Amministrattiv 88/2003, l-Artikoli 77 u 102 Statut Solicitadores dwar l-Assoċjazzjoni Professjonali Pubblika (Estatuto da Câmara dos Solicitadores), kif emendat bil-Liġi 49/2004, bil-Liġi 14/2006 u bid-Digriet Amministrattiv Nru 226/2008 Il-Liġi 78/2001, l-Artikoli 31, 4 Ir-Regolament dwar il-familja u l-medjazzjoni fuq ix-xogħol (id-Digriet 282/2010) Il-Liġi 21/2007 dwar il-medjazzjoni kriminali, l-Artikolu 12 Il-Liġi 32/2004 (kif emendata bid-Digriet Amministrattiv 282/2007 u l-Liġi 34/2009) dwar l-amministratur tal-Insolvenza, l-Artikoli 3 u 5, fost l-oħrajn Id-Digriet Amministrattiv 54/2004,l-Artikolu 1 (Regime jurídico das sociedades de administradores de insolvência)

Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Hija meħtieġa ammissjoni sħiħa għall-Avukatura għall-prattika ta' servizzi legali, inkluża rappreżentanza quddiem il-qrati. Ir-residenza (preżenza kummerċjali) hija meħtieġa sabiex wieħed jipprattika l-liġi Portugiża. Ir-rikonoxximent tal-kwalifiki sabiex wieħed jipprattika l-liġi Portugiża huwa suġġett għal kundizzjoni ta' reċiproċità. Għall-provvista ta' servizzi legali, tista' tkun meħtieġa preżenza kummerċjali li għandha tieħu waħda mill-forom legali li huma permessi bil-liġi nazzjonali fuq bażi mhux diskriminatorja. Xi tipi ta' forma legali jistgħu jiġu riżervati esklużivament għal avukati li jkunu ammessi għall-avukatura, ukoll fuq bażi mhux diskriminatorja. Biss id-ditti legali li fihom l-ishma jappartjenu esklużivament lill-avukati ammessi għall-Avukatura Portugiża jistgħu jipprattikaw fil-Portugall; l-aċċess għall-professjoni ta' "solicitadores" hija suġġetta għar-rekwiżit ta' nazzjonalità ta' Stat Membru tal-UE.
Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizz tal-Kontabilità Servizzi tal-awditjar
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 86211, CPC 86212, CPC 86213, CPC 86219
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali

Miżuri:	Id-Digriet Amministrattiv 452/99, emendat u ppubblikat mill-ġdid permezz tad-Digriet Amministrattiv 310/2009 - Statut dwar l-Assoċjazzjoni Professjonali Pubblika Portugiża għal Kontabilisti (Estatuto da Ordem dos Técnicos Oficiais de Contas), l-Artikoli 85, 87 Id-Digriet Amministrattiv 487/99, emendat u ppubblikat mill-ġdid permezz tad-Digriet Amministrattiv 224/2008 - Assoċjazzjoni Professjonali Pubblika Portugiża għal Awdituri Statutorji (Estatuto da Ordem dos Revisores Oficiais de Contas). L-Artikoli 95-97
Deskrizzjoni:	**Investiment** Servizz tal-kontabilità: Biss il-kontabilisti li għandhom liċenzja lokali jistgħu jkunu sidien ta' intrapriżi ta' kontabilità. Madankollu, is-servizzi tal-kontabilità jistgħu wkoll ikunu pprovduti minn persuna ġuridika inkorporata skont il-kodiċi tal-kumpaniji Portugiżi mingħajr it-tali restrizzjonijiet ta' sjieda, safejn is-servizzi tal-kontabilità attwali huma pprovduti minn kontabilist li għandu liċenzja lokali.
Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi ta' aġenzija tal-ġbir Servizzi ta' rappurtar ta’ kreditu
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 87901, CPC 87902
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Il-Liġi 49/2004
Deskrizzjoni:	**Investiment** In-nazzjonalità ta' Stat Membru tal-UE hija meħtieġa għall-provvista ta' servizzi ta' aġenzija tal-ġbir u servizzi ta' rappurtar ta’ kreditu.

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Aġent tal-proprjetà industrijali
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Parti minn CPC 861
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Id-Digriet Amministrattiv 15/95, kif emendat bil-Liġi 17/2010, dwar l-aġenti tal-proprjetà industrijali, l-Artikolu 2 Portaria 1200/2010, l-Artikolu 5
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** L-aġenti tal-proprjetà industrijali huma suġġetti għal kundizzjoni ta' nazzjonalità ta' Stat Membru taż-ŻEE.

Settur:	Servizzi tas-saħħa
Sottosettur:	Servizzi veterinarji
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 932
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Id-Digriet Amministrattiv 368/91 (Statut tal-Assoċjazzjoni Professjonali Veterinarja)
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Ir-residenza hija meħtieġa għall-provvista ta' servizzi veterinarji.

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi ta' proprjetà immobbli
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 821, CPC 822
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Digriet Amministrattiv 211/2004 (l-Artikoli 3 u 25), kif emendat u ppubblikat mill-ġdid bid-Digriet Amministrattiv 69/2011
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Ir-residenza fi Stat Membru taż-ŻEE hija meħtieġa għal persuni fiżiċi. L-inkorporazzjoni fi Stat Membru taż-ŻEE hija meħtieġa għal persuni ġuridiċi.

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi relatati mal-agrikoltura
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Parti minn CPC 88
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Id-Digriet Amministrattiv 119/92 Il-Liġi 47/2011 Id-Digriet Amministrattiv 183/98
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Il-professjonijiet ta' bijologu, analist tal-kimika u agronomu huma riżervati għal persuni fiżiċi.

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi tas-sigurtà
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 87302, CPC 87303, CPC 87304, CPC 87305, CPC 87309
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Il-Liġi 34/2013 Id-Digriet Nr. 273/2013
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Il-provvista ta' servizzi ta' sigurtà minn fornitur barrani fuq bażi transfruntiera mhijiex permessa. Il-kundizzjoni ta' nazzjonalità teżisti għal persunal speċjalizzat.

Settur:	Distribuzzjoni
Sottosettur:	Servizzi ta' bejgħ bl-imnut
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 631, CPC 632 barra minn CPC 6321, CPC 63297
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Id-Digriet Amministrattiv Nru 21/2009, id-19 ta' Jannar Id-Digrieti nri^{o} 417/2009 u 418/2009, is-16 ta' April

Deskrizzjoni:	**Investiment** Teżisti skema ta' awtorizzazzjoni speċifika għall-installazzjoni ta' xi stabbilimenti ta' bejgħ bl-imnut. Dan jirrigwarda stabbilimenti li għandhom erja ta' bejgħ li teċċedi 2 000 m^2, stabbilimenti li jappartjenu lil kumpanija jew li jappartjenu lil grupp kummerċjali li għandhom erja ta' bejgħ akkumulat indaqs jew akbar minn 30 000 m^2, jew ħwienet kummerċjali li għandhom erja tal-art akbar jew indaqs għal 8 000 m^2. Il-mikrointrapriżi huma esklużi. Kriterji ewlenin: Il-kontribuzzjoni għal multipliċità ta' offerti kummerċjali; il-valutazzjoni ta' servizzi lill-konsumatur; il-kwalità tal-impjiegi u r-responsabbiltà soċjali korporattiva; l-integrazzjoni fl-ambjent urban; u l-kontribuzzjoni għal ekoeffiċjenza.
Settur:	Distribuzzjoni
Sottosettur:	Bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi, mediċinali u ortopediċi.
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 63211
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Id-Digriet Amministrattiv 307/2007, l-Artikoli 9, 14, 15 Id-Digriet 1430/2007
Deskrizzjoni:	**Investiment** L-awtorizzazzjoni ta’ stabbiliment hija suġġetta għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: kundizzjonijiet ta' densità fiż-żona. F'kumpaniji kummerċjali fejn il-kapital huwa rappreżentat permezz tal-ishma, dawn ikunu nominattivi. Ebda persuna ma tista' tkun tipposjedi jew teżerċita, simultanjament, direttament jew indirettament, is-sjieda, l-operazzjoni jew il-maniġment ta' aktar minn erba' spiżeriji.

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Kapitolu I, Taqsima VI tad-Digriet-Amministrattiv 94-B/98, l-Artikoli 34, nri 6, 7
Deskrizzjoni:	**Servizzi Finanzjarji** Sabiex jistabbilixxu fergħa fil-Portugall, il-kumpaniji tal-assigurazzjoni barranin jeħtieġu jipprovaw esperjenza operazzjonali preċedenti ta' għallinqas ħames snin. Il-fergħat diretti mhumiex permessi għall-intermedjazzjoni assigurattiva, li hija riżervata għal kumpaniji stabbiliti f'konformità mal-liġi ta' Stat Membru tal-UE.

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Servizzi bankarji u finanzjarji oħra (bl-esklużjoni tal-assigurazzjoni)
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Id-Digriet Amministrattiv 12/2006, kif emendat bid-Digriet Amministrattiv 180/2007 id-Digriet Amministrattiv 357-A/2007, ir-Regolament 7/2007-R, kif emendat bir-Regolament 2/2008-R Ir-Regolament 19/2008-R Ir-Regolament 8/2009

Deskrizzjoni:	**Servizzi Finanzjarji** Il-maniġment ta' fond ta’ pensjoni jista' jiġi pprovdut biss minn kumpaniji speċjalizzati inkorporati fil-Portugall għal dak l-iskop u minn kumpaniji tal-assigurazzjoni stabbiliti fil-Portugall u awtorizzati sabiex jibdew in-negozju tal-assigurazzjoni tal-ħajja, jew minn entitajiet awtorizzati għal maniġment ta' fond ta’ pensjoni fi Stati Membri oħra tal-UE. Il-fergħat diretti minn pajjiżi mhux tal-UE mhumiex permessi.
Settur:	Sajd, trasport
Sottosettur:	L-attività marina kummerċjali mwettqa minn bastiment tal-baħar, inkluż is-sajd, l-akkwakultura u servizzi inċidentali għas-sajd Servizzi ta' trasport (passiġġieri u merkanzija) minn bastimenti tal-baħar Servizzi ta' pilotaġġ u rmiġġ Servizzi ta' salvataġġ u varar mill-ġdid Servizzi oħra ta' sostenn għal trasport bl-ilma Kostruzzjoni għal passaġġi fuq l-ilma, portijiet, digi u xogħlijiet oħra fuq l-ilma
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 0501, ISIC rev 3.1 0502, CPC 5122, CPC 5223, CPC 721, CPC 74520, CPC 74540, CPC 74590, CPC 882
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq Obbligi
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Id-Digriet Amministrattiv 194/98 Id-Digriet Amministrattiv 197/98 Id-Digriet Amministrattiv 331/99

Deskrizzjoni:	**Servizzi ta' Investiment u ta' Trasport Marittimu Internazzjonali** Sabiex jirreġistraw bastiment fir-reġistru nazzjonali tal-bastimenti, l-investituri barranin irid ikollhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom fil-Portugall.
Settur:	Trasport
Sottosettur:	Trasport bit-triq
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 71222
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Id-Digriet Amministrattiv 41/80, il-21 ta' Awwissu
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għal servizzi tal-limousine Kriterji ewlenin: in-numru u l-impatt fuq stabbilimenti eżistenti, densità tal-popolazzjoni, firxa ġeografika, impatt fuq il-kundizzjonijiet tat-traffiku u l-ħolqien ta' xogħol ġdid.

Riżervi applikabbli fir-Rumanija

Settur:	Setturi kollha
Sottosettur:	Akkwiżizzjoni ta' proprjetà immobbli
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq It-trattament l-aktar favorit tal-pajjiż
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Il-Liġi 312/2005, dwar l-akkwiżizzjoni ta' proprjetà minn ċittadini barranin u persuni apolidi, kif ukoll minn persuni ġuridiċi barranin.
Deskrizzjoni:	**Investiment** Iċ-ċittadini barranin, il-persuni apolidi u l-persuni ġuridiċi (barra minn ċittadini ta' Stat Membru tal-UE u ċittadini ta' Stat Membru taż-ŻEE) jistgħu jiksbu drittijiet ta' sjieda fuq artijiet, skont il-kundizzjonijiet irregolati mit-trattati internazzjonali, abbażi tar-reċiproċità. Iċ-ċittadin barranin, il-persuni apolidi u l-persuni ġuridiċi ma jistgħux jiksbu d-drittijiet ta' sjieda fuq artijiet bil-kundizzjonijiet aktar vantaġġużi minn dawk applikabbli għaċ-ċittadin ta' Stat Membru tal-UE u għall-persuni ġuridiċi stabbiliti f'konformità mal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru tal-UE.

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizz legali

Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Parti minn CPC 861
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Il-Liġi tal-Avukati Il-Liġi għal Medjazzjoni Il-Liġi għan-Nutara u l-Attività Notarili
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Hija meħtieġa ammissjoni sħiħa għall-avukatura għall-prattika ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi tal-UE u l-liġi ta' Stat Membru tal-UE, inkluża rappreżentanza quddiem il-qrati. Avukat barrani jista' jipprattika l-professjoni legali f'waħda mill-forom permessi skont il-liġi nazzjonali tal-għażla tiegħu, fuq bażi mhux diskriminatorja. Dawn il-from ġuridiċi huma deskritti fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 5 tal-Liġi 51/1995 (*uffiċċji legali individwali, uffiċċji legali assoċjati, kumpaniji ċivili professjonali, jew kumpaniji ċivili professjonali b'responsabbiltà limitata).* Avukat barrani ma jistax jagħmel trattazzjonijiet orali jew bil-miktub quddiem il-qrati jew awtoritajiet ġudizzjarji, ħlief għal arbitraġġ internazzjonali.
Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi tal-awditjar
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 86211, CPC 86212 barra minn servizzi tal-kontabilità
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali

Miżuri:	Id-Digriet Governattiv ta' Emerġenza nru 90/2008, b'emendi sussegwenti, li ttraspona l-provvedimenti tad-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-verifiki statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati, li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 84/253/KEE.
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** L-attività ta' verifika statutorja titwettaq biss minn awdituri statutorji jew intrapriżi tal-awditjar li huma approvati abbażi tal-kundizzjonijiet previsti fid-Digriet ta' Emerġenza nru 90/2008.
Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Servizzi bankarji u finanzjarji oħra (bl-esklużjoni tal-assigurazzjoni)
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Il-Liġi Nru 297/2004 dwar is-swieq finanzjarji Ir-Regolament CNVM ("Comisia Nationala a Valorilor Mobiliare") Nru 2/2006 dwar is-swieq regolati u s-sistemi alternattivi tan-negozju.
Deskrizzjoni:	**Servizzi Finanzjarji** L-operaturi tas-suq huma persuni ġuridiċi Rumeni mfassla bħala kumpanniji b'ishma konġunti skont il-provvedimenti tad-Dritt tal-Kumpaniji. Is-sistemi alternattivi tan-negozju jistgħu jkunu maniġjati minn operatur tas-sistema stabbilit abbażi tal-kundizzjonijiet deskritti aktar 'il fuq jew minn intrapriża tal-investiment awtorizzata minn CNVM.

Settur:	Sajd, trasport
Sottosettur:	L-attività marina kummerċjali mwettqa minn bastiment tal-baħar, inkluż is-sajd, l-akkwakultura u servizzi inċidentali għas-sajd Servizzi ta' trasport (passiġġieri u merkanzija) minn bastimenti tal-baħar Servizzi ta' pilotaġġ u rmiġġ Servizzi ta' salvataġġ u varar mill-ġdid Servizzi oħra ta' sostenn għal trasport bl-ilma Kostruzzjoni għal passaġġi fuq l-ilma, portijiet, digi u xogħlijiet oħra fuq l-ilma
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 0501, ISIC rev 3.1 0502, CPC 5122, CPC 5223, CPC 721, CPC 74520, CPC 74540, CPC 74590, CPC 882
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq Obbligi
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Id-Digriet Governattiv Nru 42 tat-28 ta' Awwissu 1997. L-Ordni Ministerjali Nru 1627/2006
Deskrizzjoni:	**Investiment, Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi u Servizzi tat-Trasport Marittimu Internazzjonali** Id-dritt li tittajjar il-bandiera Rumerna jingħata: (a) lil bastimenti li jappartjenu lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi Rumeni; (b) lil bastimenti tal-baħar li jappartjenu lil persuni fiżiċi li għandhom in-nazzjonalità ta' Stat Membru tal-UE jew ta' Stat Membru taż-Żona Ekonomika Ewropea jew lil persuni ġuridiċi stabbiliti (li għandhom il-kwartieri ġenerali tagħhom) fi Stat Membru tal-UE jew Stat Membru taż-ŻEE;

(c) lil bastimenti li jappartjenu lil persuni fiżiċi barranin li huma domiċiljati jew residenti fir-Rumanija jew lil fergħat Rumeni tal-persuni ġuridiċi barranin, barra minn dawk imsemmija fis-sottoparagrafu (b); u

(d) il bastimenti li jappartjenu lil persuni fiżiċi jew lil persuni ġuridiċi u mikrija permezz ta' kirjiet mingħajr ekwipaġġ jew lokazzjonijiet, għal perjodi itwal minn sena, minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi Rumeni jew barranin.

L-għoti tad-dritt li tittajjar il-bandiera Rumena huwa pprojbit għal bastimenti ta' 20 sena jew aktar.

Settur:	Trasport
Sottosettur:	Trasport skedat ieħor ta' passiġġieri Operazzjonijiet ta' servizzi tat-trasport tal-merkanzija bit-triq Trasport mhux skedat ieħor ta' passiġġieri
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 7121, CPC 7122, CPC 7123
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Il-liġi Rumena dwar it-trasport bit-triq (id-Digriet Governattiv nru 27/2011)
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** L-operaturi ta' trasport tal-merkanzija bit-triq u ta' trasport tal-passiġġieri bit-triq jistgħu biss jużaw vetturi li jkunu reġistrati fir-Rumanija, li jappartjenu u jkunu wżati skont il-provvedimenti tad-Digriet Governattiv.

Riżervi applikabbli fir-Repubblika Slovakka

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizz legali
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Parti minn CPC 861
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	L-Att 586/2003 dwar l-Avukatura, l-Artikolu 2, 12
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Hija meħtieġa ammissjoni sħiħa għall-Avukatura għall-prattika ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi Slovakka, inkluża rappreżentanza quddiem il-qrati. Hija meħtieġa r-residenza (preżenza kummerċjali) sabiex tinkiseb ammissjoni sħiħa għall-Avukatura. Għall-provvista ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi Slovakka, tista' tkun meħtieġa preżenza kummerċjali li għandha tieħu waħda mill-forom legali li huma permessi bil-liġi nazzjonali fuq bażi mhux diskriminatorja. Xi tipi ta' forma legali jistgħu jiġu riżervati esklużivament għal avukati li jkunu ammessi għall-avukatura, ukoll fuq bażi mhux diskriminatorja. Biss iċ-ċittadini ta' Stat Membru taż-ŻEE jew tal-Konfederazzjoni Żvizzera jistgħu jiġu ammessi għall-Avukatura, u huma għalhekk intitolati sabiex jipprovdu servizzi legali fir-rigward tal-liġi Slovakka.
Settur:	Estrazzjoni u xogħol fil-barrieri
Sottosettur:	

Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 10, ISIC rev 3.1 11, ISIC rev 3.1 12, ISIC rev 3.1 13, ISIC rev 3.1 14, CPC 7131
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	L-Att 51/1988 dwar l-Estrazzjoni, l-Artikolu 4a L-Att 313/1999 dwar l-Attività Ġeoloġika, l-Artikolu 5
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Għall-estrazzjoni, l-attivitajiet relatati mal-estrazzjoni u mal-attività ġeoloġika, l-inkorporazzjoni fi Stat Membru tal-UE jew fi Stat Membru taż-ŻEE hija meħtieġa (ebda fergħat).
Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi tal-awditjar
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 86211, CPC86212 barra minn servizzi tal-kontabilità
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	L-Att Nru 540/2007 dwar l-Awdituri, l-Artikoli 3, 4, 5
Deskrizzjoni:	**Investiment** Intrapriża biss li fiha tal-inqas 60 fil-mija tal-interessi kapitali jew tad-drittijiet tal-vot tagħha jkunu riżervati għal ċittadin jew ċittadini Slovakki jew ta' Stat Membru tal-UE tista' tkun awtorizzata twettaq awditi fir-Repubblika Slovakka.

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi arkitetturali Servizzi tal-ippjanar urban u tal-pajsaġġ arkitetturali Servizzi tal-inġinerija Servizzi tal-inġinerija integrata
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 8671, CPC 8672, CPC 8673, CPC 8674
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	L-Att 138/1992 dwar il-Periti u l-Inġiniera, l-Artikoli 3, 15, 15a, 17a, 18a
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Għall-provvista ta' dawn is-servizzi minn persuna fiżika preżenti fit-territorju tar-Repubblika Slovakka, is-sħubija fil-Kamra Slovakka tal-Periti jew il-Kamra Slovakka tal-Inġiniera hija obbligatorja. Ir-residenza Slovakka hija meħtieġa għas-sħubija.

Settur:	Servizzi tas-saħħa
Sottosettur:	Servizzi veterinarji
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 932
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	L-Att 442/2004 dwar it-Tobba Veterinarji Privati, l-Artikolu 2

Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Is-sħubija obbligatorja fil-Kamra Slovakka tat-Tobba Veterinarji. Ir-residenza fir-Repubblika Slovakka hija meħtieġa għas-sħubija. L-aċċess huwa ristrett għal persuni fiżiċi biss.
Settur:	Distribuzzjoni
Sottosettur:	Bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi, mediċinali u ortopediċi.
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 63211
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	L-Att 140/1998 dwar id-drogi u l-apparati mediċi, l-Artikolu. 35a L-Att 578/2004 dwar il-forniturи tal-kura tas-saħħa, l-impjegati mediċi, l-organizzazzjoni professjonali
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Ir-residenza hija meħtieġa sabiex tinkiseb liċenzja bħala spiżjar jew għall-ftuħ ta' spiżerija għall-bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi u xi prodotti mediċinali lill-pubbliku.
Settur:	Servizzi edukattivi
Sottosettur:	Servizzi ta' edukazzjoni għolja
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 92
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali

Miżuri:	Il-Liġi Nru 131 tal-21 ta' Frar 2002 dwar l-Edukazzjoni Għolja u t-Tibdiliet u l-Addizzjonijiet għal Uħud mil-Liġijiet
Deskrizzjoni:	**Investiment** L-istabbiliment fi Stat Membru tal-UE huwa meħtieġ għall-applikazzjoni għal approvazzjoni tal-istat sabiex jopera bħala istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja ffinanzjata privatament. Din ir-riżerva ma tapplikax għal servizzi ta' edukazzjoni teknika sekondarja u edukazzjoni vokazzjonali.
Settur:	Servizzi ambjentali
Sottosettur:	L-ipproċessar u r-riċiklaġġ ta' batteriji u akkumulaturi użati, żjut użati, karozzi użati u skart minn tagħmir elettriku u elettroniku
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Parti minn CPC 9402
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	L-Att 223/2001 dwar l-Iskart
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Għall-ipproċessar u r-riċiklaġġ ta' batteriji u akkumulaturi użati, żjut użati, karozzi użati u skart minn tagħmir elettriku u elettroniku, l-inkorporazzjoni fi Stat Membru tal-UE jew Stat Membru taż-ŻEE hija meħtieġa (rekwiżit ta' residenza).
Settur:	Servizzi tas-saħħa
Sottosettur:	Is-servizzi mediċi u dentali, is-servizzi ta' qbiela, infermiera, fiżjoterapewtiċi u paramediċi.

Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 9312, CPC 9319
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Servizzi tas-saħħa
Miżuri:	L-Att 576/2004 dwar it-Trattament tas-Saħħa L-Att 578/2004 dwar il-forniturі tal-kura tas-saħħa, l-impjegati mediċi, l-organizzazzjoni professjonali
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Is-servizzi jistgħu jiġu pprovduti biss minn persuni fiżiċi.
Settur:	Sajd Trasport
Sottosettur:	L-attività marina kummerċjali mwettqa minn bastiment tal-baħar, inkluż is-sajd, l-akkwakultura u servizzi inċidentali għas-sajd Servizzi ta' trasport (passiġġieri u merkanzija) minn bastimenti tal-baħar Servizzi ta' pilotaġġ u rmiġġ Servizzi ta' salvataġġ u varar mill-ġdid Servizzi oħra ta' sostenn għal trasport bl-ilma Kostruzzjoni għal passaġġi fuq l-ilma, portijiet, digi u xogħlijiet oħra fuq l-ilma
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 0501, ISIC rev 3.1 0502, CPC 5133, CPC 5223, CPC 721, CPC 74520, CPC 74540, CPC 74590, CPC 882
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq Obbligi
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali

Miżuri:	L-Att 435/2000 dwar in-Navigazzjoni Marittima, l-Artikolu 10
Deskrizzjoni:	**Servizzi ta' Investiment u ta' Trasport Marittimu Internazzjonali** Fir-Repubblika Slovakka, sabiex jiġi rreġistrat bastiment fir-reġistru nazzjonali tal-bastimenti, il-persuni ġuridiċi jridu jkunu stabbiliti fir-Repubblika Slovakka u l-persuni fiżiċi jridu jkunu ċittadini tar-Repubblika Slovakka u b'residenza permanenti fir-Repubblika Slovakka.

Riżervi applikabbli fis-Slovenja

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi legali
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Parti minn CPC 861
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Zakon o odvetništvu (Neuradno prečiščeno besedilo-ZOdv-NPB2 Državnega Zbora RS z dne 21.5.2009 (Attorneys Act) test konsolidat mhux uffiċjali mħejji mill-Parlament Sloven mill-21.5.2009)
Deskrizzjoni:	**Investiment** Il-preżenza kummerċjali għal avukati maħtura mill-Assoċjazzjoni tal-Avukatura Slovena hija ristretta għal impriża individwali, ditta legali b'responsabilità limitata (soċjetà) jew għal ditta legali b'responsabilità illimitata (soċjetà) biss. L-attivitajiet ta' ditta legali jkunu ristretti għall-prattika tal-liġi. L-avukati biss jistgħu jkunu sieħba f'ditta legali.
Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi ta' kontabilità u żamma tal-kotba Servizzi tal-awditjar
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 86211, CPC 86212, CPC 86213, CPC 86219, CPC 86220
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq

Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Zakon o revidiranju (Zrev-2 Uradni list RS,št.65/2008), (L-Att dwar l-Awditjar – Gazzetta Uffiċjali RS Nru 65/2008)
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Il-preżenza kummerċjali hija meħtieġa.
Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi ta' proprjetà immobbli
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 821, CPC 822
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq It-trattament l-aktar favorit tal-pajjiż
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	L-Att dwar l-Aġenziji tal-Proprjetà Immobbli
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Safejn il-Kanada u l-provinċji u t-territorji tagħha jippermettu liċ-ċittadini u l-intrapriżi Sloveni biex jipprovdu servizzi ta' aġenti tal-proprjetà immobbli, is-Slovenja tippermetti liċ-ċittadini u l-intrapriżi tal-Kanada biex jipprovdu servizzi ta' aġenti tal-proprjetà immobbli abbażi tal-istess kundizzjonijiet, apparti mill-issodisfar tar-rekwiżiti li ġejjin: l-intitolament li jaġixxu bħala aġent tal-proprjetà immobbli fil-pajjiż ta' oriġini, is-sottomissjoni tad-dokumentazzjoni rilevanti dwar l-impunità fil-proċeduri kriminali, u r-reġistrazzjoni fir-reġistru tal-aġenti tal-proprjetà immobbli fil-ministeru (Sloven) kompetenti.

Settur:	Distribuzzjoni
Sottosettur:	Bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi, mediċinali u ortopediċi.
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 63211
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Il-Liġi dwar l-Attivitajiet ta' Spiżerija (Gazzetta Uffiċjali Nru 36/2004), l-Artikoli 2, 6–8, 13–14 L-Att dwar il-Prodotti Mediċinali (Gazzetta Uffiċjali tar-RS, Nri. 31/06, 45/08), l-Artikoli 17, 21, 74, 79, 81
Deskrizzjoni:	**Investiment** L-attività ta' spiżerija tista' titwettaq fuq il-bażi ta' konċessjonijiet minn persuni privati mogħtija mill-awtorità amministrattiva kompetenti tal-komun jew tal-muniċipalità bil-ftehim mal-Ministeru tas-Saħħa, wara l-opinjoni minn qabel tal-Kamra tal-Ispiżeriji u l-Istitut għal Assigurazzjoni tas-Saħħa tas-Slovenja.

Settur:	Servizzi edukattivi
Sottosettur:	Servizzi ta' edukazzjoni bażika
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 921
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	L-Att dwar l-Organizzazzjoni u l-Finanzjament tal-Edukazzjoni (Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika tas-Slovenja, Nru 12/1996) u r-reviżjonijiet tiegħu, l-Artikolu 40

Deskrizzjoni:	**Investiment**
	L-iskejjel elementari ffinanzjati privatament jistgħu jiġu stabbiliti minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi Sloveni biss.
	Il-fornitur tas-servizzi jrid jistabbilixxi uffiċċju reġistrat jew uffiċċju tal-fergħa.
Settur:	Servizzi tas-saħħa u servizzi soċjali
Sottosettur:	Servizzi marbuta mas-saħħa umana
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 931
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Il-Liġi dwar is-Servizzi tas-Saħħa, Gazzetta Uffiċjali tar-RS, Nru 23/2005), l-Artikoli 1,3, 62-64
	L-Att dwar it-Trattament tal-Infertilità u l-Proċeduri tal-Prokreazzjoni Biomedika Assistita, Gazzetta Uffiċjali tar-RS, Nru 70/00, l-Artikoli 15 u 16
Deskrizzjoni:	**Investiment**
	Il-monopolju tal-Istat huwa riżervat għas-servizzi li ġejjin:
	Il-provvista tad-demm, il-preparazzjonijiet tad-demm, it-tneħħija u ż-żamma tal-organi umani għal trapjanti, servizzi soċjo-mediċi, servizzi ta' iġjene, servizzi epidemjoloġiċi u servizzi tas-saħħa ekoloġiċi, servizzi ta' patoloġija u ta' anatomija u prokreazzjoni biomedika assistita.

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Servizzi bankarji u finanzjarji oħra (bl-esklużjoni tal-assigurazzjoni)
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	L-Att dwar l-Assigurazzjoni tal-Pensjoni u tal-Invalidità (Gazzetta Uffiċjali Nru 109/2006), l-Artikolu 306
Deskrizzjoni:	**Servizzi Finanzjarji** Skema tal-pensjoni tista' tiġi pprovduta permezz ta' fond ta’ pensjoni reċiproka (li mhijiex entità ġuridika u li hija għalhekk immaniġjata minn kumpanija tal-assigurazzjoni, bank jew kumpanija tal-pensjoni), kumpanija tal-pensjoni jew kumpanija tal-assigurazzjoni. B'mod addizzjonali, skema tal-pensjoni tista' ukoll tkun offerta minn forniturі ta' skema tal-pensjoni stabbiliti f'konformità mar-regolamenti applikabbli fi Stat Membru tal-UE.

Settur:	Servizzi ta' enerġija
Sottosettur:	Trasport bil-pajp ta' fjuwil Il-ħżin u l-magażinaġġ ta' fjuwil ittrasportat bil-pajpijiet
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 7131, parti minn CPC 742
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Energetski zakon (l-Att Enerġetiku), Gazzetta Uffiċjali RS, Nru 27/07 - test konsolidat, 70/80, 22/2010

Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Hemm bżonn ta' liċenzja għall-eżerċizzju tal-produzzjoni, in-negozjar u d-distribuzzjoni ta' fjuwil likwidu, l-ipproċessar taż-żejt u ta' prodotti taż-żejt mhux maħdum, it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-enerġija u l-fjuwil permezz ta' netwerks, il-ħżin ta' likwidu gassuż u fjuwil solidu, il-provvista tal-elettriku, gass jew sħana, l-operazzjoni tas-suq tal-elettriku jew tal-gass naturali, u r-rappreżentanza u l-intermedjazzjoni fis-swieq tal-elettriku u tal-gass naturali. Dawn l-attivitajiet huma suġġetti għal reġistrazzjoni, li hija kundizzjoni għal stabbiliment fis-Slovenja.
Settur:	Sajd Trasport
Sottosettur:	L-attività marina kummerċjali mwettqa minn bastiment tal-baħar, inkluż is-sajd, l-akkwakultura u servizzi inċidentali għas-sajd Servizzi ta' trasport (passiġġieri u merkanzija) minn bastimenti tal-baħar Servizzi ta' pilotaġġ u rmiġġ Servizzi ta' salvataġġ u varar mill-ġdid Servizzi oħra ta' sostenn għal trasport bl-ilma Kostruzzjoni għal passaġġi fuq l-ilma, portijiet, digi u xogħlijiet oħra fuq l-ilma
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 0501, ISIC rev 3.1 0502, CPC 5133, CPC5223, CPC 721, CPC 74520, CPC 74540, CPC 74590, CPC 882
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq Obbligi
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	L-Artikolu 210 tal-Kodiċi Marittimu

Deskrizzjoni:

Investiment, Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi u Servizzi tat-Trasport Marittimu Internazzjonali

Il-bastimenti tal-baħar mhux kummerċjali jistgħu jkunu reġistrati biex itajru l-bandiera Slovena jekk:

(a) aktar min-nofs il-bastiment jappartjeni liċ-ċittadini tar-Repubblika tas-Slovenja, iċ-ċittadini ta' Stat Membru tal-UE jew lil persuni ġuridiċi li għandhom il-kwartieri ġenerali tagħhom fis-Slovenja jew fi Stat Membru tal-UE; jew

(b) aktar min-nofs il-bastiment jappartjeni lil nonċittadin ta' Stat Membru tal-UE u l-operatur tal-bastiment jikkwalifika bħala wieħed mill-persuni deskritti fil-paragrafu preċedenti, bil-kunsens ta' sid il-bastiment.

Jekk il-proprjetarju jew il-koproprjetarju mhuwiex ċittadin tas-Slovenja jew persuna ġuridika li għandhom il-kwartieri ġenerali tagħhom fis-Slovenja, jeħtieġ li rappreżentant awtorizzat jiġi maħtur sabiex jaċċetta n-notifika ta' rikorsi ġudizzjarji u ġuramentati, qabel ma' jiġi rreġistrat il-bastiment. L-awtorizzazzjoni trid tiġi kkomunikata lill-awtorità kompetenti, risponsabbli miż-żamma tar-reġistru.

Il-bastimenti nukleari ma jistgħux ikunu reġistrati.

Riżervi applikabbli fi Spanja

Settur:	Setturi kollha
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Id-Digriet Amministrattiv 664/1999 tat-23 ta' April 1999 dwar l-investiment barra.
Deskrizzjoni:	**Investiment** L-investiment barra f'attivitajiet relatati direttament mal-investimenti barra ta' proprjetà immobbli għal missjonijiet diplomatiċi mll-Istati li mhumiex membri tal-UE jeħtieġu awtorizzazzjoni amministrattiva mill-Kunsill Spanjol tal-Ministri, sakemm ma hemmx ftehim ta' liberalizzazzjoni reċiproka fis-seħħ.

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizz legali
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Parti minn CPC 861
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali

Miżuri:	Estatuto General de la Abogacía Española, aprobado por Real Decreto 658/2001, art. 13.1ª
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Hija meħtieġa ammissjoni sħiħa għall-avukatura għall-prattika ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi tal-UE u l-liġi ta' Stat Membru tal-UE, inkluża rappreżentanza quddiem il-qrati. Biss iċ-ċittadini ta' Stat Membru taż-ŻEE jew tal-Konfederazzjoni Żvizzera jistgħu jiġu ammessi għall-Avukatura, u huma għalhekk intitolati sabiex jipprovdu servizzi legali fir-rigward tal-liġi domestika. Għall-provvista ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi tal-UE u l-liġi ta' Stat Membru tal-UE, tista' tkun meħtieġa preżenza kummerċjali li għandha tieħu waħda mill-forom legali li huma permessi bil-liġi nazzjonali fuq bażi mhux diskriminatorja. Xi tipi ta' forma legali jistgħu jiġu riżervati esklużivament għal avukati li jkunu ammessi għall-avukatura, ukoll fuq bażi mhux diskriminatorja.
Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi tal-awditjar
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 86211, CPC 86212 barra minn servizzi tal-kontabilità
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Real Decreto Legislativo 1/2011 de 1 de julio por el que se aprueba el texto refundido de la Ley de Auditoria de Cuentas, l-Artikoli 8.1, 8.2.c, 9.2, 9.3,10.1

Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** L-awdituri statutorji huma suġġetti għall-kundizzjoni ta' nazzjonalità ta' Stat Membru tal-UE. Din ir-riżerva ma tapplikax għall-awditjar ta' kumpaniji mhux tal-UE elenkati f'suq regolat Spanjol.
Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Avukat dwar il-proprjetà intellettwali
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Parti minn CPC 861
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Ley 11/1986, de 20 de marzo, de Patentes de Invención y Modelos de utilidad, l-Artikoli 155-157
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** L-avukati tal-proprjetà industrijali huma suġġetti għall-kundizzjoni ta' nazzjonalità ta' Stat Membru tal-UE.
Settur:	Servizzi tas-saħħa
Sottosettur:	Servizzi veterinarji
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 932
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq

Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Real Decreto 1840/2000. Estatutos Generales de la Organización Colegial Veterinaria Española (Statut tal-Assoċjazzjoni Veterinarja ta' Spanja), l-Artikoli 62, 64
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Is-sħubija f'assoċjazzjoni professjonali hija obbligatorja u suġġetta għall-kundizzjoni ta' nazzjonalità ta' Stat Membru tal-UE, li tista' titneħħa permezz ta' ftehim professjonali bilaterali.
Settur:	Distribuzzjoni
Sottosettur:	Bejgħ bl-imnut tat-tabakk
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 63108
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Ley 13/1998 de 4 de Mayo de Ordenación del Mercado de Tabacos y Normativa Tributaria, art. 4
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Il-monopolju tal-istat fuq il-bejgħ bl-imnut tat-tabakk. L-istabbiliment huwa suġġett għar-rekwiżit tan-nazzjonalità ta' Stat Membru tal-UE.
Settur:	Distribuzzjoni
Sottosettur:	Bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi, mediċinali u ortopediċi.
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 63211

Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Ley 16/1997, de 25 de abril, de regulación de servicios de las oficinas de farmacia (il-Liġi 16/1997, tal-25 ta' April dwar is-servizzi fl-ispiżeriji), lArtikoli 2, 3.1
Deskrizzjoni:	**Investiment** Il-persuni fiżiċi biss huma permessi li jipprovdu servizzi bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi u prodotti mediċinali speċifiċi lill-pubbliku. L-awtorizzazzjoni ta’ stabbiliment hija suġġetta għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: kundizzjonijiet ta' densità fiż-żona.
Settur:	Servizzi edukattivi
Sottosettur:	Servizzi ta' edukazzjoni għolja
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 923
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Ley Orgánica 6/2001, de 21 de Diciembre, de Universidades. (Il-Liġi 6/2001 tal-21 ta' Diċembru, dwar l-Universitajiet), l-Artikolu 4
Deskrizzjoni:	**Investiment** Hija meħtieġa awtorizzazzjoni sabiex tinfetaħ università ffinanzjata privatament li toħroġ diplomi jew lawrji rikonoxxuti; il-proċedura tinvolvi l-kisba tal-pariri tal-Parlament. Jiġi applikat test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, il-kriterji ewlenin huma d-daqs tal-popolazzjoni u d-densità ta' stabbilimenti eżistenti.

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Real Decreto Legislativo 6/2004, de 29 de octubre, por el que se aprueba el texto refundido de la Ley de ordenación y supervisión de los seguros privados (Il-Liġi dwar ir-regolament u s-sorveljanza ta' assigurazzjoni privata)
Deskrizzjoni:	**Servizzi Finanzjarji** Qabel ma jistabbilixxi fergħa jew aġenzija fi Spanja sabiex jipprovdi xi klassijiet ta' assigurazzjoni, assiguratur barrani jrid ikun ġie awtorizzat sabiex jopera fl-istess klassijiet ta' assigurazzjoni fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu għal tal-inqas ħames snin.

Settur:	It-turiżmu u s-servizzi relatati mal-ivvjaġġar
Sottosettur:	Servizzi ta' gwidi turistiċi
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 7472
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Reġjonali (Sottofederali)

Miżuri:

Andalucía

Decreto 80/2010, de 30 de marzo, de simplificación de trámites administrativos y de modificación de diversos Decretos para su adaptación al Decreto-ley 3/2009, de 22 de diciembre, por el que se modifican diversas Leyes para la transposición en Andalucía de la Directiva relativa a los Servicios en el Mercado Interior, art 3.5

Aragón

Decreto 264/2007, de 23 de octubre, del Gobierno de Aragón, por el que se aprueba el Reglamento de Guías de Turismo, art. 13

Cantabria

Decreto 51/2001, de 24 de julio, art. 4, por el que se modifica el Decreto 32/1997, de 25 de abril, por el que se aprueba el reglamento para el ejercicio de actividades turístico-informativas privadas

Castilla y León

Decreto 25/2000, de 10 de febrero, por el que se modifica el Decreto 101/1995, de 25 de mayo, por el que se regula la profesión de guía de turismo de la Comunidad Autónoma de Castilla y León.

Castilla la Mancha

Decreto 96/2006, de 17 de julio, de Ordenación de las Profesiones Turísticas.

Cataluña

Decreto Legislativo 3/2010, de 5 de octubre, para la adecuación de normas con rango de ley a la Directiva 2006/123/CE, del Parlamento y del Consejo, de 12 de diciembre de 2006, relativa a los servicios en el mercado interior, art. 88.

Comunidad de Madrid

Decreto 84/2006, de 26 de octubre del Consejo de Gobierno, por el que se modifica el Decreto 47/1996, de 28 de Marzo.

Comunidad Valenciana

Decreto 90/2010, de 21 de mayo, del Consell, por el que se modifica el reglamento regulador de la profesión de guía de turismo en el ámbito territorial de la Comunitat Valenciana, aprobado por el Decreto 62/1996, de 25 de marzo, del Consell.

Extremadura

Decreto 43/2000, de 22 de febrero, por el que se modifica el Decreto 12/1996, de 6 de febrero, por el que se aprueba el reglamento de la actividad profesional de Guía Turístico

Galicia

Decreto 42/2001, de 1 de febrero, de Refundición en materia de agencias de viajes, guias de turismo y turismo activo.

Illes Balears

Decreto 136/2000, de 22 de septiembre, por el cual se modifica el Decreto 112/1996, de 21 de junio, por el que se regula la habilitación de guía turístico en las Islas Baleares.

Islas Canarias

Decreto 13/2010, de 11 de febrero, por el que se regula el acceso y ejercicio de la profesión de guía de turismo en la Comunidad Autónoma de Canarias, art 5

La Rioja

Decreto 20/2000, de 28 de abril, de modificación del Decreto 27/1997, de 30 de abril, por el que se aprueba el Reglamento regulador de la profesión de Guías de Turismo.

Navarra

Decreto 125/95, de 20 de mayo, por el que se regula la profesión de guias de turismo en Navarra.

Principado de Asturias

Decreto 59/2007, de 24 de mayo, por el que se aprueba el Reglamento regulador de la profesión de Guía de Turismo en el Principado de Asturias.

Región de Murcia

Decreto n.º 37/2011, de 8 de abril, por el que se modifican diversos decretos en materia de turismo para su adaptación a la ley 11/1997, de 12 de diciembre, de turismo de la Región de Murcia tras su modificación por la ley 12/2009, de 11 de diciembre, por la que se modifican diversas leyes para su adaptación a la directiva 2006/123/CE, del Parlamento Europeo y del Consejo de 12 de diciembre de 2006, relativa a los servicios en el mercado interior (los guías podrían ser extranjeros si tienen homologación de las titulaciones requeridas)

Deskrizzjoni: **Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi**

Ir-rekwiżit tan-nazzjonalità ta' Stat Membru tal-UE huwa meħtieġ għall-provvista ta' servizzi ta' gwidi turistiċi.

Settur: Sajd, trasport

Sottosettur: L-attività marina kummerċjali mwettqa minn bastiment tal-baħar, inkluż is-sajd, l-akkwakultura u servizzi inċidentali għas-sajd

Servizzi ta' trasport (passiġġieri u merkanzija) minn bastimenti tal-baħar

Servizzi ta' pilotaġġ u rmiġġ

Servizzi ta' salvataġġ u varar mill-ġdid

Servizzi oħra ta' sostenn għal trasport bl-ilma

Kostruzzjoni għal passaġġi fuq l-ilma, portijiet, digi u xogħlijiet oħra fuq l-ilma

Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 0501, ISIC rev 3.10502, CPC 5133, CPC5223, CPC 721, CPC 74520, CPC 74540, CPC 74590, CPC 882
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq Obbligi
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Il-Liġi tal-Portijiet u t-Trasport Marittimu (id-Digriet Leġiżlattiv Rjali 2/2011) l-Artikoli 251, 252, 253, u d-Dispożizzjoni Addizzjonali nru 16 inċiż 4.a) kif ukoll l-Artikolu 6, fid-Digriet Amministrattiv 1516/2007 dwar ir-reġim legali tal-kabotaġġ u n-navigazzjoni marittima ta' interess pubbliku
Deskrizzjoni:	**Servizzi ta' Investiment u ta' Trasport Marittimu Internazzjonali** Sabiex jirreġistra bastiment fir-reġistru nazzjonali ta' Spanja u biex itajjar il-bandiera nazzjonali, is-sid ta' dak il-bastiment jew il-persuna li għandha pussess esklużiva ta' dak il-bastiment irid ikun Spanjol jew stabbilit fi Spanja jew inkorporat fi Stat Membru ieħor tal-UE. Sabiex jirreġistra bastiment fir-Reġistru Speċjali, is-sid tal-kumpanija jrid ikun stabbilit fil-Gżejjer Kanarji.

Riżervi applikabbli fl-Iżvezja

Settur:	Setturi kollha
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Lag om utländska filialer m.m (L-Att dwar il-Fergħat tal-Uffiċċji Barranin) (1992:160) Aktiebolagslagen (L-Att dwar il-Kumpaniji) (2005:551), L-Att dwar l-Assoċjazzjonijiet Ekonomiċi tal-Kooperattivi (1987:667) L-Att dwar il-Gruppi Ewropej b'Interess Ekonomiku (1994:1927)

Deskrizzjoni: **Investiment**

Kumpanija barranija, li ma stabbilixitx entità ġuridika fl-Iżvezja jew qedha teżerċita n-negozju tagħha permezz ta' aġent kummerċjali, għandha twettaq l-operazzjonijiet kummerċjali tagħha permezz ta' fergħa, irreġistrata fl-Iżvezja, b'maniġment indipendenti u kontijiet separati. Id-direttur maniġerjali u l-viċi direttur maniġerjali jekk maħtura, tal-fergħa, iridu jkunu residenti fiż-ŻEE. Persuna fiżika li mhix residenti fiż-ŻEE, li tagħmel operazzjonijiet kummerċjali fl-Iżvezja, għandha taħtar u tirreġistra rappreżentant residenti responsabbli mill-operazzjonijiet fl-Iżvezja. Għandhom jinżammu kontijiet separati għall-operazzjonijiet fl-Iżvezja. L-awtorità kompetenti tista' f'każijiet individwali tagħti eżenzjonijiet mir-rekwiżiti tal-fergħa u tar-residenza. Proġetti ta’ bini b’dewmien ta’ inqas minn sena - imwettqa minn kumpanija jew minn persuna fiżika li toqgħod barra miż-ŻEE - huma eżenti mir-rekwiżiti ta’ stabbiliment ta’ fergħa jew il-ħatra ta’ rappreżentattiv residenti.

Kumpanija b’responsabbiltà limitata Żvediża tista’ tiġi stabbilita minn persuna fiżika residenti fiż-ŻEE, permezz ta’ persuna ġuridika Żvediża jew minn persuna ġuridika li tkun ġiet stabbilita skont il-leġiżlazzjoni fi stat fiż-ŻEE u li għandha l-uffiċċju reġistrat tagħha, il-kwartieri ġenerali jew il-post ewlieni ta’ negozju tagħha fiż-ŻEE. Sħubija tista’ tkun fundatur, biss jekk is-sidien kollha b’responsabbiltà personali llimitata huma residenti fiż-ŻEE. Il-fundaturi barra miż-ŻEE jistgħu japplikaw għal permess mill-awtorità kompetenti.

	Għal kumpaniji b’responsabbiltà limitata u assoċjazzjonijiet ekonomiċi tal-kooperattivi, mill-inqas 50 % tal-membri tal-bord tad-diretturi, mill-inqas 50 % tal-membri tal-bord tad-deputati, id-direttur maniġerjali, il-viċi direttur maniġerjali u mill-inqas waħda mill-persuni awtorizzati biex jiffirmaw għall-kumpanija, jekk hemm, iridu jkunu residenti fiż-ŻEE. L-awtorità kompetenti tista’ tagħti eżenzjonijiet minn dan ir-rekwiżit. Jekk ħadd mir-rappreżentanzi tal-kumpanija jew tas-soċjetà ma jirrisjedu fl-Iżvezja, il-bord irid jaħtar u jirreġistra persuna residenti fl-Iżvezja, li tkun ġiet awtorizzata li tirċievi notifiki f'isem il-kumpanija jew is-soċjetà. Kundizzjonijiet korrispondenti jeżistu għall-istabbiliment ta’ kull tip ieħor ta’ entitajiet ġuridiċi.
Settur:	Trobbija tal-annimali
Sottosettur:	Trobbija tar-renni
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 014
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	L-Att dwar it-Trobbija tar-Renni (1971:437), para. 4
Deskrizzjoni:	**Investiment** Biss il-poplu Sami jista' jkollu fil-pussess tiegħu u jipprattika t-trobbija tar-renni.
Settur:	Sajd u akkwakultura
Sottosettur:	

Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 0501, ISIC rev 3.1 0502, CPC 882
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Il-Liġi Marittima (1994:1009) L-Att dwar is-Sajd (1993:787) Id-Digriet għas-sajd, l-akkwakultura u l-industrija tas-sajd (1994:1716) Ir-Regolamenti dwar is-Sajd tal-Bord Nazzjonali tas-Sajd (2004:25) Ir-Regolament dwar is-Sigurtà tal-Bastimenti (2003:438)
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Is-sajd professjonali huwa s-sajd b'liċenzja tas-sajd professjonali jew is-sajd minn sajjieda barranin li għandhom liċenzja speċifika biex jistadu professjonalment fl-ibħra territorjali Żvediżi jew fiż-żona ekonomika Żvediża. Liċenzja tas-sajd professjonali tista' tingħata lil sajjied li għalih is-sajd huwa essenzjali għall-għajxien tiegħu u meta s-sajd għandu konnessjoni mal-industrija tas-sajd Żvediża. Konnessjoni għall-industrija Żvediża tas-sajd tista' pereżempju tintwera jekk is-sajjied jiżbarka nofs il-qabda tiegħu fis-sena kalendarja (fil-valur) fl-Iżvezja, jekk nofs il-vjaġġi tas-sajd li jitilqu minn port Żvediż jew nofs is-sajjieda fil-flotta jkunu domiċiljati fl-Iżvezja. Għall-bastimenti 'l fuq minn ħames metri, hu meħtieġ permess ta' bastiment flimkien ma' liċenzja tas-sajd professjonali. Jingħata permess jekk, fost affarijiet oħra, il-bastiment ikun reġistrat fir-reġistru nazzjonali, il-bastiment ikollu konnessjoni ekonomika reali mal-Iżvezja, id-detentur tal-permess huwa sajjied b'liċenzja tas-sajd professjonali u jekk il-kmandant tal-bastiment huwa sajjied b'liċenzja tas-sajd professjonali.

	Il-kmandant ta' bastiment tas-sajd 'il fuq minn 20 tunnellaġġi grossi għandu jkun ċittadin ta’ Stat Membru taż-ŻEE. Jistgħu jingħataw eżenzjonijiet mill-Aġenzija ta' Trasport Żvediż. Bastiment jitqies Żvediż u jista’ itajjar il-bandiera Żvediża jekk aktar minn nofs huwa proprjetà ta’ ċittadini jew persuni ġuridiċi Żvediżi. Il-Gvern jista' iħalli l-bastimenti barranin itajru l-bandiera Żvediża fejn l-operazzjonijiet tagħhom huma taħt kontroll Żvediż jew is-sid jista' juri li għandu r-residenza permanenti tiegħu fl-Iżvezja. Il-bastimenti li huma 50 fil-mija kkontrollati minn ċittadini ta' Stat Membru taż-ŻEE jew kumpaniji li għandhom l-uffiċċju reġistrat, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negozju tagħhom fiż-ŻEE u li t-tħaddim tagħhom huwa kkontrollat mill-Iżvezja, jistgħu jiġu rreġistrati wkoll fir-reġistru Żvediż.
Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizz legali
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Parti minn CPC 861
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Rättegångsbalken (Il-Kodiċi Żvediż ta' Proċedura Ġudizzjarja) (1942:740) Il-Kodiċi ta' Kondotta tal-Assoċjazzjoni tal-Avukatura Żvediża ġie adottat fid-29 ta' Awwissu 2008

Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Għall-ammissjoni għall-Avukatura, li hija meħtieġa biss għall-użu tat-titolu Żvediż "*advokat*", ir-residenza fl-UE, fiż-ŻEE jew fil-Konfederazzjoni Żvizzera hija meħtieġa. Jistgħu jingħataw eżenzjonijiet mill-bord tal-Assoċjazzjoni tal-Avukatura Żvediża. L-ammissjoni għall-Avukatura mhijiex neċessarja għall-prattika tal-liġi domestika. Membru tal-Assoċjazzjoni tal-Avukatura Żvediża ma jistax jiġi impjegat minn ħaddieħor għajr membru tal-Avukatura jew kumpanija li twettaq in-negozju ta' membru tal-Avukatura. Madankollu, membru tal-Avukatura jista' jiġi impjegat minn kumpanija barranija li twettaq in-negozju ta' avukat, sakemm il-kumpanija inkwistjoni hija domiċiljata f'pajjiż fl-UE, iż-ŻEE jew il-Konfederazzjoni Żvizzera. Il-membri li jwettqu l-prattika tagħhom fil-forma ta' kumpanija jew soċjetà ma jistax ikollhom objettiv ieħor u ma jistgħux iwettqu kwalunkwe negozju ieħor għajr il-prattika ta' avukat. Il-kollaborazzjoni ma' negozji tal-avukati oħra hija permessa, madankollu, il-kollaborazzjoni ma' negozji barranin teħtieġ il-permissjoni mill-Bord tal-Assoċjazzjoni tal-Avukatura. Membru biss jista' direttament jew indirettament, jew permezz ta' kumpanija, jipprattika bħala avukat, jipposjedi ishma f'kumpanija jew ikun sieħeb. Membru biss jista' ikun membru jew deputat membru tal-bord jew deputat direttur maniġerjali, jew firmatarju jew sekretarju awtorizzat tal-kumpanija jew tas-soċjetà.
Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi tal-awditjar
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 86211, CPC86212 barra minn servizzi tal-kontabilità

Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Revisorslagen (L-Att dwar l-Awdituri) (2001:883) Revisionslag (L-Att dwar l-Awditjar) (1999:1079) Aktiebolagslagen (L-Att dwar il-Kumpaniji) (2005:551) Lag om ekonomiska föreningar (L-Att dwar l-Assoċjazzjonijiet Ekonomiċi tal-Kooperattivi) (1987:667) Oħrajn, dwar ir-rekwiżiti sabiex isir użu mill-awdituri approvati.
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Biss l-awdituri approvati fl-Iżvezja, l-awdituri awtorizzati u l-intrapriżi tal-awditjar irreġistrati jistgħu jwettqu servizzi ta' awditjar statutorju f'xi entitajiet ġuridiċi, inkluż fil-kumpaniji b'responsabbiltà limitata kollha, kif ukoll għal persuni fiżiċi. Biss l-awdituri approvati fl-Iżvezja, u intrapriżi pubbliċi ta' kontabilità reġistrati, jistgħu jkunu azzjonisti jew jistabbilixxu soċjetajiet f'kumpaniji li jipprattikaw awditjar ikkwalifikat (għal skopijiet uffiċjali). Ir-residenza fiż-ŻEE jew fil-Konfederazzjoni Żvizzera hija meħtieġa għall-approvazzjoni. It-titoli ta' "awditur approvat" u "awditur awtorizzat" jistgħu jintużaw biss minn awdituri approvati jew awtorizzati fl-Iżvezja. L-awdituri ta' assoċjazzjonijiet ekonomiċi tal-kooperattivi u xi intrapriżi oħra li mhumiex iċċertifikati jew kontabilisti approvati jridu jkunu residenti fiż-ŻEE, sakemm il-Gvern, jew awtorità tal-Gvern maħtura mill-Gvern, f'każ partikolari tippermetti mod ieħor.

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Il-kera jew il-lokazzjoni ta' vetturi mingħajr operaturi
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 831
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Lag (1998:424) om biluthyrning (L-Att dwar il-kera u l-lokazzjoni ta' vetturi)
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Il-forniturи ta’ servizzi tal-kera jew tal-lokazzjoni tal-karozzi u ta’ ċerti vetturi off-road (terrängmotorfordon) mingħajr xufier, mikrija jew leased għal perjodu ta’ inqas minn sena, huma obbligati jaħtru lil xi ħadd biex ikun responsabbli, fost l-oħrajn, biex jiżgura li n-negozju jsir skont ir-regoli u r-regolamenti applikabbli u li jiġu segwiti r-regoli tas-sikurezza tat-traffiku fit-triq. Il-persuna responsabbli trid tkun residenti fl-Iżvezja.

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Il-kera jew il-lokazzjoni ta' servizzi mingħajr operaturi Il-kera jew il-lokazzjoni ta' bastimenti
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 83103
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Sjölagen (Il-Liġi Marittima) (1994:1009), Kapitolu 1, § 1

Deskrizzjoni:	**Investiment** Sabiex tittajjar il-bandiera Żvediża trid tintwera evidenza ta’ influwenza operattiva ewlenija Żvediża f’każ ta’ interessi ta’ sjieda barranija fil-bastimenti. L-influwenza ewlenija Żvediża tfisser sehem kbir proporzjonali ta' sjieda Żvediża fil-bastiment, u li l-operazzjoni tal-bastiment tinsab fl-Iżvezja. Il-bastimenti barranin jistgħu jingħataw eżenzjoni minn din ir-regola meta huma jkunu mikrija jew leased minn persuni ġuridiċi Żvediżi permezz ta' kuntratti ta' kera ta' bastiment mingħajr ekwipaġġ. Sabiex jingħata eżenzjoni, il-kuntratt ta' kera ta' bastiment mingħajr ekwipaġġ irid jiġi pprovdut lill-Amministrazzjoni Marittima Żvediża u jintwera li l-kerrej jieħu responsabbiltà sħiħa għall-operazzjoni u l-ekwipaġġ tal-bastiment mikri jew leased. Id-durata tal-kuntratt għandha tkun tal-inqas sena jew sentejn.
Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi tan-negozju oħra
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 87909
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Il-Liġi dwar is-soċjetajiet kooperattivi tal-bini (1991:614)
Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Il-pjan ekonomiku għal soċjetà tal-bini jrid ikun ċertifikat minn żewġ persuni. Dawn il-persuni jridu jkunu approvati pubblikament mill-awtoritajiet fiż-ŻEE.

Settur:	Servizzi tan-negozju oħra n.e.c.
Sottosettur:	Stabbilimenti tar-rahan
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Parti minn CPC 87909
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	L-ATT DWAR L-ISTABBILIMENTI TAR-RAHAN (1995:1000)
Deskrizzjoni:	**Investiment** L-istabbilimenti tar-rahan iridu jkunu stabbiliti bħala kumpanija b'responsabbiltà limitata jew bħala fergħa.

Settur:	Servizzi ta' distribuzzjoni
Sottosettur:	Servizzi ta' bejgħ bl-imnut
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Parti minn CPC 631, parti minn CPC 6322
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	L-Att dwar l-Alkoħol (2010:1622)
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Systembolaget AB għandha monopolju governattiv fuq il-bejgħ bl-imnut ta' likur, inbid u birra (barra mill-birra mhux alkoħolika). Ix-xarbiet alkoħoliċi huma xarbiet b'kontenut tal-alkoħol 'il fuq minn 2,25 fil-mija għal kull volum. Għall-birra, il-limitu huwa kontenut tal-alkoħol 'il fuq minn 3,5 fil-mija għal kull volum.

Settur:	Stampar u pubblikazzjoni
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 22, CPC 88442
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	L-Att dwar il-Libertà tal-Istampa (1949:105) Il-Liġi Fundamentali dwar il-Libertà tal-Espressjoni (1991:1469) L-Att dwar id-digrieti għall-Att dwar il-Libertà tal-Istampa u l-Liġi Fundamentali dwar il-Libertà tal-Espressjoni (1991:1559)
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Il-persuna fiżiċi li huma proprjetarji ta' rivisti li huma stampati u ppubblikati fl-Iżvezja jridu jkollhom ir-residenza tagħhom fl-Iżvezja jew ikunu ċittadini ta’ Stat Membru taż-ŻEE. Il-proprjetarji tat-tali rivisti li huma persuni ġuridiċi jridu jkunu stabbiliti fiż-ŻEE. Ir-rivisti li huma stampati u ppubblikati fl-Iżvezja, u r-reġistrazzjonijiet tekniċi jrid ikollhom editur responsabbli, li jrid ikun domiċiljat fl-Iżvezja.

Settur:	Servizzi ambjentali
Sottosettur:	Il-ħarsien tal-arja u l-klima ambjentali
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 9404
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	L-Att dwar il-Vetturi (2002:574)

Deskrizzjoni:	**Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** L-entitajiet biss stabbiliti fl-Iżvezja jew li għandhom s-sede prinċipali tagħhom fl-Iżvezja huma eliġibbli għal akkreditament sabiex iwettqu servizzi ta' kontroll ta' gass tal-egżost.
Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Lag om försäkringsförmedling (L-Att dwar il-Medjazzjoni fl-Assigurazzjoni) (2005:405), Kapitolu 3, § 2
Deskrizzjoni:	**Servizzi Finanzjarji** L-intrapriżi ta' medjazzjoni fl-assigurazzjoni li mhumiex inkorporati fl-Iżvezja jistgħu jistabbilixxu ruħhom biss permezz ta' fergħa.
Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Provvista transfruntiera ta' servizzi finanzjarji
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	L-Att dwar in-Negozju tal-Assiguraturi Barranin fl-Iżvezja (1998:293)

Deskrizzjoni:	**Servizzi Finanzjarji** Il-provvista ta’ assigurazzjoni diretta tista’ ssir biss permezz ta’ fornitur tas-servizz tal-assigurazzjoni awtorizzat fl-Iżvezja, sakemm il-fornitur barrani tas-servizzi u l-kumpanija Żvediża tal-assigurazzjoni jagħmlu parti mill-istess grupp ta’ kumpaniji jew għandhom ftehim ta’ kooperazzjoni bejniethom.
Settur:	Servizzi Finanzjarji
Sottosettur:	Servizzi bankarji u finanzjarji oħra (bl-esklużjoni tal-assigurazzjoni)
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Sparbankslagen (L-Att dwar il-Banek tat-Tfaddil) (1987:619), Kapitolu 2, § 1, parti 2
Deskrizzjoni:	**Servizzi Finanzjarji** Fundatur ta' bank tat-tfaddil għandu jkun persuna fiżika residenti fi Stat Membru taż-ŻEE.
Settur:	Trasport
Sottosettur:	L-attività marina kummerċjali mwettqa minn bastiment tal-baħar barra mis-sajd u l-akkwakultura, iżda li tinkludi s-servizzi tat-trasport (passiġġieri u merkanzija) permezz ta' bastimenti tal-baħar. Servizzi ta' pilotaġġ u rmiġġ Servizzi ta' salvataġġ u varar mill-ġdid Servizzi oħra ta' sostenn għal trasport bl-ilma Kostruzzjoni għal passaġġi fuq l-ilma, portijiet, digi u xogħlijiet oħra fuq l-ilma

Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 5133, CPC5223, CPC 721, CPC 74520, CPC 74540, CPC 74590
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq Obbligi
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	L-Att Marittimu (1994:1009), id-Digriet dwar is-Sikurezza tal-Bastimenti (1994:1009) Ir-Regolament dwar is-Sigurtà tal-Bastimenti (2003:438)
Deskrizzjoni:	**Investiment, Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi u Servizzi tat-Trasport Marittimu Internazzjonali** Bastiment jitqies Żvediż u jista’ itajjar il-bandiera Żvediża jekk aktar minn nofs l-ekwità huwa proprjetà ta’ ċittadini jew persuni ġuridiċi Żvediżi. Il-Gvern jista' iħalli l-bastimenti barranin itajru l-bandiera Żvediża fejn l-operazzjonijiet tagħhom huma taħt kontroll Żvediż jew is-sid jista' juri li għandu r-residenza permanenti tiegħu fl-Iżvezja. Il-bastimenti li huma 50 fil-mija jew aktar kkontrollati minn ċittadini ta' Stat Membru taż-ŻEE jew kumpaniji li għandhom l-uffiċċju reġistrat, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negozju tagħhom fiż-ŻEE u li t-tħaddim tagħhom huwa kkontrollat mill-Iżvezja, jistgħu jiġu rreġistrati wkoll fir-reġistru Żvediż. Il-kmandant ta' bastiment kummerċjali jew bastiment tradizzjonali għandu jkun ċittadin ta’ Stat Membru taż-ŻEE. Jistgħu jingħataw eżenzjonijiet mill-Aġenzija ta' Trasport Żvediż. Riżerva Żvediża separata hija applikabbli għal bastimenti użati għas-sajd u l-akkwakultura.
Settur:	Trasport
Sottosettur:	Servizzi tat-trasport bil-ferrovija

Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 7111
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Järnvägslagen (L-Att dwar it-trasport stradali u ferrovjarju) (2004:519), Kapitolu 5, l-Artikolu 2c
Deskrizzjoni:	**Investiment** Il-fatt li jittellgħu jew jitniżżlu passiġġieri fuq il-linja bejn il-Belt ta' Stokkolma u l-Ajruport ta' Arlanda (fejn Arlanda hija l-punt tat-tluq jew id-destinazzjoni finali tal-vjaġġ) huwa limitat għal operatur wieħed. L-operatur għal-linja bejn Arlanda u Stokkolma jista' iħalli lil operaturi oħra jużaw il-linja tiegħu. Din ir-riżerva ma tapplikax għat-trasport ta' passiġġieri bejn Arlanda u destinazzjonijiet oħra li ma jkunux Stokkolma.
Settur:	Trasport
Sottosettur:	Is-servizzi tal-operaturi tat-trasport tal-merkanzija bit-triq u tat-trasport tal-passiġġieri bit-triq
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 712
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq It-trattament l-aktar favorit tal-pajjiż
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Yrkestrafiklag (2012:210) (l-Att dwar it-trasport professjonali) Lag om vägtrafikregister (2001:558) (l-Att dwar ir-reġistru tat-traffiku fit-triq) Yrkestrafikförordning (2012:237) (ir-Regolament tal-Gvern dwar it-traffiku professjonali) Taxitrafiklag (2012:211) (l-Att dwar it-Taksis) Taxitrafikförordning (2012:238) (ir-Regolament tal-Gvern dwar it-taksis)

Deskrizzjoni:

Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi

Għall-eżerċizzju tal-okkupazzjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq jeħtieġ liċenzja Żvediża. Il-kriterji biex tirċievi liċenzja għal taksi jinkludu li l-kumpanija tkun ħatret persuna fiżika biex taġixxi bħala maniġer tat-trasport (rekwiżit *de facto* ta' residenza – ara r-riżerva Żvediża fuq it-tipi ta' stabbiliment).

Il-kriterji biex tirċievi liċenzja għal operaturi oħrajn tat-trasport bit-triq jeżiġu li l-kumpanija tkun stabbilita fl-UE, ikollha stabbiliment li jinsab fl-Iżvezja u tkun ħatret persuna fiżika li taġixxi bħala maniġer tat-trasport, li trid tkun residenti tal-UE.

Il-liċenzji jingħataw abbażi ta' termini mhux diskriminatorji, ħlief li l-operaturi tas-servizzi tat-trasport tal-merkanzija bit-triq u tat-trasport tal-passiġġieri bit-triq jistgħu bħala regola ġenerali jużaw biss vetturi li huma rreġistrati fir-reġistru nazzjonali tat-traffiku fit-triq. Jekk vettura hija rreġistrata barra mill-pajjiż, u tkun il-proprjetà ta' persuna fiżika jew ġuridika li għandha r-residenza prinċipali barra mill-pajjiż u tinġieb l-Iżvezja għal użu temporanju, il-vettura tista' tkun temporanjament użata fl-Iżvezja. L-użu temporanju huwa normalment iddefinit mill-Aġenzija tat-Trasport tal-Iżvezja li jfisser mhux aktar minn sena.

L-operaturi tas-servizzi tat-trasport tal-merkanzija bit-triq u tat-trasport tal-passiġġieri bit-triq barra mill-pajjiż jeħtieġu li jkunu liċenzjati għat-tali operazzjonijiet mill-awtorità kompetenti fil-pajjiż fejn huma stabbiliti. Jistgħu jiġu rregolati rekwiżiti addizzjonali għan-negozju transfruntier fi ftehim bilaterali dwar it-trasport bit-triq. Għal vetturi fejn ebda ftehim bilaterali mhuwa applikabbli, jeħtieġ ukoll liċenzja mill-Aġenzija tat-Trasport tal-Iżvezja.

Riżervi applikabbli fir-Renju Unit

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizz legali
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Parti minn CPC 861
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Reġjonali
Miżuri:	Għall-Ingilterra u Wales, l-Att tal-1974 dwar l-Avukati (Solicitors), l-Att tal-1985 dwar l-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja u l-Att tal-2007 dwar is-Servizzi Legali. Għall-Iskozja, l-Att tal-1980 dwar l-Avukati (Solicitors) u l-Att tal-2010 dwar is-Servizzi Legali (l-Iskozja). Għall-Irlanda ta' Fuq, l-Ordni tal-1976 dwar l-Avukati (Solicitors) (l-Irlanda ta' Fuq). Barra minn hekk, il-miżuri applikabbli f'kull ġurisdizzjoni jinkludu kwalunkwe rekwiżit stabbilit minn korpi regolatorji u professjonali.
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Ir-residenza (preżenza kummerċjali) tista' tkun meħtieġa għall-provvista ta' xi servizzi legali domestiċi tar-Renju Unit mill-korpi professjonali jew regolatorji relevanti. Għall-provvista ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi tal-UE u l-liġi tal-Istati Membri tal-UE, tista' tkun meħtieġa preżenza kummerċjali li għandha tieħu waħda mill-forom legali li huma permessi bil-liġi nazzjonali fuq bażi mhux diskriminatorja. Barra minn hekk, il-liġi nazzjonali tista' tinkludi rekwiżiti mhux diskriminatorji għall-organizzazzjoni tal-forom ġuridiċi permessi.

Settur:	Servizzi tas-saħħa
Sottosettur:	Servizzi veterinarji
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 932
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	L-Att dwar il-Kirurgi Veterinarji (1966)
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** L-aċċess huwa possibbli permezz ta' soċjetà jew persuni fiżiċi biss. Il-preżenza fiżika hija meħtieġa għall-eżerċizzju ta' kirurġija veterinarja. Huwa att kriminali taħt l-Att dwar il-Kirurgi Veterinarji għal xi ħadd fir-Renju Unit li mhuwiex kirurgu veterinarju (u membru, għalhekk, tal-Kulleġġ Rjali tal-Kirurġi Veterinarji (RCVS)) li jeżerċitaw kirurġija veterinarja.

Settur:	Enerġija
Sottosettur:	L-estrazzjoni ta' żejt mhux maħdum u gass naturali, is-servizzi inċidentali għall-estrazzjoni, is-servizzi ta' konsulenza xjentifika u teknika relatati
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 11, CPC 883, CPC 8675
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	L-Att tal-1988 dwar iż-Żejt Mhux Maħdum
Deskrizzjoni:	**Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi** Liċenzja hija neċessarja għall-eżerċizzju tal-attivitajiet ta' esplorazzjoni u ta' produzzjoni fuq il-Blata Kontinentali tar-Renju Unit (UKCS), u għall-provvista ta' servizzi li jeħtieġu aċċess jew użu dirett tar-riżorsi naturali.

	Din ir-riżerva tapplika għal liċenzji ta' produzzjoni maħruġa fir-rigward tal-Blata Kontinentali tar-Renju Unit. Biex tkun detentur ta' liċenzja, kumpanija trid ikollha post tan-negozju fir-Renju Unit. Dan ifisser jew: (a) preżenza tal-persunal fir-Renju Unit; (b) reġistrazzjoni ta' kumpanija tar-Renju Unit ma' Companies House; jew (c) reġistrazzjoni ta' fergħa fir-Renju Unit ta' kumpanija barranija ma' Companies House. Dan ir-rekwiżit jeżisti għal kull kumpanija li tapplika għal liċenzja ġdida u għal kull kumpanija li tipprova li jkollha parti f'liċenzja eżistenti permezz ta' ċessjoni. Dan japplika għal-liċenzji kollha u għall-intrapriżi kollha, kemm jekk operaturi jew le. Biex tkun parti għal Liċenzja li tkopri kamp ta' produzzjoni, kumpanija trid: (a) tkun reġistrata mal-Companies House bħala kumpanija tar-Renju Unit; jew (b) teżerċita n-negozju tagħha permezz ta' post fiss ta' negozju fir-Renju Unit kif iddefinit fl-Artikolu 148 tal-Att Finanzjarju tal-2003 (li normalment jeħtieġ preżenza tal-persunal).
Settur:	Sajd Trasport
Sottosettur:	L-attività marina kummerċjali mwettqa minn bastiment tal-baħar, inkluż is-sajd, l-akkwakultura u servizzi inċidentali għas-sajd Servizzi ta' trasport (passiġġieri u merkanzija) minn bastimenti tal-baħar Servizzi ta' pilotaġġ u rmiġġ Servizzi ta' salvataġġ u varar mill-ġdid Servizzi oħra ta' sostenn għal trasport bl-ilma Kostruzzjoni għal passaġġi fuq l-ilma, portijiet, digi u xogħlijiet oħra fuq l-ilma
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 0501, ISIC rev 3.1 0502, CPC 5133, CPC5223, CPC 721, CPC 74520, CPC 74540, CPC 74590, CPC 882

Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	Ir-Regolamenti tal-1993 dwar il-Bastimenti Merkantili (Reġistrazzjoni tal-Bastimenti) u l-Att tal-1995 dwar il-Bastimenti Merkantili
Deskrizzjoni:	**Servizzi ta' Investiment u ta' Trasport Marittimu Internazzjonali** Sabiex jiġi rreġistrat bastiment li jtajjar il-bandiera tar-Renju Unit, interess maġġoritarju fil-bastiment irid ikun ikkontrollat minn persuni kwalifikati. Dawn il-persuni kwalifikati jistgħu jinkludu, iżda mhumiex limitati għal: ċittadini Brittaniċi residenti fir-Renju Unit; ċittadini Brittaniċi li mhumiex residenti fir-Renju Unit meta tinħatar persuna rappreżentattiva domiċiljata fir-Renju Unit; u dawk il-kumpaniji inkorporati tar-Renju Unit u taż-ŻEE b'post tan-negozju fir-Renju Unit jew persuna rappreżentattiva maħtura fir-Renju Unit.